# LUMINARIA

Ġunju '24 nru. 139



## MERĦBA

F'din il-ħarġa nru 139 tas-sena 2024 huwa bi pjaċir li l-pubblikazzjoni Luminaria qiegħda tagħti merħba lir-Ragħaj Spiritwali ġdid filwaqt li tirringrazzja u ssellem lill-Arċipriet uxxenti. Nhar il-15 ta' April, 2024 Dun Krystof Buttigieg ġie maħtur mill-E.T. Mons. Anton Teuma Isqof ta' Għawdex bħala Amministratur Parrokkjali sakemm jieħu t-tmexxija ta' din il-parroċċa bħala t-tmien Arċipriet u s-sittax-il ragħaj spiritwali tan-Nadur. B'sens ta' gratitudni nsellmu lil Mons. Jimmy Xerri li għal dawn l-aħħar 14-il sena ħadem u stinka bis-sħiħ għall-ġid pastorali u soċjali ta' din il-parroċċa.



# Merħba u Grazzi



Dan il-mument sinifikanti għall-istorja tal-parroċċa ta' San Pietru u San Pawl tan-Nadur huwa wkoll immarkat bil-fatt li għall-ewwel darba fl-istorja, bil-grazzja ta' Alla, din il-parroċċa għadha tgawdi minn tliet Arċiprieti ħajjin – Mons. Salvu Muscat, Mons. Jimmy Xerri u Dun Krystof Buttigieg. Nawgurawlhom fil-ħidma rispettiva tagħhom fl-għalqa tal-Mulej.

# WERREJ


Messaġġ mill-Arċipriet Maħtur 2
Messaġġ mill-Arċipriet Emeritu 3
Messaġġ tas-Sindku 5
Apprezzament - Mons. Jimmy Xerri 6
Profil - Dun Krystof Buttigieg 7
Kronaka tal-Parroċċa 8
L-Ewwel Tqarbina – 2023 14
Griżma tal-Isqof – 2023 15
Mir-Reġistri Parrokkjali - Sena 2023 16
Il-Parroċċa Tifraħ 18
Għaqda Abbatini Nadur 27
Paġna MUSEUM Subien 28
Paġna MUSEUM Bniet 29
NTYC 30
L-Iskola Primarja tan-Nadur 32
Il-Banda Mnarja 34
Kumitat Festi Esterni 37
Kumitat Purċissjoni Ġimgħa l-Kbira Nadur 40
L-Azzjoni Kattolika fin-Nadur 42
Il-Leġjunarji ta' Marija fin-Nadur 43
Day Centre Anzjani Nadur 44
Il-Komunità Ewkaristika 45
Għaqda Dun Franġisk Grima 46
Grupp tar-Romol 47
Servizzi ta' Qadi lill-Morda 48
Rapport Nadur Youngsters 50
S.S. Pietru u Pawl Għaddew minn Mumenti Diffiċli 54
Sena Ta' Ġublew 2025 56
Ħatra ta' Postulatur fil-kawża ta' Dun Mikiel Attard 58
Dun Mikiel Attard - 20 sena - X'Jonqos 60
Parroċċa Missjunarja 62
Baħrin Nadurin - Il-Kav. Ġużepp Camilleri 67
Sejba ta' Manuskritti Mużikali Antiki 72
Mill-Arkivju Parrokkjali 74
Imħallfin u Sindki fin-Nadur 76
X'Ġara fin-Nadur Mitt Sena Ilu? 82
Liema l-Aħjar Żmien? 86
Restawr ta' Kotba 89
Xita fin-Nadur 90











## BORD EDITORJALI

Ħarġa numru 139 • Ġunju 2024 • L-40 Sena


- Ir-Rivista Luminaria tiġi ppubblikata mill-Parroċċa San Pietru u San Pawl, Nadur, darba f'sena lejn l-aħħar ta' Ġunju għall-festa tal-Imnarja.
- Koordinata mill-Bord Editorjali magħmul minn: L-Arċipriet maħtur Dun Krystof Buttigieg u l-Arċipriet Emeritu Mons. Jimmy Xerri, Miriam Muscat (Editur), Daniel Meilak, Mary Anne Pace u Martin Attard.
- Qari tal-Provi: Miriam Muscat u Mary Grace Mercieca.
- Ritratti ta': Martin Attard, Monica Grima, Mario Muscat, Alessio Sultana, Anaca Photography.
- Il-fehmiet li jistqarru l-awturi u l-korrispondenti tal-artikli li jiġu ppubblikati mhumiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.
- Kull korrispondenza għandha tintbagħat lill-Bord Editorjali, 'LUMINARIA', Uffiċċju Parrokkjali, Pjazza 28 ta' April 1688, Nadur NDR 1033, Għawdex - Tel: 2155 1649
- Disinn u *layout* ta' Rowena Mizzi
- Stampar: Gozo Press, Għajnsielem Tel: 2155 1534


**www.nadurparish.com**

# MESSAĠĠ MILL-ARĊIPRIET MAĦTUR
# DUN KRYSTOF BUTTIGIEG

## *TAĦT IL-ĦARSIEN TAŻ-ŻEWĠ LUMINARJA*



Inħossni vera kuntent li llum ġejt imsejjaħ biex nagħmel parti iktar sħiħa mill-parroċċa ddedikata lil San Pietru u San Pawl: dawk li sa mill-bidu nett kienu meqjusa bħala d-dwal il-kbar tal-Knisja. U dan jagħtini serħan fil-qalb, li ħdejn Alla hemm ukoll huma li jħarsuna, għax b'għemilhom u kliemhom, mill-bidu nett il-Mulej ilu u għadu sal-lum idawwal il-mixi tagħna l-bnedmin fid-dinja. Għax Alla tkellem permezz ta' ħajjithom u ġrajjiethom u kitbiethom inġabru fil-Kotba Mqaddsa biex jibqgħu jdawluna għaż-żmien li ġej.

Nemmen li Pietru u Pawlu stess talbu s-Salm 119 dwar il-ġmiel tal-Liġi ta' Alla, u lissnu l-kliem: "Fanal għal riġlejja l-kelma tiegħek, u dawl fil-mogħdija tiegħi" (Salm 119,105). U din il-kelma ta' Alla emmnuha tant li saret parti minn kliemhom u għemilhom, hekk li mbagħad, dak kollu li għamlu huma u dak li xandru huma, kif inhu miktub fl-Atti tal-Appostli u fl-Ittri, sar *fanal għal riġlejna u dawl fil-mogħdijiet tagħna.*

Għalhekk fl-innu tal-Uffiċċju tat-Talb insibu din l-istrofa mill-isbaħ:

> Hi sunt olívæ duæ
> coram Dómino
> et candelábra luce radiántia,
> præclára cæli duo luminária;
> fórtia solvunt peccatórum víncula
> portásque cæli réserant fidélibus.
>
> Dawn huma ż-żewġ siġriet taż-żebbuġ
> quddiem il-Mulej
> Il-kandelabri li jiddu bid-dawl,
> iż-żewġ luminarja li jixegħlu s-sema;
> Ħa jħollu bil-qawwa l-irbit tal-midinbin
> U jiftħu għall-fidili bibien is-smewwiet.

Tassew "dawn huma ż-żewġ siġriet taż-żebbuġ u ż-żewġ kandelabri wieqfa quddiem is-Sid tal-art" (Apok 11,4): dawk li l-ktieb tal-Apokalissi jsejħilhom iż-żewġ xhieda tal-Mulej. Għalfejn "siġar taż-żebbuġ" u għalfejn "kandelabri mixgħula"? Għax bħaż-żebbuġ li jagħtina ż-żejt ifuħ li jfejjaq il-feriti, jagħti s-saħħa fil-ġisem u jsebbaħ il-wiċċ tagħna, l-istess kliemhom: ifejjaq il-weġgħat ta' qalbna, jagħtina s-saħħa ninħelsu mill-ħażen tagħna, u jsebbaħ id-dehra tagħna quddiem l-oħrajn. U bħal kandelabri kbar mixgħula li jdawlu mill-għoli b'mod li nistgħu naraw fejn immiddu riġlejna, l-istess kliemhom jista' jdawwal l-għażliet tagħna b'mod li ma nitfixklux u ma nintilfux wara dak li ma jiswiex.

Jalla Pietru u Pawlu bil-Kelma ta' Alla li jwasslulna permezz tal-qari tagħha u tat-talb biha, ikunu għal kull wieħed u waħda minna, iż-żewġ luminarja kbar li jdawlu l-għażliet kollha tagħna hekk li aħna fuq l-eżempju tagħhom nagħżlu nagħmlu dak li veru jiswa għal dejjem.

Dan hu l-awgurju tiegħi għal din il-festa u għaż-żmien kollu li għandi quddiemi bħala ragħaj ta' din il-komunità għażiża tan-Nadur.

*Dun Krystof Buttigieg*

# MESSAĠĠ MILL-ARĊIPRIET EMERITU MONS. JIMMY XERRI

## *TMIEM IL-MIXJA TIEGĦI MAGĦKOM*



Dan il-messaġġ qiegħed niktbu wara li temmejt il-mixja tiegħi magħkom, għeżież membri tal-komunità Nisranija fil-parroċċa ta' San Pietru u San Pawl.

L-ewwel nett nawgura lill-Arċipriet il-ġdid Dun Krystof Buttigieg. Il-Mulej jgħinu ħalli l-ħidma tiegħu tkun tal-ikbar ġid għalih u għall-parroċċa kollha.

Minn hawn nixtieq nirringrazzja lil Alla ta' din l-esperjenza magħkom.

M'iniex se nsemmi ismijiet imma nixtieq inrodd ħajr minn qalbi lil dawk kollha li kkollaboraw u ħadmu biex Kristu jkun preżenti fil-ħajja tagħna. Niftakru dejjem li aħna lkoll il-Knisja. Kull wieħed minna jrid iħossu qisu ġebla fil-binja li hija l-Knisja/Familja.

Mill-ġdid inroddilkom ħajr ta' kollox li għamiltu fil-Knisja għall-ġid ta' xulxin. Nawgura lil kulħadd li tħossukom parti minn familja, temmnu bil-qawwa fi Kristu Ġesù u tgħixu l-Vanġelu bl-għażliet għaqlin li tagħmlu fil-ħajja li jislifkom l-Imgħallem.

San Pietru u San Pawl ikunu għalina lkoll eżempju ta' kif nagħtu ħajjitna għal Kristu u l-Knisja tiegħu, b'kuraġġ, entużjażmu u għotja sħiħa sal-aħħar.

Dun Jimmy Xerri

Is- Sindku, Kunsilliera u Staff
tal-
**KUNSILL LOKALI TAN-NADUR**
jixtieq jawgura
l-***Festa tal-Imnarja t-Tajba***
lin-Nadurin kollha.

Made with Love
Personalised occasion souvenirs, gifts & treats

**Weddings, Holy Communions, Holy Confirmations, Graduations**

Whatever the occasion..
we can help you give that **MEMORABLE GIFT**

Contact us on 79592548

**Portelli Print**

Jawguraw il-festa t-tajba lin-Nadurin kollha

40, Ta' Said Street, Nadur, Gozo. Tel/Fax: 2155 8232
e-mail: portelliprint@gmail.com

# MESSAĠĠ TAS-SINDKU
# EDWARD SAID

## *Kunsill Lokali li jemmen bis-sħiħ fil-Festa tal-Imnarja*



Festa kbira bħalma hi l-Imnarja ġġib magħha ħafna xogħol u impenn għal bosta Nadurin, inkluż għall-Kunsill Lokali. Żmien il-festa fir-raħal tan-Nadur dejjem ikun żmien ta' ħafna attività. U dan bir-raġun kollu, għax il-festa tal-Imnarja li niċċelebraw ad unur l-Appostli Patruni tagħna San Pietru u San Pawl hi l-aktar waħda importanti fost il-ħafna attivitajiet li jiġu organizzati matul is-sena. Għall-Kunsill Lokali, l-Imnarja tibqa' l-akbar attività li għaliha jiddedika ħafna ħin, ħafna enerġija u investiment finanzjarju mhux żgħir.

Il-Kunsill Lokali tagħna jagħti kontribut sħiħ lill-Festa tal-Imnarja, kemm dirett kif ukoll indirett. Dan għax jemmen li hi din l-okkażjoni li tagħmilna dak li aħna u dik li tgħaqqadna. Matul il-ġranet tal-festa l-Kunsill Lokali jieħu ħsieb jorganizza l-Wirja Agrarja u ta' Artiġjanat. Attività tradizzjonali li hi relatata direttament mal-Imnarja tal-imgħoddi. Attività fejn joħorġu fid-deher ħafna mit-talenti Nadurin. Ma' dan, il-Kunsill Lokali jieħu ħsieb jorganizza wkoll l-Attività tat-Tfal. Dan għax iħoss li anke dawn jixirqilhom li għandhom igawdu f'dan iż-żmien sabiħ għal raħalna. Ma' dawn l-attivitajiet il-Kunsill Lokali tagħna jagħti l-kontribut sħiħ tiegħu fl-attività li ssir għaż-Żgħażagħ, fl-Ikla Tradizzjonali, fil-kunċert mużikali mtella' mill-Banda Mnarja 'Big Band Adventures', fil-manifestazzjoni tat-tfal b'San Pietru u San Pawl, u saħansitra f'diversi spettakli li jiġu mtella' minn diversi għaqdiet fin-Nadur. F'kelma waħda l-Kunsill Lokali jikkollabora ma' kull għaqda fin-Nadur fl-attivitajiet kollha li jittellgħu marbuta mal-Imnarja, inkluż il-Parroċċa. Ma' dan kollu, il-Kunsill Lokali jieħu ħsieb ukoll l-indafa matul dawn il-ġranet kif ukoll jiffinanzja l-kontroll tat-traffiku għal aktar ordni f'dawn il-jiem importanti.

F'soċjetà li kull ma' jmur qiegħda dejjem tinbidel, jibqa' dmir tal-Kunsill Lokali li jkompli jsaħħaħ din il-festa tant għażiża għalina n-Nadurin. Għandna d-dmir li minn età żgħira nkomplu nrawmu fit-tfal tagħna l-imħabba u s-sens ta' impenn lejn l-Imnarja. Għandna nkomplu nimpenjaw lil kull Naduri li jrid jagħti kontribut fil-qasam speċjalizzat tiegħu biex il-festa tagħna tmur dejjem iktar 'il quddiem. Għandna nkomplu ninkoraġġixxu liż-żgħażagħ tagħna biex imiddu jdejhom kemm fil-festa u kemm fl-attivitajiet l-oħra li jiġu organizzati fin-Nadur. Bħala Kunsill Lokali mhux biss nemmnu li ħadd mhu għar-rimi, iżda nemmnu li kulħadd, hu min hu, għandu xi ħaġa x'joffri, min mod u min ieħor. Bl-ideat u bix-xogħol ta' kull wieħed u waħda minna, nistgħu nkomplu noħolqu komunità Nadurija, li mhux biss tippreserva dak li ħallewlna missirijietna, iżda nkunu nistgħu ngħaddu dawn is-sentimenti tant sbieħ lill-ġenerazzjonijiet ta' warajna.

Minn qalbi nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd.

Is- Sindku

# APPREZZAMENT

Daniel Meilak

## Mons. Kan. Jimmy Xerri Ph.L
### Arċipriet tan-Nadur bejn l-2010 u l-2024



Meta kien instema' li l-parrokat tal-Arċipriet Mons. Salv Muscat kien wasal fi tmiemu, u li issa l-parroċċa tan-Nadur se jkollha Arċipriet ġdid wara aktar minn 27 sena, kien hemm ħafna aspettazzjonijiet, aktar u aktar meta l-Arċipriet il-ġdid kien għadu l-Brażil! Dun Jimmy wasal in-Nadur bl-għan li jgħin lill-poplu t'Alla jikber fil-qdusija – kif wara kollox huwa d-dmir prinċipali ta' kull ragħaj spiritwali. Waqt li kompla jibni fuq dak li ħalla l-Arċipriet Mons. Muscat, l-Arċipriet Xerri beda jaġġorna lill-parroċċa għaż-żminijiet u l-isfidi ġodda li kien qed iġib miegħu t-tielet millennju. Saħħaħ il-gruppi ta' formazzjoni, investa l-enerġija u l-flus fil-liturġija u fil-pastorali. Temm proġetti mibdija, bħalma kien dak taċ-Ċimiterju tal-Ħniena Divina u kompla l-proġett tad-dawl tal-knisja flimkien ma' proġetti ġodda bħal dak taċ-Ċentru Parrokkjali. Ħadem biex issaltan aktar għaqda u armonija fost il-kumitati u l-gruppi kollha li jorganizzaw il-festa titulari, ħa ħsieb il-patrimonju li ħallew missirijietna billi waqqaf il-mużew tal-parroċċa u rrestawra opri tal-arti li jinsabu fil-knisja biex jibqgħu jitgawdew minna u minn ta' warajna.

Iżda l-Arċipriet Xerri żgur se jibqa' mfakkar għall-kwalitajiet li kienu jagħmlu ħoss żgur aktar milli huwa xtaq. Is-sempliċità tiegħu, is-sensibilità għal dak li jkun għaddej minnu kull bniedem li jiltaqa' miegħu, l-umoriżmu tiegħu żgur li ħallew impatt. Iżda mas-sempliċità u l-umiltà tiegħu nżidu wkoll l-għerf tiegħu li kien jimmanifesta ruħu fil-pariri li jagħti, fil-mod kif iħares lejn il-ħajja, fil-kotba li ppubblika, fl-omeliji tiegħu – sempliċi li jifhimhom kulħadd imma mimlija wkoll bi ħsibijiet profondi - u fil-mod ta' kif kien jirrendi l-filosofija li jaf u li jgħallem fis-Seminarju Maġġuri, relevanti għall-parruċċani kollha. U li kieku jitkellmu dawk kollha li huwa għen anke fil-ħtiġijiet materjali tal-ħajja – niktbu ktieb! Mhux biss sostna kategoriji ta' nies – bħalma huma ż-żgħażagħ u l-adolexxenti, l-anzjani, it-tfal, il-koppji u l-familji – imma wkoll emmen bis-sħiħ fil-karità li kull komunità għandha tgħożż, saħħaħ il-Caritas Parrokkjali u għen kemm seta' nies fil-bżonnijiet materjali tagħhom, għaliex ma hemmx nisrani tajjeb, jekk qabel ma jkunx hemm bniedem tajjeb.

U dawk l-aspettazzjonijiet li l-poplu Naduri kellu fil-bidu tal-parrokat tal-Arċipriet Mons. Jimmy Xerri ssarrfu f'dispjaċir meta ġriet l-aħbar li anke dan il-parrokat wasal fi tmiemu wara erbatax-il sena. Il-marka li ħalla se tibqa' fil-qlub tan-Nadurin u mnaqqxa fil-kotba tal-istorja ta' din il-parroċċa li fi 336 sena rat ħmistax-il Kappillan u Arċipriet.

Lil Mons. Jimmy Xerri, nawgurawlu ħafna saħħa u aktar ħidma f'dak li l-Mulej jafdalu fil-futur.

# PROFIL

Daniel Meilak

## L-Arċipriet Maħtur
## Dun Krystof Buttigieg



Wara erbatax-il sena l-parroċċa tan-Nadur qed terġa' tara bidla fir-ragħaj spiritwali tagħha. L-għażla tal-E.T. Mons. Isqof Anton Teuma waqgħet fuq is-saċerdot żagħżugħ Dun Krystof Buttigieg. Buttigieg, li huwa mill-Qala, twieled fis-26 ta' Lulju 1986 minn Sammy u Frances Buttigieg. Missier Dun Krystof huwa min-Nadur. Huwa ħa l-edukazzjoni tiegħu fl-iskola primarja Anton Buttigieg tal-Qala u mbagħad fis-Seminarju Minuri tal-Qalb ta' Ġesù. Minn hemm għadda għall-Kulleġġ Sir Mikelanġ Refalo fejn imbagħad beda l-kors ta' formazzjoni u dixxerniment fis-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù. Ġie ordnat djaknu mill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof t'Għawdex (illum Kardinal) fl-20 ta' Ġunju 2010 u saċerdot nhar it-28 ta' Mejju 2011 minn idejn l-Isqof Grech.

Fil-bidu tal-ministeru tiegħu huwa mar lejn Ruma fejn kompla jistudja l-Patroloġija (jiġifieri l-istudji dwar il-Missirijiet tal-Knisja) mill-Istituto Patristico 'Agostinianum' fejn kiseb il-Liċenzjat f'Mejju tal-2016 u d-Dottorat fix-Xjenzi Patristiċi f'Novembru tal-2021. Fiż-żmien li huwa qatta' f'Ruma huwa ħadem: fil-parroċċa ta' Santa Chiara (Vigna Clara) bejn l-2011 u l-2017; fil-parroċċa ta' San Vigilio (EUR – Laurentina); u fil-pastorali vokazzjonali djoċesana bħala Viċi-Rettur tal-komunità tas-Seminarju Minuri mill-2019 sal-2021, filwaqt li kien imur ukoll jaqdi bħala kollaboratur fil-parroċċa San Pio X (Balduina) l-iktar għax-xogħol mal-adolexxenti u ż-żgħażagħ.

Meta f'Settembru tal-2021 rritorna fid-Djoċesi ta' Għawdex, huwa ġie fdat bħala Vigarju Parrokkjali fil-parroċċa ta' Santa Marija taż-Żebbuġ, ħa ħsieb l-uffiċċju tal-katekeżi djoċesana, kien responsabbli mill-pastorali djoċesana tal-familja, u qeda wkoll bħala direttur spiritwali tal-istaff u l-istudenti fil-Gozo College Middle School.

Nhar il-15 t'April 2024, l-Isqof ta' Għawdex l-E.T. Mons. Anton Teuma waqt quddiesa li saret fil-Kolleġġjata Bażilika tan-Nadur ħabbar li Dun Krystof Buttigieg ser ikun qed jassumi r-responsabilità ta' Amministratur Parrokkjali b'mod immedjat.

Din hija l-ewwel darba fl-istorja tal-parroċċa tan-Nadur sa mit-twaqqif tagħha fl-1688 li fl-istess waqt kien hemm tliet Arċiprieti ħajjin: Mons Salvu Muscat (1982-2010), Mons. Jimmy Xerri (2010-2024), u Dun Krystof Buttigieg (2024 - ).



# KRONAKA TAL-PARROĊĊA

**MEJJU 2023 – APRIL 2024**

## MEJJU

### Rużarju fil-beraħ
Kull nhar ta' Ġimgħa matul ix-xahar ta' Mejju ngħadet it-talba tar-rużarju fil-pubbliku f'żoni differenti tar-raħal: Ġnien il-Kunsill, Triq iż-Żerniq, Triq Għajn Berta fl-inħawi ta' San Blas u l-playing field tal-Ħali.




### Purċissjoni ta' San Ġużepp
Nhar il-Ħadd l-1 ta' Mejju festa ta' Jum il-Ħaddiem, wara l-quddiesa tal-5.00pm saret purċissjoni qasira li daret mas-salib tal-pjazza, bix-xbieha ta' San Ġużepp.

### L-ewwel Tqarbina
Nhar il-Ħadd 28 ta' Mejju saret il-festa tal-ewwel tqarbina għal 31 tifel u tifla li rċivew lil Ġesù Ewkaristija għall-ewwel darba f'ħajjithom. Nitolbu għalihom biex minkejja l-età żgħira tagħhom jifhmu li meta jirċievu lil Ġesù, jersqu iktar lejn xulxin.

### Programm Marjan
Nhar it-Tlieta 30 ta' Mejju 2023 fis-7.00pm saret purċissjoni bil-Madonna tal-Qasam Museum Subien mill-pjazza San Pietru u San Pawl sal-bitħa tal-Museum tas-subien fejn ittella' programm qasir ta' kant, qari ta' poeżiji, prietka ta' tifel u konsagrazzjoni lill-Madonna. Kulħadd kien mistieden għal din l-attività.

## ĠUNJU

Is-Sibt 10 ta' Ġunju ttella' dramm fil-Bażilka ta' San Pietru u San Pawl dwar il-ħajja tal-patruni tagħna bit-titlu "Min Aħna?" Kiteb u dderieġa dan id-dramm Joe Chircop bis-sehem tal-atturi Mario Micallef u Silvio Axisa.

### Festa Tal-Korpus
Din il-festa li tagħti ġieħ lill-Ġesù Ewkaristija ġiet iċċelebrata nhar il-11 ta' Ġunju 2023. Għall-quddiesa tat-8.30am kienu mistiedna t-tfal li għamlu l-Ewwel Tqarbina u wara ħarġet il-purċissjoni fejn kien mument sabiħ li fih nuru l-qima u nagħmlu l-adorazzjoni lil Ġesù għaddej mit-toroq tagħna.



### Festa Mnarja 16 – 29 Ġunju 2023
Il-programm tal-festa tal-Imnarja beda bi programm mużikali mill-Banda Mnarja taħt id-direzzjoni tal-Mro Dr Joseph Grech LCCM fil-pjazza. Il-Kunċert għalaq bi spettaklu ta' nar sinkronizzat mal-mużika.




Fis-17 ta' Ġunju Jum l-Abbatini l-quddiesa kienet mmexxjija mill-Kan. Dun Reuben Micallef, direttur tal-abbatini li fiha saret il-vestizzjoni ta' erba' abbatini



ġodda. Mistiedna kien hemm l-abbatini kollha flimkien mal-familjari tagħhom. Wara l-quddiesa kien hemm festin żgħir għalihom.

Il-Ħadd 18 ta' Ġunju tkompliet il-Wirja Agrarja u wara l-konċelebrazzjoni tas-7.00pm immexxija mill-Arċipriet Jimmy Xerri, bil-parteċipazzjoni tal-Banda Mnarja, kien hemm il-ħruġ tal-istatwa min-niċċa.

Xi jiem oħra tan-novena kienu ddedikati lill-Jum il-Barranin fostna, u Jum is-Saċerdozju Kattoliku. Din iċ-ċelebrazzjoni kienet mmexxija minn Dun Michael Said, Vigarju Parrokkjali tal-Qala u fiha radd ħajr lil Alla għall-25 sena tas-saċerdozju tiegħu. Wara saret bibita fuq iz-zuntier.

Kien hemm ukoll Jum il-Komunità li taqdi, il-Ministeri fil-Liturġija u l-Fratellanzi. Din il-quddiesa kienet immexxija minn Dun Karm Portelli. Il-quddiesa ta' Jum l-Evanġelizzazzjoni u l-Volontarjat mexxija l-Kan. Joe Cardona. F'Jum il-Familja l-quddiesa tmexxiet minn Mons. Penitenzier Salv Pace u għaliha kienu mistiedna b'mod speċjali dawk il-familji li kienu qed jiċċelebraw il-25 jew il-50 anniversarju miż-żwieġ tagħhom kif ukoll dawk li għammdu lit-trabi tagħhom matul din is-sena. Is-Sibt 24 ta' Ġunju ġie ċċelebrat Jum il-Morda u l-Anzjani u Jum iż-Żgħażagħ. Filgħodu saret quddiesa mmexxija



minn Mons. Salv Grima bis-sehem tal-anzjani u l-morda u wara kien hemm festin tal-okkażjoni. Filgħaxija mbagħad iż-żgħażagħ u l-adolexxenti kienu mistiedna jieħdu sehem f'quddiesa ċċelebrata minn Dun Daniel Sultana. Wara ttellgħet serata varjata ta' kant, żfin, farsa u logħob divertenti fi Pjazza 28 t'April 1688. Mistieden speċjali kien Mark Laurence Zammit.

Il-Ħadd 25 ta' Ġunju kien Jum it-Tfal u l-quddiesa tad-9.30am kienet immexxija minn Mons. Arċipriet Jimmy Xerri u animata mit-tfal għat-tfal. Wara saret manifestazzjoni bi xbihat ta' San Pietru u San Pawl għat-tfal kollha.

Fit-tlett ijiem tat-tridu l-omeliji kienu minsuġa minn Dun Noel Debono. Dawn il-jiem kienu ddedikati lill-Jum il-Caritas u l-Benefatturi u Jum l-Emigranti. It-Tnejn 26 ta' Ġunju ħabat ukoll l-anniversarju tal-Għoti tal-Bażilka. Lejlet il-festa ġiet iċċelebrata Konċelebrazzjoni Solenni ta' ringrazzjament 'l Alla fi tmiem in-novena u t-Tridu mmexxija mill-Arċipriet flimkien mal-Kapitlu u l-Kleru. Filgħaxija, l-Eċċ. T. Mons. Anton Teuma Isqof t'Għawdex mexxa t-Translazzjoni u l-Għasar Pontifikali.

Iċ-ċelebrazzjonijiet ta' Jum il-Festa bdew b'Konċelebrazzjoni Pontifikali Solenni mmexxija mill-Isqof Anton Teuma. Filgħaxija l-Għasar solenni tmexxa mill-Arċipriet u dritt wara kien hemm il-ħruġ tal-istatwa titulari ta' San Pietru u San Pawl. Il-festi liturġiċi ġew fi tmiemhom bid-dħul tal-istatwa fil-bażilka, fejn indaqqet l-Antifona u wara ngħatat il-Barka Sagramentali lil dawk preżenti.

## LULJU

Nhar id-9 ta' Lulju ħabtet il-festa tal-Qalb ta' Ġesù u fil-Knisja tal-Qalb ta' Ġesù ġiet iċċelebrata din il-festa. Wara l-quddiesa tas-7.00am minn Dun Karm Portelli, ngħata bidu għal-adorazzjoni solenni sal-ħin tal-5.30pm fejn ingħad ir-rużarju u dritt wara fis-6.00pm bdiet il-Konċelebrazzjoni Pontifikali preseduta minn Mons. Isqof Anton Teuma. Wara ħarġet il-purċissjoni bis-Santissmu Sagrament.

### Nifirħu

Mons. Joseph Grech li jinsab jaqdi l-ministeru saċerdotali tiegħu f'Ruma, ġie magħżul bħala l-Postulatur il-ġdid tal-kawża tal-beatifikazzjoni tal-Qaddej t'Alla Dun Mikiel Attard. Inkomplu nitolbu biex din il-kawża tkompli miexja 'l quddiem.

## AWWISSU

### Ġimgħa Mużewmina

Bejn is-7 u l-11 t'Awwissu nżammet il-Ġimgħa Mużewmina fil-qasam tas-subien tan-Nadur. Il-programm kien imżewwaq b'att ta' attivitajiet fosthom

quddiesa, ġurnata logħob, adorazzjoni u play dwar San Ġwann Bosco: *Ħolma li sawret ħajja*. Kulħadd kien mistieden għal dawn l-attivitajiet li saru fil-beraħ fil-grawnd tal-istess Museum.

### Volontarjat fil-Gwatemala

Fil-11 t'Awwissu Fr Mark Bonello flimkien ma' 3 żgħażagħ min-Nadur żaru l-missjoni ta' Dun Anton Grech biex jagħmlu esperjenza missjunarja fil-Gwatemala.

## SETTEMBRU

### *A Concert of Virtuoso Trio*

Nhar is-Sibt 16 ta' Settembru ttella' kunċert mużikali fil-knisja bis-sehem ta' Jason Camilleri fuq it-trumbetta u t-trumbetta Barokka, Milicia Lawrence fuq l-orgni u t-Tenur David Won (US).

### Purċissjoni tad-Duluri

Nhar il-Ħadd 17 ta' Settembru wara l-quddiesa tal-5.00pm ħarġet il-purċissjoni bl-istatwa tad-Duluri akkumpanjata bis-sehem tal-kapitlu tal-Kolleġġjata, Kleru, Fratelli u Abbatini. Waqt il-purċissjoni ngħadet it-talba tar-ružarju.



## OTTUBRU



Nifirħu lil Jamie Buttigieg żagħżugħ mill-parroċċa tagħna li qal iva għas-sejħa vokazzjonali tiegħu u beda l-mixja li twassal għas-saċerdozju. Nifirħulu u nawgurawlu.

### Ružarju fil-beraħ

Kull nhar ta' Ġimgħa matul ix-xahar t'Ottubru ngħad ir-Ružarju f'żoni differenti tar-raħal fosthom quddiem il-Madonna fi Ġnien il-Kunsill, fil-grawnd tal-boċċi fi Triq il-Qortin u fi Triq Duru fuq tax-Xini.

### Djaknu Franklin Micallef

Fil-bidu tas-sena pastorali lqajna fostna lid-Djaknu Franklin Micallef mill-parroċċa tal-Madonna tas-Sokkors u San Girgor il-Kbir f'Ta' Kerċem. Għal din is-sena hu se jaħdem f'diversi oqsma fil-parroċċa tagħna fosthom maż-żgħażagħ u pastorali oħra.

Il-Mixegħla tal-Qaddisin Kollha b'San Pietru bis-simboli tal-imfietaħ, id-dgħajsa u x-xibka; San Pawl bis-simboli tax-xabla, il-lifgħa, l-Iskrittura u r-rixa kienet l-istampa li ġiet iffurmata minn għadd kbir ta' xemgħat għall-mixegħla tal-qaddisin kollha din is-sena. Grazzi liż-żgħażagħ tan-*Nadur Teen & Youth Centre* li ħadu ħsieb din l-inizjattiva.




## NOVEMBRU

Nhar il-Ħamis 2 ta' Novembru tifkira tal-mejtin kollha saret konċelebrazzjoni fil-kappella taċ-ċimiterju tal-Ħniena Divina fl-4.00pm. Wara sar it-tberik tal-oqbra.

### Festa ta' San Koronatu

Din is-sena ġiet iċċelebrata bejn is-7 u t-12 ta' Novembru fejn nhar it-Tlieta 7 ta' Novembru saret quddiesa speċjali għat-tfal kollha bi preparazzjoni għall-festa ta' San Koronatu fejn fiha ġew preżentati l-kandidati għas-sagrament tal-Griżma tal-Isqof. It-tlett ijiem tat-Tridu kienu mmexxija mill-Kan. Geoffrey G Attard. Il-quddiesa ta' Lejlet il-Festa kienet immexxija minn Mons. Arċipriet Richard Farrugia (Xagħra) bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru. Dakinhar ukoll il-Banda Mnarja għamlet kunċert fit-teatru MBC taħt id-direzzjoni ta' Mro. Dr Joseph Grech. F'jum il-festa, il-Ħadd 12 ta' Novembru 2023, il-



Quddiesa Solenni tmexxiet mill-Arċipriet Mons Jimmy Xerri bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru. Il-purċissjoni bil-fdalijiet ta' San Koronatu ħarġet fl-4.30pm u tmexxiet mill-Arċipriet u akkumpanjat il-Banda Mnarja. Mal-wasla tal-purċissjoni fil-knisja ndaqqet l-Antifona u ngħatat il-Barka Sagramentali.

### Kalendarju 2024

Matul Novembru beda jitqassam il-kalendarju mħejji mill-parroċċa għas-sena 2024. Dan jinkludi fih riproduzzjonijiet ta' ritratti li ttieħdu madwar 100 sena ilu. In-negattivi ta' dawn ir-ritratti jinsabu fl-arkivju tal-parroċċa.

## DIĊEMBRU

Matul ix-xahar ta' Diċembru tqassam il-ktejjeb bit-talb fil-familji kollha. Dan il-ktieb kien mogħti mid-Djoċesi Għawdxija.

### Żmien l-Avvent

Fi żmien l-Avvent fiċ-Ċentru sar it-talb tat-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum filwaqt li l-Għasar sar fil-knisja. Sa tard billejl kien hemm ukoll id-disponibiltà tal-qrar.

### Siġra tal-Karità

Bħal fis-snin l-imgħoddija, is-siġra tal-karità ġiet armata fil-knisja. L-oġġetti miġbura twasslu għand diversi entitajiet li għandhom bżonn l-għajnuna. Il-ġbir ta' din is-sena kien għal Dar Arka, id-Dar tal-Providenza, Angela House, u l-Caritas Parrokkjali u Djoċesan.

### Novena tal-Milied

Mill-15 sat-23 ta' Diċembru ġiet iċċelebrata n-Novena tal-Milied imnebbħa mill-persunaġġi tal-presepju f'għeluq it-800 sena minn meta San Franġisk t'Assisi għamel l-ewwel presepju fi Greccio, b'ġurnata għas-sagrament tar-rikonċiljazzjoni.



F'lejlet il-Milied fis-7.00pm kien hemm il-purċissjoni tal-Bambin organizzata mill-Museum tas-subien bis-sehem tal-Banda Mnarja. Fil-11.30pm mbagħad ngħata bidu għall-Quddiesa ta' Nofsillejl bil-kant tal-Matutin.
Nhar il-Milied is-soċjetà tal-Museum tellgħet programm tal-Milied fil-knisja. Dan kien jinkludi kant, poeżiji, play qasira u prietka tat-tifel.

### Kwaranturi

Bejn it-30 ta' Diċembru 2023 u l-1 ta' Jannar 2024 kienu jiem ta Adorazzjoni Solenni fil-parroċċa tagħna. Matul dawn il-kwaranturi kien hemm diversi mumenti ta' adorazzjoni mmexxija minn għaqdiet tal-parroċċa.

## JANNAR

Fl-1 ta' Jannar Solennità ta' Marija Omm Alla u l-ewwel jum tas-sena l-ġdida tkompliet l-adorazzjoni fis-skiet sal-quddiesa tal-5.00pm fejn saret konċelebrazzjoni solenni tal-għeluq tal-Kwaranturi mmexxija mill-Arċipriet bil-kant tal-Għasar integrat. Wara Ġesù Ewkaristija ħareġ proċessjonalment fit-toroq tagħna u mad-daħla lura fil-knisja ngħatat il-Barka Sagramentali.

Nhar il-Ħadd 28 ta' Jannar saret il-festa ta' San Blas. Wara l-marċ mill-Banda Mnarja saret quddiesa fil-beraħ. Sar ukoll it-tberik tal-annimali u prodotti agrikoli tal-bdiewa tal-inħawi.



## FRAR

Nhar il-Ġimgħa 2 ta' Frar festa tal-Gandlora fejn wara 40 jum Ġesù tarbija kien ippreżentat fit-Tempju. F'dan il-jum niftakru li Ġesù huwa d-dawl tagħna u għalhekk f'xi quddies saret il-funzjoni tad-dawl kemm għat-tfal kif ukoll għall-adulti fejn saret mixgħela bix-xemgħat fil-knisja biex b'dan il-ġest nistqarru li Ġesù għalina huwa d-dawl u li mingħajru f'ħajjitna jkollna d-dlam.

### Sr Angeline Nusembi

Soru ġdida mill-Kenja, Sr Angeline Musembi ngħaqdet mal-komunità tas-Sorijiet Franġiskani fin-Nadur biex tagħmel parti minn din il-komunità fil-parroċċa tagħna. Nagħtuha merħba bil-ferħ fostna.

### Randan

Ras ir-Randan ħabat nhar l-Erbgħa 14 ta' Frar. Fil-quddies kollu saret il-funzjoni tal-irmied. Fil-jiem tar-Randan fl-4.30pm ġiet irreċitata t-talba tar-Rużarju, ingħatat il-Barka Sagramentali u fil-5.00pm ġiet iċċelebrata quddiesa. Nhar ta' Ġimgħa kienet issir il-Via Sagra minn saċerdoti u persuni oħrajn. Matul ir-Randan saru diversi eżerċizzi mmirati għal-diversi kategoriji ta' nies fosthom għal koppji miżżewġin, adolexxenti u żgħażagħ.



# IĊ-ĊIMA

ROOF GARDEN RESTAURANT

*Ikel mill-aqwa, atmosfera familjari u prezzijiet li jlaħħaq magħhom kulħadd*

St. Simon Street,
Xlendi - Gozo - Malta.
www.starwebmalta.com/cima.htm

Tel: 21558407
Fax: 21556737
Mob: 99558407
99877510

# FAMILY NEEDS

Boutique

Pjazza Arċ Martin Camilleri

Household goods

*Nadette Muscat*

# BERNANDY SUPERMARKET

**Your Shop - Your Choice**

**Pjazza Dan Martin Camilleri - Nadur - Gozo**

**Tel: 2156 5546**

# M & J Garage

**Qortin Street, Nadur, Gozo. Tel: 2156 2771, Fax: 2156 4997**
**Mob: 9945 9772 / 9947 9590.**
*for Professional Painting, Colour Matching,*
*Panel Beating, Rust Reapir & Baking Spray*

**Car Rental**



# Garden of Eden

**Health and Beauty Salon**

GUINOT
INSTITUT • PARIS

Eden M Galea
ITEC Diploma (U.K.) Specialised beauty therapist
"Garden of Eden", Hida Street, Nadur, Gozo Tel: 2155 8170 Mob: 7955 8170

## MARZU

Nhar il-Ġimgħa 15 ta' Marzu sar pellegrinaġġ bir-Redentur. Beda minn salib it-toroq bejn Triq San Blas u Triq Daħlet Qorrot u baqa' sejjer sa taħt it-tinda fejn il-playing field ta' San Blas fejn ġiet iċċelebrata quddiesa.

Il-Ġimgħa 22 ta' Marzu Jum id-Duluri saret il-purċissjoni devota bl-istatwa tad-Duluri f'diversi toroq tar-raħal tagħna.

### Ġimgħa Mqaddsa

L-attivitajiet issoktaw matul il-Ġimgħa Mqaddsa fejn f'Ħadd il-Palm sar it-tberik tal-palm bis-sehem tat-tfal u l-familji tagħhom fil-Knisja tal-Qalb ta' Ġesù. Filgħaxija fil-Knisja Parrokkjali, ittellgħet produzzjoni ta' żmien il-Ġimgħa Mqaddsa bis-sehem tal-atturi Mario Micallef, Silvio Axisa u Marceline Galea. Kitba u direzzjoni ta' Joe Chircop. It-Tlieta ż-żgħażagħ u l-adolexxenti ħadu sehem fil-Via Sagra - "Il-Mixja tat-Tbatija". Din saret fil-knisja fit-8.00pm. L-Erbgħa kien Jum ir-Rikonċiljazzjoni fejn sar qrar fil-knisja u wara ċelebrazzjoni penitenzjali. F'Ħamis ix-Xirka, wara ċ-ċelebrazzjoni simbolika tal-ħasil tar-riġlejn tal-appostli u quddiesa, Ġesù Ewkaristija tqiegħed fl-Artal tar-Repożizzjoni għall-qima tal-fidili. Eżatt wara bdew is-Seba' Visti. Nhar il-Ġimgħa l-Kbira 29 ta' Marzu wara l-funzjoni tal-Liturġija tal-Kelma fil-knisja u l-Adorazzjoni tas-Salib, ħarġet il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira bil-vari u għadd ta' persunaġġi bibliċi. Ħadu sehem ukoll il-Kapitlu tal-Kolleġġjata u l-Banda Mnarja akkumpanjat il-purċissjoni b'marċi funebri.



Nhar is-Sibt 30 ta' Marzu fit-8.00pm saret il-Velja Solenni tal-Lejl Qaddis tal-Għid. L-għada, l-Għid il-Kbir wara l-Quddiesa Konventwali tat-8.30am mmexxija minn Mons. Arċipriet ħarġet purċissjoni bl-istatwa ta' Kristu Rxoxt, bil-parteċipazzjoni tal-Banda Mnarja. Sar ukoll it-tqassim tal-figolli lit-tfal.




## APRIL

Nhar it-Tnejn 15 t'April kellna magħna lill-Isqof Anton Teuma li mexxa l-quddiesa tal-5.00pm fejn huwa ħabbar li Dun Krystof Buttigieg se jkun l-Amministratur Parrokkjali l-ġdid. Filwaqt li nirringrazzjaw lil Mons. Jimmy Xerri bħala s-seba' Arċipriet tan-Nadur tal-ħidma sfiqa tiegħu fil-parroċċa tagħna għal dawn l-aħħar erbatax-il sena, nawguraw lil Fr Krystof fil-missjoni ġdida li ġiet fdata f'idejh.



Il-Ħadd 28 t'April fakkarna jum il-parroċċa tagħna f'għeluq it-336 sena mit-twaqqif tagħha. Fil-quddiesa tat-8.30am sar radd ta' ħajr lil Alla ta' dawn is-snin kollha li żammna magħqudin bħala komunità ta' fidi. Waqt din il-quddiesa wkoll il-parroċċa rringrazzjat u tat rigal ta' tifkira lis-Sagristan Marco Azzopardi li temm il-karriera twila tiegħu bħala sagristan ġewwa l-Bażilka tan-Nadur. Il-preżentazzjoni saret mill-Amministratur Parrokkjali Dun Krystof Buttigieg.



## TFAL TAL-EWWEL TQARBINA BNIET - 2023



**Quddiem mix-xellug:** Violet Camilleri, Ella Zammit, Mia Muscat, Savannah Portelli, Ellie Attard, Sabrina Vella
**Wara mix-xellug:** Maegen Aquilina, Krista Anne Portelli, Joy Attard, Julia Attard, Valentina Vella, Maya Krajewska

## TFAL TAL-EWWEL TQARBINA SUBIEN - 2023



**Quddiem mix-xellug:** George Attard, Filippo Carloni Cappelli, Miguel Schembri, Nicholas Hili, Deacon Muscat
**Fin-Nofs mix-xellug:** Erik Buttigieg, Jacob J Borg, Quinton John Cardona, Elias Caruana, Neil Said, Adam Said, Dean Sammut
**Wara mix-xellug:** Rhoenry Fenech, Chris Vella, Evin Vassallo, Christian Vella, Aiden Lupi Spencer, Gann Muscat, Noah Portelli

## TFAL TAL-GRIŻMA BNIET - 2023



**Quddiem mix-xellug:** Skylia Rose Spiteri, Shana Vella, Ilaria Vella, Martina Hili, Jade Debono
**Fin-nofs mix-xellug:** Roxanna Said, Maria Said, Alona Camilleri, Amy Attard
**Wara mix-xellug:** Victoria Krajewska, Faith Galea, Katya Camilleri, Kylie Ann Muscat, Salome Terricone, Christina Buttigieg, Nicole Abela , Katia Maria Portelli

## TFAL TAL-GRIŻMA SUBIEN - 2023



**Quddiem mix-xellug:** Tristan Muscat, Isaac Attard, Kyren Vella, Isaac Muscat, Christian Zammit, Tristan Vella, Craig Borg, Keith Saliba, Lucas Grima
**Fin-nofs mix-xellug:** Gianluca Vella, Gabriel Joe Camilleri, George Farrugia, Dean Cassar, Alistair Fenech, Mason Camilleri, Nathan Borg
**Wara mix-xellug:** Aiden Paul Field, Gabriel Attard, Isaac Bugeja, Luke Camilleri, Tyrone Portelli Borg, Elias Portelli, Lucas Portelli, Daniel Sultana

# MIR-REĠISTRI PARROKKJALI

Daniel Meilak

MAGĦMUDIJIET | ŻWIĠIJIET | MWIET | 2023

*Matul l-2023 fil-parroċċa tan-Nadur saru 10 żwiġijiet, ġew mgħammda 28 tarbija filwaqt li mietu 41. L-età medja tal-mewt kienet dik ta' 77 sena. Xi dfin li sar fl-oqbra li Barts – Queen Mary University of London għandha fiċ-Ċimiterju tal-Ħniena Divina mhux qed jitniżżlu hawn peress li ma kinux residenti fin-Nadur.*



MAGĦMUDIJIET

| DATA | ISEM IT-TARBIJA | MISSIER | OMM |
|---|---|---|---|
| **JANNAR** | | | |
| 2 | Mila Belle | Nigel Carl Azzopardi | Lucy Andrea Buckland |
| 14 | William Alexey | Jason John Attard | Elena Vorypina |
| **FRAR** | | | |
| 11 | Zaleishia | Jamie Paul Sapiano | Gosche Shelley Zerafa |
| **APRIL** | | | |
| 8 | Clara Marie | Luca Portelli | Diane Azzopardi |
| 16 | Zara | Paul Portelli | Maria Assunta Vella |
| 23 | Julia Marie | Peter Paul Camilleri | Charlene Theuma |
| 26 | Maximilian | Michal Krupa | Maja Dabrowska |
| **MEJJU** | | | |
| 6 | Connor | Glenn Camilleri | Alyssa Camilleri |
| **ĠUNJU** | | | |
| 2 | Gabriel | Stephen Bigeni | Karla Patricia Monteiro da Cunha |
| 18 | Harry | Shaun Portelli | Shirley Borg |
| 24 | Kate | Kevin Galea | Lauren Portelli |
| 25 | Camilo | Angelo Buttigieg | Alexis M. S. Falzon |
| 25 | Ayva | Joseph Said | Rachel Azzopardi |
| **LULJU** | | | |
| 1 | Nicole | Anthony Portelli | Sacha Piscopo |
| 2 | Michael Dean | James Cassar | Jazmin Antida Cassar |
| 6 | Logan | Matthew Mancuso | Jade Falzon |
| 6 | Ronin | Matthew Mancuso | Jade Falzon |
| 23 | Evie Rae | Raymond Abela | Melanie Sue Debono |
| 28 | George Iraklis | Prokopis Sarris | Darlene Attard |
| **AWWISSU** | | | |
| 5 | Lea | Martin Hurbsa | Angie Maria Muscat |
| 12 | Alice | Gary Hili | Michaela Sciberras |
| 12 | Jasmine | Charles Sultana | Miriam Camilleri |
| **SETTEMBRU** | | | |
| 10 | Kathryn | Sammy Attard | Rosielyn Aromin |
| 22 | Carmen Rose | Christian Formosa | Stephanie Portelli |
| **OTTUBRU** | | | |
| 21 | Bettina | Marlon Debono | Emma Tabone |
| **NOVEMBRU** | | | |
| 4 | Gabriele | Joseph Vella | Angie Marie Cassar |
| **DIĊEMBRU** | | | |
| 15 | Cayden | Adam Daniel Debrincat | Naruemon Khamhaengphon |
| 24 | Amelia Rose | Joseph Muscat | Mary-Ann Portelli |



# ŻWIĠIJIET

| DATA | GĦARUS | GĦARUSA |
|---|---|---|
| **APRIL** | | |
| 30 | Marlon Buttigieg (Il-Qala) | Josianne Buttigieg |
| **MEJJU** | | |
| 13 | Jamie Tabone (Birżebbuġa) | Clarice Meilak |
| 27 | Emanuel Buttigieg (Il-Qala) | Janice Debono |
| **ĠUNJU** | | |
| 4 | Brian Thom Muscat | Kylie Buttigieg (Ix-Xewkija) |
| 6 | Cleaven Grech (Marsaskala) | Sarah Baldacchino (Ta' Sannat) |
| 17 | Lino Joseph Curmi | Marisa Debono (Ħaż-Żebbuġ) |
| **LULJU** | | |
| 8 | Joseph Attard | Kimberly Fava (Marsaxlokk) |
| 21 | Kevin Buhagiar (Ix-Xagħra) | Rebecca Portelli |
| **SETTEMBRU** | | |
| 23 | Julian Sultana (Ix-Xagħra) | Jessica Azzopardi |
| **OTTUBRU** | | |
| 15 | Hetem Myftaraj | Manuela Bugeja |

# MWIET



| DATA | ISEM | ETÁ |
|---|---|---|
| **JANNAR** | | |
| | Terry Arthur Henry Stride | 82 |
| 25 | Maria Olympia Vella | 63 |
| 31 | Anthony Grech | 66 |
| **FRAR** | | |
| 1 | Saviour Buttigieg | 65 |
| 3 | Maria Portelli | 83 |
| 6 | Theresa Cardona | 70 |
| 12 | Michael Angelo Muscat | 89 |
| 13 | Coronato Camilleri | 76 |
| 26 | Agnes Camilleri | 77 |
| 26 | John Grech | 84 |
| **MARZU** | | |
| 9 | Catherine Grima | 77 |
| 11 | Colin John Ivor Denny | 88 |
| 13 | Rim Ziedi | 43 |
| **APRIL** | | |
| 9 | Joseph Camilleri | 81 |
| 13 | Alfred Attard | 81 |
| 30 | Paul Attard | 90 |
| **ĠUNJU** | | |
| 2 | Anthony Azzopardi | 71 |
| 3 | Mary Cardona | 69 |
| 9 | Saviour Grima | 79 |
| 13 | Salvina Muscat | 90 |
| 29 | Per Henrik Zaunders | 76 |
| **LULJU** | | |
| 1 | Mary Sylvia Said | 85 |
| 6 | Angela Portelli | 93 |
| 8 | Giovanna Borg | 90 |
| 23 | Michael Portelli | 74 |
| 30 | Michaelina Camilleri | 95 |
| **AWWISSU** | | |
| 2 | Anthony Sultana | 68 |
| 14 | Giuseppa Buttigieg | 72 |
| 15 | Peter Paul Debono | 59 |
| **SETTEMBRU** | | |
| 3 | George Axiak | 77 |
| 10 | Peter Debrincat | 68 |
| **OTTUBRU** | | |
| 6 | Anthony Attard | 80 |
| 11 | Joseph Victor Grima | 61 |
| **NOVEMBRU** | | |
| 14 | Anthony Camilleri | 65 |
| 18 | Mary Mizzi | 85 |
| 18 | Giuseppe Mifsud | 93 |
| 24 | John Camilleri | 85 |
| 29 | Rosina Camilleri | 92 |
| 30 | Peter Paul Said | 81 |
| **DIĊEMBRU** | | |
| 5 | Coronato Camilleri | 79 |
| 11 | Joseph Muscat | 58 |

# IL-PARROĊĊA *tifraħ*

## 50 SENA SAĊERDOZJU

50 sena ilu, nhar it-22 ta' Ġunju 1974, il-Parroċċa ta' San Pietru u San Pawl fin-Nadur ferħet mhux ftit u ħafna ngħaqdu mal-familji ta' erba' saċerdoti ġodda li ġew ordnati mill-Isqof ta' Għawdex Mons. Nikol Ġ. Cauchi fil-Katidral ta' Għawdex flimkien ma' tliet saċerdoti oħra. Illum, 50 sena wara, il-komunità parrokkjali tingħaqad f'talba ta' ringrazzjament lil Alla għall-ġid li sawwab fuqha u fuq komunitajiet oħra permezz ta' dawn il-vokazzjonijiet. Filwaqt li nifirħu lil Dun Mario Cassar, Dun Karm Portelli u Dun Loreto Tabone nfakkru wkoll il-memorja ta' Dun Joe Portelli.

Għal din l-okkażjoni qed inwasslu l-messaġġi rispettivi tagħhom f'forma ta' intervista li għamlitilhom Miriam Muscat.

Il-parroċċa tifraħ ukoll ma' Dun Raymond Portelli li din is-sena qed ifakkar it-30 anniversarju mill-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu, matul liema snin huwa ddedika l-ħidma tiegħu fil-missjoni fil-Perù iżda baqa' wkoll f'kuntatt kontinwu mal-parroċċa tagħna.

Filwaqt li nifirħulhom nibqgħu nitolbu għalihom, għas-saċerdoti kollha, għall-persuni kkonsagrati u missjunarji oħra filwaqt li nkomplu wkoll nitolbu għal vokazzjonijiet ġodda.






**AD MULTOS ANNOS!**

# Dun Mario Cassar

## 50 SENA SAĊERDOT

**50 sena Saċerdot- Xi jfisser għalik?**

Il-kittieb Bibliku Kohelet jikteb hekk: "kollox għandu żmienu, u kull ħaġa għandha waqtha taħt is-sema. Żmien li titwieled, u żmien li tmut; żmien li tħawwel, u żmien li taħsad l-imħawwel; żmien li toqtol, u żmien li tfejjaq; żmien li ġġarraf, u żmien li tibni; żmien li tibki, u żmien li tidħak; żmien li tagħli, u żmien li tiżfen; żmien li titkellem, u żmien li tiskot; żmien li tħobb, u żmien li tobgħod; żmien it-taqbid, u żmien il-paċi" (Koh iii, 1-8). Fil-qosor, 50 sena saċerdot ifisser dan kollu li jsemmi l-awtur Bibliku. Is-saċerdot hu bniedem u bħal kull bniedem ieħor jgħaddi minn dawn l-esperjenzi eżistenzjali tal-ħajja, bħalma huma: il-ferħ, il-biki, id-dwejjaq, in-niket, is-saħħa, il-mard, is-solitudni, it-tama, il-frustrazzjoni, it-tensjoni, il-biża', id-dgħufija u l-kriżi. Fuq kollox 50 sena saċerdot ifisser għalija kemm Alla ħabbni u kien ħanin miegħi. Minkejja d-dnubiet tiegħi Huwa ma tqażżiżx minni, iżda kompla jweżżinni bil-grazzji Tiegħu u jagħtini d-don tal-qawwa biex nirbaħ kwalunkwe tfixkil li nġarrab għax jiena msejjaħ minnHU stess, 'Tu Es Sacerdos In Aeternum', biex nieħu ħsieb tal-merħla li lili ġiet fdata bir-responsabilità u mmexxiha b'żelu lejn is-saltna tas-sema.

**X'kienu l-fatturi ewlenin li ispirawk biex tibda l-mixja li wasslitek għall-ordinazzjoni saċerdotali?**

Fis-subkonxju tiegħi ta' seba' snin diġà kelli l-ħajra li nilħaq saċerdot. Din il-ħajra kompliet tiżviluppa u tissaħħaħ fija mal-mixja taż-żmien. It-trobbija li tatni u li ħadt mingħand ommi l-għażiża, l-ambjent u l-atmosfera ta' vera knisja, it-tagħlim li rċevejt mill-MUSEUM, iktar tard il-pariri tad-direttur spiritwali Dun Mikiel Attard, kienu l-fatturi ewlenin li ispirawni biex nibda din il-mixja lejn is-saċerdozju u komplew xprunaw fija din is-sejħa.

**Kemm domt is-seminarju u kif tiddeskrivi l-ħajja fis-seminarju dak iż-żmien?**

Is-Seminarju domt 8 snin, mill-1966 sal-1974. Il-kors ta' formazzjoni kien jinqasam sentejn Letteratura, sentejn Filosofija u erba' snin Teoloġija. Il-ħajja fis-Seminarju dak iż-żmien kienet bħall-ħajja komuni normali. Inqumu u nibdew ix-xogħol tal-ġurnata tal-iskola. Iżda kienu jeżistu differenzi kbar bejn il-ħajja li kont ngħix qabel id-dar ma' familti, u l-ħajja fis-Seminarju. Id-dar kont norqod f'kamra waħdi mentri fis-Seminarju kelli norqod f'dormitorju. Id-dar ma kellix ħin xħin inqum filwaqt li fis-Seminarju kellna nqumu bilfors fil-5:00 ta' filgħodu. Il-bini minn barra kien qisu ħabs bit-twieqi mbarrati bil-ħadid u minn ġewwa kurituri twal u għoljin li ma kinux jipprovdu ambjent akkoljenti. Għalhekk l-ewwel sentejn kienu kemxejn diffiċli. L-istil dixxiplinat u reġimentali kien pjuttost nieqes mill-element uman u soċjali.



Is-sitt snin ta' wara kienu wisq aħjar. Hekk kif sar amministratur appostoliku Mons. Nikol Ġ. Cauchi (wara Isqof ta' Għawdex), flimkien mar-Rettur il-Ġiżwita Anton Azzopardi, saru riformi kbar. Il-ħadid tat-twieqi ta' barra t-triq tneħħa għalkollox kif ukoll minn ġewwa ġew mdendlin il-purtieri f'kull bieb u tieqa. Mons. Ġużepp Cauchi flimkien mad-dami tas-Seminarju ħadmu bi sħiħ biex żejnu l-ambjent ta' ġewwa u bidlu għalkollox l-atmosfera skoraġġanti li kien hemm qabel f'waħda sabiħa li tixraq lil dan il-post ta' formazzjoni saċerdotali.

**Kif bdiet u kif żvolġiet il-ħajja saċerdotali tiegħek sa minn meta ġejt ordnat saċerdot?**

L-Isqof Cauchi kellu l-ħsieb li jiena nkompli bl-istudji tiegħi fid-Diplomazija, barra minn Malta. Dan kien suġġett li qatt ma tgħallimna u wara li tħaddidna kien deċiż li mmur nistudja l-Filosofija.

Wara l-festa tal-ewwel quddiesa sollenni fil-knisja Kolleġġjata u Matriċi tal-appostli kbar San Pietru u San Pawl, il-knisja tagħna tan-Nadur, fejn tgħammidt, għamilt il-Preċett u l-Griżma tal-Isqof, f'Settembru tal-1974 erħejtilha lejn Ruma biex nibda l-istudju tal-Filosofija fl-Università prestiġġjuża, il-Gregorjana. Wara sentejn iggradwajt bil-Ph.L, u komplejt sena oħra

fl-Università ta' San Tumas t'Aquino fejn spiċċajt bl-M.A. fit-Teoloġija pastorali. Tlabt biex nibda l-proċess għal PH.D u ġejt aċċettat. Kont diġà ktibt is-sinteżi tat-teżi meta s-superjuri sejħuli lura biex nibda ngħallem il-Filosofija għax ma kien hemm ħadd li seta' jagħmel dan.

F'Ottubru 1977 bdejt ngħallem fis-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù. Imbagħad mill-1980 sal-1985, filwaqt li bqajt ngħallem fis-Seminarju ta' Għawdex, mort naħdem bħala lecturer fil-Fakultà tat-Teoloġija fl-Università ta' Malta, Domt ngħallem is-Seminarju għaxar snin, sal-1987, u wara, dħalt ngħallem studenti tas-Sixth Form f'Għawdex. Bqajt hemm sa meta rtirajt fis-sena 2011.

Pastoralment kont Direttur spiritwali tal-Legion of Mary, tal-Azzjoni Kattolika, taż-Żgħażagħ Mnarja, President għal 7 snin tal-Moviment Azzjoni Soċjali (MAS), President għal 8 snin tal-Association for the DEAF, President għal 4 snin tal-Gozo Age Concern kif ukoll għal 10 snin kont il-Presbiteru ta' waħda mill-komunitajiet ewlenin ta' Neo-katekumenat. Fil-parroċċa kuljum kont ngħix il-ħajja komunitarja bil-quddiesa li kont niċċelebra kif ukoll fis-servizz mogħti tas-sagrament tar-rikonċiljazzjoni. Il-qofol ta' dan kienet tkun il-quddiesa tal-Ħadd bl-omelija.

Il-ħidma tiegħi kienet tinkludi wkoll ħidma saċerdotali fl-iStati Uniti tal-Amerika minfejn ta' kull ġimgħa kont nikteb paġna biex tiġi stampata fil-bullettin tal-parroċċa kif ukoll esperjenza ta' 5 snin f'ħidma maż-żgħażagħ flimkien mas-sorijiet ta' Madre Teresa ġewwa Vittoria, Ragusa, Napli u Palermo u ħidma maż-żgħażagħ tas-6th Form f'Għawdex. Nibqa' niftakar iż-żmien favoluż maż-Żgħażagħ Mnarja li magħhom tellajna żewġ plays fuq il-palk tal-każin tal-Banda Mnarja.

**X'kien li wasslek biex wara tant snin ta' ħidma saċerdotali tiddeċiedi li tħalli d-djoċesi ta' Għawdex u tiddedika l-ħidma tiegħek fil-missjoni?**

Kelli 65 sena meta ħallejt id-Djoċesi ta' Għawdex biex immur niddedika l-ħidma pastorali tiegħi fil-missjoni ġewwa l-Kenja. Meta rtirajt mix-xogħol ta' lecturer fl-età ta' 61 sena u ddeċidejt li mmur il-missjoni, kien hemm min ikkummenta: *Dun Mario għax ma joqgħodx jistrieħ u jgawdi il-pensjoni?; Fejn sejjer f'dik l-età?….ġennata!; Oqgħod aħdem fil-parroċċa tagħna għax għandna bżonnok.* Jien kont konxju minn dan kollu. Però għal darba'oħra 'ħassejt' li Alla kien qiegħed isejjaħli. Mhux faċli tħalli kollox; id-dar, il-ħbieb, id-drawwiet tar-raħal, l-ikel u l-kumdità u tmur tgħix f'art tal-missjoni għall-ewwel darba fl-età ta' 65 sena, f'ambjent, kultura u lingwa kompletament differenti minn dak kollu li kont imdorri bih. Iżda meta tisma' f'qalbek il-leħen ta' Kristu, 'Imxi Warajja' tħalli kollox u timxi warajh. Ridt immur il-missjoni biex ngħix fost l-ifqar fost il-fqar u npoġġi fil-prattika l-kliem tas-Sinjur tagħna Ġesù Kristu, 'Kont bil-ġuħ u tmajtuni, Kont bil-għatx u sqejtuni.'

**Dakinhar kontu 4 ġuvintur mill-parroċċa tan-Nadur li għażiltu li taqbdu din it-triq. Fil-kuntest ta' dan x'taħseb li nbidel illum biex anqas żgħażagħ qed jagħżlu li jsegwu vokazzjoni reliġjuża? Tagħti xi pariri lil żgħażagħ li forsi jħossu s-sejħa vokazzjonali iżda jibżgħu jgħidu 'iva'?**

X'ma nbidilx f'dawn il-50 sena! U allaħares baqgħu l-istess ċertu affarijiet. Iżda ċertu bidliet ħallew impatt ferm negattiv fl-individwi, fis-socjetà, fl-ambjent, fil-politika u fl-istorja. Fl-opinjoni tiegħi, illum aktar minn qatt qabel, is-soċjetà saret iżjed anjostika, materjali, edonista u liberali. Iż-żgħażagħ huma frott ta' din is-soċjetà. Ma jinteressahomx jekk dan Alla li semgħu biH jeżistix jew le. Jekk tistaqsihom min hu Alla għalik, jibqgħu ċassi, għax din il-kelma b'erba' ittri ma tfisser xejn għalihom. Għalhekk kif jista' qatt ikun li dawn iż-żgħażagħ isegwu vokazzjoni religjuża jekk hemm dan il-baħħ ta' Alla fil-ħajja tagħhom? Aħseb u ara kemm żgħażagħ qegħdin jipprattikaw ir-reliġjon, bħal frekwenza tal-qrar u tal-quddies! Inbidlet il-mentalità. Saru aktar emanċipati u individwalisti. Saru jafu kollox u ma tista' tgħid jew tagħmel xejn għax jgħadduk bħala bniedem antikwat. U meta wieħed jitkellem dwar l-etika u l-moralità, bażikament l-aġir tagħhom huwa msejjes fuq prinċipji edonisti, jiġifieri, l-istinti għall-pjaċiri huma l-gwida biex wieħed jagħraf dak li hu tajjeb minn dak li hu ħażin. Ħafna drabi l-ġenituri ta' żminijietna ma jappoġġawx il-ħajja saċerdotali għax iridu li wliedhom jaqbdu xi karriera professjonali u wara jiżżewġu. Iċ-ċelibat tilef il-valur tiegħu u ma ninsewx ukoll l-iskandlu li faqqa' dwar il-pedofilija tal-Kleru. Dawn l-affarijiet kollha ġegħlu biex aktar żgħażagħ ma jagħżlux li jsegwu vokazzjoni saċerdotali.

Il-parir tiegħi huwa dan; Jekk b'xi mod qiegħed tħoss din is-sejħa taqtax qalbek mis-sitwazzjoni ta' żmienna. Kompli sus wara din il-vokazzjoni. Kompli saqsi u ħu parir min-nies esperti u serji. Fuq kollox itlob. Iftaħ qalbek lil missierek tas-sema u mit-tweġiba li Hu jagħtik imxi 'l quddiem u tħarisx lura. Kun af li Hu għandu bżonnok biex inti taħdem fl-għalqa tiegħu.

**Għandek xi messaġġ li tixtieq tgħaddi lill-komunità parrokkjali u lill-qarrejja ta' Luminaria fl-okkażjoni tal-50 anniversarju mill-ordinazzjoni saċerdotali tiegħek?**

Is-saċerdot aċċettawh, irrispettawh u ħobbuh b'imħabba spiritwali għax hu msejjaħ minn Alla, meħud mill-komunità biex jaqdi lill-istess komunità parrokkjali u bħal fil-każ tiegħi, lill-komunitajiet oħra, l-aktar fis-sagrament tal-altar u tal-qrar. Jekk inħobbu lill-patruni tagħna San Pietru u San Pawl ma nistgħux ma nħobbux lis-saċerdot. Mingħajr is-saċerdot la hemm Ewkaristija,

la hemm il-Qrar u lanqas Knisja. Bħal kull bniedem ieħor għandu d-difetti u d-dgħufija tiegħu bħalma għad għandi jien. Sfortunatament issib xi persuni ċiniċi li ħsiebhom biss biex jikkritikaw b'mod distruttiv u jiġġudikaw bla rażan lilna s-saċerdoti. Dawn it-talin qegħdin jagħmlu ħafna ħsara lill-vokazzjoni saċerdotali. Tatux każ tagħhom u taqbdux diskursati magħhom għax tkunu qed taħlu l-ħin.

Agħmlu kuraġġ. Qatt taqtgħu qalbkom. Tħallux il-kurrenti materjali tad-dinja jirkbukom u tħallux il-flus jagħmukom. Għax id-dinja twiegħed u ma tagħtikx u s-sinjur mhux dak li għandu ħafna flus iżda dak li għandu l-paċi u l-imħabba f'qalbu. Aħsbu dejjem fin-Novissimi: Mewt, Ġudizzju, Infern jew Ġenna. Dejjem ftakru li Alla jħobbkom b'imħabba tal-ġenn. U aħna nħobbuh l-istess? Jew il-qalb tagħna tinsab 'l bogħod minnu għax aljenati bil-ħwejjeġ tad-dinja? Ieqfu ftit mill-ħajja mgħaġġla u aħsbu sikwit fuq dan qabel ma jkun tard wisq.

Inrodd ħajr lill-Alla tas-sejħa saċerdotali li għamilli, li jien ilqajt u ma ħaristx lura. 50 sena ta' saċerdozju mhix cajta! Nirringrazzja lill-komunità parrokkjali tan-Nadur li fi ħdana ħdimt bis-sħiħ u fl-aħħar nitlobha maħfra tan-nuqqasijiet kollha li għamilt fil-konfront tagħha.

---

# Kan. Dun Karm Portelli

## 50 SENA SAĊERDOT



**50 Sena Saċerdot – Xi jfisser għalik?**
Ħamsin sena mhumiex ftit – għomor ta' bniedem.
Ħamsin sena saċerdozju fil-għalqa tal-Mulej.
Nirringrazzja lil Alla tas-sejħa li għamilli, mhux jien għażiltu imma Hu għażel lili.
Kien bil-grazzja u bl-għajnuna Tiegħu li weżinni tul dawn is-snin.
Ħamsin Sena – nofs seklu. Kultant lanqas temmen kif għaddew.
Snin ta' ħidma u sodisfazzjon, snin kultant ta' dubju u qtigħ il-qalb.
Imma kollox ma' kollox illum ngħid
*'Grazzi Mulej u kompli ixħet l-Barka tiegħek fuqi.'*

**X'kienu l-fatturi ewlenin li ispirawk biex tibda l-mixja li wasslitek għall-ordinazzjoni saċerdotali?**
Kien bil-għajnuna tal-ġenituri tiegħi li sibt kull sostenn għall-vokazzjoni tiegħi. Kien bl-eżempju ta' ħafna, u ma nistax ma nsemmix lil Patri John Ġużepp Camilleri, li mexxewni fid-direzzjoni tas-saċerdozju.

Fil-familja tinbet u tikber il-vokazzjoni. Meta kont tfal, l-għażiża ommi Ġulina u anke z-zija Grezzja, kienu jeħduni għall-quddiesa kuljum filgħodu kmieni – xi drabi anke ġieli tnejn. Funzjonijiet fil-Knisja qatt ma fallejniehom; niftakar sew pereżempju lejliet il-Milied intellgħu siġġu magħna għax ma kienx ikun hemm siġġijiet biżżejjed. Filgħaxija ommi kienet tiġborna għar-Rużarju kuljum u ta' tfal li konna xi praspura ma kinitx tonqos u konna npattu għaliha b'Rużarju ieħor. Fil-familja taghna dejjem kliem sabiħ fuq Ġesù smajt u fuq il-Knisja. Kont nieħu pjaċir nisma' stejjer fuq il-Missjoni ta' Dun Karm Attard.

**Kif tiddeskrivi l-ħajja fis-seminarju dak iż-żmien?**
Għamilt l-iskola sekondarja fis-seminarju bħala intern. Wara bdejt l-istudju tal-Filosofija u t-Teoloġija. Fis-seminarju kienet ħajja sempliċi u fl-istess ħin sabiħa bħala familja.

Talb flimkien, ikel flimkien, laqgħat ta' formazzjoni, studju. Xogħol ta' manutenzjoni konna nagħmlu wkoll. Kienu jdejquni ħafna l-eżamijiet. Kienet ħajja komunitarja li mmissjajt meta lħaqt Saċerdot.

**Kif bdiet u kif żvolġiet il-ħajja saċerdotali tiegħek sa minn meta ġejt ordnat saċerdot?**
Ġejt ordnat Saċerdot fit-22 ta' Ġunju, 1974 fil-Katidral ta' Għawdex mill-Isqof Nikol Ġ. Cauchi. Konna sebgħa li ġejna ordnati saċerdoti dakinhar, u konna erbgħa min-Nadur.

F'Settembru ta' wara tlaqt lejn Ruma fejn għamilt is-sena Pastorali. Kienet esperjenza qawwija fejn sibt ħafna għajnuna mill-Kappillan Don Antonino Ubaldi (illum il-Mulej jagħtih l-mistrieħ ta' dejjem).

Meta ġejt minn Ruma sibt ruħi ma' Kleru kbir u l-Bambin ried li ngħin lill-Arċipriet Mikiel Portelli mill-qrib. Ta' saċerdot żagħżugħ tkun mimli enerġija, entużjażmu u ħolm u ftit ftit bdejt ningrana fil-parroċċa fejn sibt ħafna qassisin li laqgħuni. L-ewwel biċċa xogħol li kont involut direttament fiha kien li norganizzaw u nifthu l-Uffiċċju Parrokkjali. Biċċa xogħol fejn ittrasferejna r-reġistri kollha mid-dar tal-Arċipriet Portelli għall-uffiċċju l-ġdid.

F'dak iż-żmien kien qed isir ir-restawr tas-saqaf u involvejt ruħi fl-armar tas-saqaf u interessajt ruħi fir-restawr. Bdejna norganizzaw quddiesa għat-tfal kull nhar ta' Ħadd fis-7.00 am fejn kien ikun hemm attendenza kbira.

It-Tqarbin tal-morda  dejjem tajtu preferenza matul dawn il-ħamsin sena.

Żewġ opri għal qalbi kienu l-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira u ċ-Ċentru Parrokkjali – proġett li ħdimt minn qalbi għalih.

Kont għadni seminarista meta ħdimt xi tabelli kif ukoll għamilt l-arka u l-kandelabru li jintużaw fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Fi żmien li għamilt Prokuratur ippruvajt intejjeb il-livell tal-purċissjoni u nibni fuq dak li sibt. L-ewwel biċċa xogħol li għamilt kien il-Kurċifiss ta' fuq l-artal. Imbagħad ħlomt bl-Irxoxt u għamilnieh bl-għajnuna tal-familja Mizzi. Komplejt is-sett tal-Istatwi bl-istatwa taċ-Ċaħda ta' Pietru u dik li tirrappreżenta l-Bewsa ta' Ġuda. Żidt ħafna persunaġġi bibliċi u daħħalt is-sehem tat-tfal bniet fil-purċissjoni.

**Għall-bosta snin kont is-saċerdot li ħdimt aktar mill-qrib maż-żgħażagħ tal-parroċċa u kont speċjalment involut fil-bini taċ-Ċentru Parrokkjali li permezz tiegħu bdew jiġu organizzati attivitajiet varji għaż-żgħażagħ. Kif tiddeskrivi din l-esperjenza speċjalment fir-rigward ta' bosta minn dawn iż-żgħażagħ li llum kibru u oħrajn li emigraw iżda baqgħu f'kuntatt miegħek anke sal-lum?**
Kien id-19 ta' Frar, 1979 meta l-Isqof Cauchi bierek l-ewwel parti taċ-Ċentru - il-garage. Hekk beda ċ-ċentru – garage vojt – imma mimli żgħażagħ.

Bdejna niltaqgħu kuljum u l-ewwel attività kienet il-quddiesa tal-Ewwel Ġimgħa tax-xahar. Il-ħolm taż-żgħażagħ beda jsir realtà. Fost oħrajn bdejna norganizzaw attivitajiet annwali fosthom: Camping tas-sajf organizzat flimkien ma' Dun Ġużepp Attard; Pageant tal-Passjoni; Sehem fil-Karnival fir-Rabat; Żgħażagħ fest. Il-volontarjat kellu post importanti fl-attivitajiet taċ-Ċentru. Niftakar konna għamilna Show kbir fil-Każin tal-Banda b'risq iċ-Ċentru ta' Kana. Għamilna fund raising għall-kamra f'Dar Arka. Bdejna nagħmlu White Elephant Sale b'risq il-Missjoni fejn anke għal darbtejn bagħatna container il-Perù.

Ma' dħul is-sajf kien ikun hemm ħeġġa għall-weekend fid-Dar tal-Providenza fejn grupp imdaqqas konna mmorru nferrħu lill-ħbieb tagħna f'din id-dar. Fi żmien il-Milied konna norganizzaw iż-żjara ta' Father Christmas għand il-morda, kif ukoll konna nagħmlu il-Christmas Tree tal-Karità. U ma' dawn qatt ma naqsu laqghat ta' formazzjoni u prayer meetings, kif ukoll Rock Mass darba fix-xahar. Kollox kien jibda minn inizjattiva taż-żgħażagħ – jien ma kontx inħassar festi. Nirringrazzja lil tant żgħażagħ iddedikati li ħdimna flimkien – ma nistax ma nsemmix lil oħti Miriam li kienet ta' spalla għalija tul ħafna mit-30 sena li domt nieħu ħsieb iċ-Ċentru.

Illum niltaqa' ma' dawn iż-żgħażagħ tal-bidu – illum kapijiet ta' familja u xi wħud nanniet. Id-diskors jaqa' dejjem fuq ġrajjiet iċ-Ċentru u l-attivitajiet li konna nagħmlu.

**Kif tiddeskrivi l-impenn saċerdotali tiegħek illum?**
Illum jien qed inservi bħala Direttur Djoċesan fl-Uffiċċju Missjunarju Pontifiċju.

Fil-Parroċċa nagħti s-servizz tiegħi fil-quddies, tqarbin tal-morda u bħala ċeremonjier fil-funzjonijiet.

Bħala wieħed mid-delizzji tiegħi ngħin ukoll fl-armar tal-Pjazza.

**Għandek xi messaġġ li tixtieq tgħaddi lill-komunità parrokkjali u lill-qarrejja ta' Luminaria fl-okkażjoni tal-50 anniversarju mill-ordinazzjoni saċerdotali tiegħek u b'mod partikolari għal dawk iż-żgħażagħ li forsi jħossu s-sejħa vokazzjonali iżda jibżgħu jgħidu 'iva'?**
L-appell tiegħi lill-ġenituri u liż-żgħażagħ nieħdu mill-appell tal-Qaddis Papa Ġwanni Pawli II: *"Iftħu qalbkom beraħ għal Kristu"* u mingħand il-Papa Benedittu: *"Hu ma jeħdilkom xejn imma jaghtikom kollox."*

# Kan. Dun Loreto Tabone

## 50 SENA SAĊERDOT



**50 Sena Saċerdot – Xi jfisser għalik?**
Li tkun saċerdot hi sejħa minn Alla, bħalma huma s-sejħat l-oħra wkoll. Jien minn dejjem ħassejtni msejjaħ biex inkun saċerdot. Issa li ilni 50 sena saċerdot, jidhirli jien li mxejt fejn sejjaħli Alla u allura ma nistax ma nkunx ferħan.

**X'kienu l-fatturi ewlenin li ispirawk biex tibda l-mixja li wasslitek għall-ordinazzjoni saċerdotali?**
L-ewwel u qabel kollox kien hemm trobbija tajba, kemm fil-familja u wkoll fl-ambjent li kbirt fih. Fost dawn insemmi l-eżempju ta' ħajja nisranija fil-familja, inkoraġġiment meta wrejt ix-xewqa, eżempju ta' mħabba għal dak li hu essenzjal bħala reliġjon u Knisja, eżempju u ħidma pastorali ta' saċerdoti madwari meta kien għadni żagħżugħ.

Ħaġ'oħra li ħajritni hi li dejjem xtaqt li naqdi u mill-bidu nett deherli li saċerdot hu bniedem li jaqdi lil ħutu l-bnedmin. Għalhekk ukoll dejjem għoġobni, wara li ordnajt, li kont naqdi bħala kappillan ta' diversi sptarijiet.

**Kemm domt is-seminarju u kif tiddeskrivi l-ħajja fis-seminarju dak iż-żmien?**
Bdejt is-Seminarju minuri u komplejt fis-seminarju maġġuri. Il-kors fis-seminarju maġġuri kien ta' tmien snin, inklużi sentejn letteratura. Iż-żmien tas-seminarju kien żmien sabiħ ħafna. Kellna superjuri li jħobbuna. Kien hemm dixxiplina imma fuq kollox kien hemm imħabba.

**Kif bdiet u kif żvolġiet il-ħajja saċerdotali tiegħek speċjalment fis-snin li kont tagħti s-servizzi tiegħek barra minn Malta u mbagħad meta rritornajt fi ħdan il-parroċċa tan-Nadur?**
Id-Djoċesi kienet tinkoraġġina biex wara l-ordinazzjoni ngħaddu xi snin barra minn Malta u hekk nieħdu esperjenza oħra ta' Knisja. Jien u sieħbi Joe Portelli morna n-Niġerja fl-Afrika, imma l-pjan tagħna ma rnexxiex. Kien żmien ħażin, meta l-missjunarji Ewropej kienu qed jgħaddu t-tmexxija tal-Knisja lis-saċerdoti tal-lokal. Dun Joe Portelli spiċċa l-Iskozja minħabba li kellu bżonn kura medika u jien spiċċajt fejnu meta kellu bżonn kumpanija. Ħdimt f'parroċċi differenti u kważi f'kull parroċċa, kont kappillan ta' sptarijiet differenti. Kien xogħol li jogħġobni ħafna. Kont ukoll kappillan ta' skejjel primarji u sekondarji li kien hemm f'xi parroċċi. Is-sistema fl-Iskozja dak iż-żmien kienet xi ftit differenti minn hawn, fis-sens li meta tkun f'parroċċa, kull ma jkun hemm fil-parroċċa, kollu f'idejk.

F'waħda mill-parroċċi għamilt ukoll disa' snin kappillan tal-uniku ħabs tan-nisa li kien hemm fl-Iskozja.

Domt l-Iskozja 37 sena u ġejt lura fl-2013. Lura Malta dħalt għax-xogħol fil-parroċċa skont ma jkun hemm bżonn. U ġejt inkarigat li nieħu ħsieb il-komunità tal-Kattoliċi ta' lingwa Ingliża li tiltaqa' fil-kappella tas-seminarju. Qabel il-covid kellna quddiesa tliet darbiet fil-ġimgħa. Bħalissa għandna quddiesa bl-Ingliż kull nhar ta' Ħadd.

**Dakinhar kontu 4 ġuvintur mill-parroċċa tan-Nadur li għażiltu li taqbdu din it-triq. Fil-kuntest ta' dan x'taħseb li nbidel illum biex anqas żgħażagħ qed jagħżlu li jsegwu vokazzjoni reliġjuża? Tagħti xi parir lil żgħażagħ li forsi jħossu s-sejħa vokazzjonali iżda jibżgħu jgħidu 'iva'?**
Diffiċli tiddetermina raġuni waħda għan-nuqqas ta' vokazzjonijiet. Imma jien ċert li aħna trabbejna f'ħajja aktar miġbura, kollox kien idur mal-ħajja tal-parroċċa, ma kellniex daqshekk distrazzjonijiet. U lanqas kellna ambizzjonijiet ta' karrieri. Il-mentalità tbiddlet ukoll u mhux fiż-żgħażagħ biss. Naħseb li ħafna ġenituri

jippreferu karriera oħra għal uliedhom. Ġieli smajt ukoll min jgħidli, kemm hawn u kemm fl-Iskozja, li waqt li jitolbu li jkun hawn iżjed qassisin, imma ma jixtiequx li Alla jsejjaħ lil xi wieħed minn uliedhom. Hemm ukoll il-biża ta' *commitment,* dik li jagħmlu għażla għal dejjem - narawh dan f'għażliet oħra wkoll.

Liż-żgħażagħ li jħossuhom miġbudin ngħidilhom l-ewwel nett li jitolbu biex fil-preżenza ta' Alla jagħrfu Alla x'irid minnhom u jieħdu parir mingħand xi saċerdot li jammiraw jew anke minn direttur spiritwali. Hemm ħafna x'jiġbidhom lura, imma nħeġġiġhom jikkunsidraw il-pjan ta' Alla għalihom u ma jaqtgħux qalbhom.

**Għandek xi messaġġ li tixtieq twassal lill-komunità parrokkjali u lill-qarrejja ta' Luminaria fl-okkażjoni tal-50 anniversarju mill-ordinazzjoni saċerdotali tiegħek?**

Aħna se nfakkru l-50 sena b'quddiesa waqt in-novena, nhar l-24 ta' Ġunju. Nistieden lil kulħadd għal dakinhar kemm għall-quddiesa u anke għal daqsxejn ta' party wara l-quddiesa. U nitlobkom tkomplu titolbu għalija u għas-saċerdoti kollha biex ilkoll inwettqu dmirna skont il-qalb ta' Alla.

# Kan. Dun Joe Portelli

## 50 SENA SAĊERDOZJU



Xieraq li nsellmu wkoll il-memorja tal-Kan. Dun Joe Portelli fit-tifkira ta' dan l-anniversarju importanti għall-parroċċa tagħna. Minħabba li għal ħafna snin il-Kan. Dun Loreto Tabone ħadem ħafna mill-qrib ma' Fr Joe, staqsejnieh x'jiftakar dwaru.

"Jien u Dun Joe Portelli trabbejna flimkien u fl-istess triq. U studjajna s-Seminarju ta' Għawdex ma' xulxin ukoll. Flimkien ukoll konna ppruvajna mmorru naħdmu bħala missjunarji fin-Niġerja imma t-tnejn spiċċajna l-Iskozja.

Dun Joe bata ħafna bil-mard tal-kliewi sa minn ftit snin wara l-ordinazzjoni. Għalhekk kien mar l-Iskozja għax il-parir kien li hemmhekk isib l-aħjar kura għall-marda tiegħu. U hekk kien. Għamel żmien fuq il-kidney machine u anke ngħata kilwa tliet darbiet. L-aħħar waħda rnexxiet. Dun Joe ħadem bħala kappillan f'numru ta' parroċċi fl-Iskozja. Kien maħbub ħafna mill-parruċċani kull fejn kien. Bħali kien kappillan ta' skejjel u anke, għal xi żmien, kappillan ta' xi sptarijiet. Dun Joe miet f'Marzu 2018."

*Agħtih O Mulej il-Mistrieħ ta' Dejjem fi Ħdanek.*

# IL-PARROĊĊA TFAĦĦAR LIL ALLA FILWAQT LI TIFRAĦ U TAWGURA LIL:



## Fr Raymond Portelli

### F'GĦELUQ IT-30 SENA MILL-ORDINAZZJONI SAĊERDOTALI TIEGĦU

F'Dawn is-snin iddedika l-ħidma vokazzjonali u missjunarja tiegħu fil-Perù. Fr Raymond ġie ordnat Saċerdot nhar l-24 ta' Ġunju 1994 mill-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof ta' Għawdex u ċċelebra l-Ewwel Quddiesa tiegħu nhar il-Ħadd 3 ta' Lulju 1994 fil-Bażilika Parrokkjali ta' San Pietru u San Pawl, in-Nadur.

Filwaqt li nitolbu għalih, nawgurawlu,

*Ad Multos Annos*

## Dun Franklin Micallef

### MILL-PARROĊĊA TA' KERĊEM FL-OKKAŻJONI TAL-ORDINAZZJONI SAĊERDOTALI TIEGĦU



Huwa ġie ordnat Saċerdot fl-24 ta' Mejju 2024, mill-E.T. Mons. Anton Teuma, Isqof ta' Għawdex. Dun Franklin segwa l-kors saċerdotali fis-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù ġewwa Għawdex. Huwa mistenni jibda l-ħidma tiegħu ġewwa Ruma fejn ikompli jiġi ffurmat fl-istudju u b'esperjenzi ta' pastorali varji. Matul din l-aħħar sena Dun Franklin wettaq ħidma fi ħdan il-parroċċa tan-Nadur u kien preżenti fost l-abbatini, l-adolexxenti u ż-żgħażagħ fiċ-Ċentru taż-Żgħażagħ u mal-anzjani permezz tat-tqarbin ġewwa djarhom.

Filwaqt li nirringrazzjawh, nitolbu għalih u nawgurawlu,

*Ad Multos Annos*



# Jamie Buttigieg

## FIL-MIXJA VOKAZZJONALI TIEGĦU

Nibqgħu nakkumpanjawh bit-talb hekk kif temm is-sena propadewtika u issa beda din il-mixja fis-Seminarju li jekk Alla jrid twasslu għall-ordinazzjoni saċerdotali.

Nawgurawlu mixja spiritwali u formattiva f'din l-għażla li l-Mulej għoġbu jsejjaħlu għaliha.

L-Ispirtu tal-Mulej iħarsek.



IL-BORD EDITORJALI TA' LUMINARIA
JIXTIEQ JAWGURA
L-FESTA T-TAJBA LIN-NADURIN KOLLHA
DAWK QRIB u DAWK 'L BOGĦOD

**Din ir-rivista titqassam mingħajr ħlas. Napprezzaw kull donazzjoni li tgħinna nkopru parti mill-ispejjeż. Grazzi**



# L-GĦAQDA ABBATINI NADUR

DUN FRANKLIN MICALLEF

## L-Aħħar Tappa

Għażilt li nsemmi dan l-artiklu "l-aħħar tappa" għaliex inħoss li dan jiddeskrivi b'xi mod l-esperjenza tiegħi fin-Nadur bħala l-aħħar tappa minn sensiela sħiħa ta' esperjenzi pastorali differenti matul it-tmien snin ta' formazzjoni li jien qattajt fis-Seminarju ta' Għawdex.

Jiena Dun Franklin Micallef. F'Ottubru li għadda bdejt esperjenza pastorali fil-parroċċa tan-Nadur. Parti mill-formazzjoni tas-seminarista tkun li fil-weekends imur f'parroċċa sabiex jgħin u anke jitgħallem. Għalija, din is-sena kienet l-aħħar esperjenza ta' dan it-tip peress li f'Mejju li għadda temmejt il-formazzjoni tiegħi fis-seminarju u għalhekk in-Nadur kien "l-aħħar tappa".

Jiena ġejt ordnat djaknu f'Ġunju 2023 u għalhekk fl-esperjenza tiegħi fin-Nadur servejt bħala djaknu fejn prinċipalment l-irwol tiegħi kien li nassisti lis-saċerdot fiċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa, inxandar il-Vanġelu u nipprietka. Fl-istess waqt kont involut f'diversi ħidmiet li twettaq il-parroċċa, fosthom il-ħidma maż-żgħażagħ fiċ-ċentru, iż-żjajjar lill-morda fid-djar u anke l-ħidma mal-grupp tal-abbatini.

Il-grupp tal-abbatini tal-parroċċa bħalissa jammonta għal madwar 20 abbati. Prinċipalment dan il-grupp qiegħed hemm biex jaqdi l-artal u jgħin lis-saċerdoti waqt il-funzjonijiet. Madankollu, dan il-grupp huwa ħafna aktar minn hekk. L-abbati għandu l-privileġġ li jkun daqshekk qrib tal-artal meta jseħħ il-miraklu kbir tal-Ewkaristija kull darba li niċċelebraw il-quddiesa. Huwa wkoll l-irwol tal-abbati li bis-servizz tiegħu jgħin lin-nies jidħlu fl klima ta' ġabra u talb. Allura matul is-sena l-abbatini jkollhom mumenti ta' laqgħat fejn bil-mod il-mod jiskopru aħjar x'inhu l-irwol tagħhom, kif għandhom jagħtu servizz tajjeb, u anke kif dan jgħinhom jgħixu l-ħajja tagħhom bħala Nsara b'mod aħjar.

Dan tal-aħħar huwa punt interessanti. Il-grupp tal-abbatini huwa bejta kennija fejn wieħed jista' jiskopri aħjar min hu Alla, x'post għandu Alla f'ħajjitna, xi tfisser il-kelma 'vokazzjoni' u anke kif wieħed jiskopri x'inhi l-vokazzjoni tiegħu.

Mill-esperjenza tiegħi meta kont għadni abbati f'Ta' Kerċem, nistqarr li dawn il-mumenti fil-grupp tal-abbatini kienu verament importanti fil-mixja vokazzjonali tiegħi. Ftit ftit, bil-għajnuna tal-kappillan, tas-saċerdoti tal-parroċċa u anke tas-seminaristi li kienu jiġu jagħmlu esperjenzi fil-parroċċa tagħna, jien stajt nagħraf ftit ftit dak li l-Mulej kien qed isejjaħli għalih.

Matul din is-sena l-grupp tal-abbatini tan-Nadur, apparti s-servizzi fuq l-artal u l-laqgħat regolari, kellu diversi mumenti rikreattivi bħal xi logħba futbol ma' xi grupp tal-abbatini minn parroċċa oħra. Kellna wkoll mumenti ta' riflessjoni bħal irtir ċkejken li għamilna bi tħejjija għaċ-ċelebrazzjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa.

Il-grupp tal-abbatini ħa sehem ukoll fl-ordinazzjoni presbiterali tiegħi nhar l-24 ta' Mejju 2024 meta Mons. Isqof Anton Teuma ordnani saċerdot u l-abbatini tagħna ġew għall-quddiesa u taw is-servizz tagħhom. Nirringrazzjahom minn qalbi talli qasmu miegħi dan il-mument sabiħ.

Nirringrazzja lill-ġenituri tal-abbatini li, kultant b'sagrifiċċju mhux żgħir, iwasslu lil uliedhom għas-servizzi u l-impenji tal-grupp. Inħeġġiġkom biex titolbu għall-abbatini tagħna sabiex ikomplu jagħtu servizz ħerqan u fl-istess ħin iżommu qalb miftuħa għal dak li jixtieq jgħidilhom il-Mulej fil-ħajja tagħhom. U nitolbu biex il-Mulej, li ċertament għadu jsejjaħ anke llum u anke minn din il-parroċċa, isib qlub ġenerużi li jkunu lesti jimxu warajh mill-qrib!



# M.U.S.E.U.M. SUBIEN

JOE CAMILLERI

# Żjara minn membri Kenjani

Żjara verament apprezzata saritilna nhar it-Tlieta 30 ta' April mill-membru Jack Opato u l-kandidat Peter Kairu mill-Qasam ta' Ruiru fil-Kenja. Għalina kienet esperjenza sabiħa għaliex għandha rabta diretta ma' dak li ġara fis-27 ta' Ġunju 1988. L-Imnarja tas-sena 1988 kienet speċjali għall-parroċċa tagħna għaliex kienet qed tiċċelebra t-triċentinarju mit-twaqqif tagħha. Għal dawk il-festi kien mistieden il-Kardinal ta' Nairobi, il-Kenja, Maurice Michael Otunga. Fost il-postijiet li żar f'raħalna ovvjament kien hemm il-qasam tagħna. Barra l-membri u l-kandidati li konna f'dak iż-żmien kellna fostna wkoll, għal din l-okkażjoni speċjali, is-Superjur Ġenerali Victor Delicata. Dan, bħala tifkira ta' din iż-żjara, ippreżenta lill-Kardinal immaġni tal-Fundatur tagħna Dun Ġorġ. Meta l-Kardinal sar jaf x'inhu l-Museum u x'jagħmlu l-membri tiegħu talab lis-Superjur Ġenerali sabiex jibgħatlu xi membri. U hekk ġara sena wara. Uffiċjalment il-Museum fil-Kenja beda f'Ottubru 1989…. ftit aktar minn sena wara. F'okkażjonijiet bħal dawn donnok tara l-bizzilla tal-Mulej…. xejn ma jiġri b'kumbinazzjoni imma l-pjan ta' Alla jkun qed jaħdem.

U għalhekk għalina din kienet okkażjoni tassew speċjali. Li tara membru u kandidat minn kontinent ieħor frott żjara fil-qasam tagħna 36 sena qabel kellha sinifikat speċjali. U kemm Jack kif ukoll Peter apprezzaw ħafna li raw mnejn beda dan kollu. Fil-knisja parrokkjali raw l-irħama li bierek il-Kardinal kif ukoll l-inkwatru tiegħu fis-sagristija. Għalihom, għad li ma jiftakruhx, il-Kardinal hu persuna tassew għażiża. Il-kawża tiegħu għall-beatifikazzjoni miexja ġmielha. Fil-qasam tagħna kellmu lit-tfal taż-żewġ xiftijiet u wrewhom power point b'filmati ta' dak li jsir fil-qasam ta' Ruiru l-Kenja. It-tfal, adolexxenti u żgħażagħ tagħna ħadu gost jaraw x'jiġri f'qasam tal-Museum barra minn xtutna. Aħna soċjetà waħda u għalhekk ix-xewka tad-dahar hija l-istess. Issorprendejna ruħna kemm miż-żgħar sal-kbar għamlu mistoqsijiet, b'Ingliż tajjeb, lil dawn sħabna sabiex ikunu jafu iktar x'jiġri fil-qasam tagħhom. Bħala tifkira tal-mawra tagħhom fil-qasam tagħna tajniehom sett ritratti tal-mawra li l-Kardinal Maurice Michael Otunga kien għamel fl-1988. Żgur li kienet żjara li għamlet il-ġid lilna daqskemm għamlet lil dawn ħutna Kenjani.

### Il-Museum fis-Sajf

Bħas-snin l-imgħoddija ser nerġgħu nagħmlu *Lobissajf* kemm għat-tfal tal-Primarja kif ukoll għall-adolexxenti u ż-żgħażagħ tas-Sekondarja. Il-Museum fis-Sajf ma jagħlaqx. Anzi nżidu l-attivitajiet. Għeżież ġenituri komplu ħeġġu lil uliedkom sabiex jibqgħu jattendu. Il-formazzjoni u t-tagħlim reliġjuż ma jeħdux vaganzi.

### Il-festi ta' Awwissu

Il-preparamenti għall-festi tal-qasam f'Awwissu għaddejjin ġmielhom. Din is-sena ser jibdew bil-laqgħa tal-ġuvintur u l-old boys is-Sibt 3 ta' Awwissu u jintemmu bi play nhar il-Ġimgħa 9 ta' Awwissu. Napprezzaw li żżommu din il-ġimgħa ħielsa minn impenji oħra sabiex, bħas-snin ta' qabel, narawkom numerużi għal dawn l-attivitajiet li norganizzaw għalikom. L-attendenza tagħkom tagħmel speċjali dawn il-festi tas-77 sena tal-qasam tas-subien fin-Nadur. Dettalji ta' dawn l-attivitajiet jaslulkom id-dar permezz tal-fuljett tal-benefatturi li jitqassam fl-ewwel jiem ta' Awwissu.

### Awguri għall-festa

Minn qiegħ qalbi u f'isem sħabi tal-qasam nixtieq lin-Nadurin u lil dawk kollha li jkunu fostna l-festa t-tajba. Jalla Pietru u Pawlu jservuna ta' eżempju mill-isbaħ ta' kif għandna nkunu dixxipli ta' Ġesù. Qrara u tqarbina jkunu l-isbaħ awgurju għall-festa.





# M.U.S.E.U.M. BNIET

## SUPERJURA U KATEKISTI

Tassew għandna għax nirringrazzjaw 'l Alla li tana l-fundatur tagħna Dun Ġorġ Preca. Il-minjiera ta' tagħlim kemm spiritwali u kemm mhux, tfittex kemm tfittex fiha dejjem issib xi tagħlima ġdida u xi kwotazzjonijiet li jolqtuk. Għaldaqstant ħsibna li naqsmu magħkom x'jgħallimna Dun Ġorġ fuq diversi suġġetti u f'xi diversi ċirkustanzi li nistgħu niltaqgħu magħhom u ser insemmu xi ftit minnhom.

- M'hawn xejn prezzjuż fid-dinja daqskemm **it-tagħlim** tajjeb.
- Ħu din ir-regola: dak li tara li jista' jsir bl-**imħabba**, agħmlu, dak li ma jistax isir mingħajr ġlied, ħallih.
- Min għaraf lil Alla ma jaqta' qatt qalbu mill-**ħniena** Tiegħu.
- Inqeda biss bis-sinjal tal-**Salib Imqaddes** għax fih hemm qawwa kbira.
- **Iż-żmien** ma jinxtarax u lanqas ma hu f'idejn il-bniedem.
- Dan hu għaref tassew: min jieħu **paċenzja** dejjem u f'kollox.
- Min hu **għaqli** jindokra lil qalbu sabiex ma teħel ma ebda ħaġa li tjassru.
- Tibdel ma' ħadd u ma' xejn il-**paċi** ta' qalbek.
- **Il-kliem tagħna** għandu jkun ftit u tajjeb, ftit u ħelu, ftit u sempliċi u kollu mħabba.
- **L-inganni** jinħbew f'qoxra li tingħoġob.

**Iż-żerriegħa tal-fidi mill-familja Nisranija**

Ilkoll nafu li l-familja hija l-bejta fejn titrawwem il-fidi Nisranija. Peress li ħafna mill-ġenituri jmorru għax-xogħol, allura nistgħu ngħidu li għal xi wħud in-nanniet jagħtu ħafna sehemhom biex iwasslu l-fidi lin-neputijiet tagħhom. Kemm tkun ħaġa sabiħa jekk il-ġenituri jkunu dejjem aktar ta' eżempju tajjeb għal uliedhom u jiftakru fir-responsabiltà li għandhom mhux biss materjali imma wkoll dik spiritwali! Qed ngħidu hekk għax xi drabi t-tfal qed isibu diffiċli biex jiffrekkwentaw għall-Quddiesa f'Jum il-Mulej għax xi ġenituri ma jmorrux. Il-kliem iqanqal imma l-eżempju jkaxkar. Importanti wkoll li l-ġenituri jagħtu prijorità lit-tagħlim Nisrani billi kemm jistgħu jagħmlu arranġamenti sabiex l-attivitajiet li jkollhom uliedhom ma jikklaxjawx mal-ġranet u l-ħinijiet tal-lezzjonijiet fil-Mużew.

## X'GĦADDA MINN GĦALINA

Minbarra t-tagħlim fil-qasam norganizzaw ukoll attivitajiet u dawn isiru kull nhar ta' Sibt sabiex ma ntellfuhomx il-lezzjonijiet. Il-biċċa l-kbira dawn jiġu organizzati matul is-sena kollha.

Fit-12 ta' Mejju, 2023 organizzajna fil-qasam programm f'okkażjoni ta' Jum l-Omm. Dan kien jikkonsisti f'*talk* lill-ommijiet mis-Superjura Carmen Farrugia li ġiet apposta minn Malta, *play* u xi kant addattat għall-okkażjoni. L-attendenza tal-ġenituri kienet sabiħa.

Din id-darba l-quddiesa ta' San Mikiel ġiet iċċelebrata fid-29 ta' Settembru, 2023 minn Mons. Salv Pace fil-qasam stess u għaliha attendew ukoll l-adolexxenti u ħafna devoti ta' San Mikiel.

Fis-27 ta' Novembru, 2023 organizzajna quddiesa ċċelebrata minn Mons. Arċipriet għall-membri u benefatturi mejtin fiċ-ċimiterju ta' Santa Tereża ta' Kalkutta.

Bħal f'kull sena f'Diċembru jkollna l-Kunċert tal-Milied li jkun imtella' mit-tfal stess u għalih ikunu mistiedna l-ġenituri. Dan sar fil-qasam wara n-novena tal-Milied sabiex it-tfal ikunu jistgħu jattendu wkoll għan-novena fil-knisja. Bħal fis-snin oħra, matul dik il-ġimgħa t-tfal ġew mogħtija rigal tal-Milied kull wieħed. Prosit għall-ġenituri u l-qraba tat-tfal li kkonkorrew bi ħġarhom għal din l-okkażjoni. Il-*party* tal-Milied bħas-soltu sar wara l-Milied fis-27 ta' Diċembru fis-sala parrokkjali. Matul il-vaganzi tal-Milied xi ħarġiet għat-tfal u l-adolexxenti ma naqsux.

Nieħdu din l-opportunità sabiex nirringrazzjaw lil dawk il-benefatturi kollha li dejjem tawna donazzjonijiet għall-ispejjeż fil-qasam; lil dawk iż-żewġ *cleaners* li offrew volontarjament meta għamilna appell fil-bullettin li jnaddfu l-qasam kull meta jkun hemm bżonn u anke lil dawk li nsibuhom dejjem kull meta tlabnihom xi għajnuna. Dawn kollha għandhom sehem biex Kristu jkun magħruf u maħbub u allura l-Mulej iħallashom kif jaf Hu.

Nawguraw lin-Nadurin kollha l-festa t-tajba u qaddisa fuq l-eżempji sbieħ tal-patruni tagħna San Pietru u San Pawl.







NTYC
NADUR TEEN & YOUTH CENTRE

# Xi tfisser għalija l-ħidma maż-żgħażagħ?

FR MARK BONELLO

Il-ħidma tal-"Knisja" maż-żgħażagħ, dik li nsejħulha "il-Pastorali maż-Żgħażagħ" hija ħidma tassew għal qalbi. Mhijiex waħda mill-ħidmiet l-aktar faċli, imma hija pastorali tassew dinamika u enerġetika.

Nażżarda ngħid li l-għan prinċipali tal-pastorali maż-żgħażagħ huwa li kull żagħżugħ u żagħżugħa jiġu mgħejjuna jagħrfu x'inhi l-vokazzjoni tagħhom. Fi kliem ieħor: li jiġu ggwidati biex permezz tat-talb u d-dixxerniment jifhmu x'inhu l-pjan ta' Alla għalihom, jew aħjar, x'inhi l-iktar triq adattata biex permezz tagħha jsibu l-imħabba u l-ferħ u jkunu jistgħu jferrħu u jħobbu lill-oħrajn.

Fiż-żmien relattivament qasir li aħna, bħala animaturi, inqattgħu mal-adolexxenti u ż-żgħażagħ, ma tantx ikollna opportunitajiet biex individwalment nitkellmu maż-żgħażagħ fuq is-sejħa ta' Ġesù għalihom, iżda fost il-ħafna attivitajiet li nagħmlu wieħed jista' jinnota li kollha, b'xi mod jew ieħor, jimbuttaw liż-żgħażagħ biex jifhmu u jagħrfu l-bżonn li kull wieħed minna jsir aktar ħabib ta' Ġesù u midħla tat-tagħlim tiegħu.



Dan konkretament nagħmluh permezz tal-laqgħat ta' kull ġimgħa iżda mbagħad nagħmluh b'dożi aktar qawwija meta jkollna mumenti ta' qrar, prayer spaces, djalogi spiritwali, waqt il-prayer group, waqt l-irtiri u mumenti oħra mhux formali li fihom nitkellmu fuq il-futur u fuq l-imħabba ta' Ġesù għalina.

Għaldaqstant jien u sħabi l-animaturi u l-helpers dejjem nistinkaw sabiex iċ-ċentru jkun ambjent li fih kull adolexxent u żagħżugħ iħossu milqugħ, mismugħ u komdu biex jesprimi ruħu ħalli jsir aktar jaf min hu u xi jrid minn ħajtu.

Sfortunatament, din il-pastorali ħafna drabi ma tatikx riżultati istantanji. Illum tiżra' imma hemm ċans li l-ħsad ma tarah qatt, jew inkella jarah ta' warajk. U dan il-fatt kapaċi jaqtagħlek qalbek. Iżda jiġu mumenti wkoll meta l-Mulej jirregalalna esperjenzi li bihom ipoġġilna tbissima permanenti fuq fommna. Infatti:

- Kemm hu sabiħ meta tara żgħażagħ maturi li wara snin jattendu ċ-ċentru tagħna jibdew jagħtu sehemhom fil-formazzjoni tal-adolexxenti tagħna stess jew f'oqsma oħra fis-soċjetà.
- Kemm hu sabiħ meta tara żgħażagħ minn tagħna jagħmlu għażliet importanti f'ħajjithom u jiddeċiedu li jidħlu s-seminarju jew li jagħżlu li jiżżewġu u jagħtu ħajjithom biex jibnu familja.
- Kemm hu sabiħ li tara żgħażagħ li minkejja li forsi x-xorti mhux dejjem daħqitilhom u kellhom eżempji ħżiena matul tfulithom, huma xorta rnexxielhom jagħżlu li jagħmlu deċiżjonijiet tajba u jibdlu ħajjithom biex jagħmlu l-ġid.

Għalhekk din il-pastorali qatt ma għandna nitrattawha daqs li kieku "babysitting mal-adolexxenti u ż-żgħażagħ", iżda rridu nrawmu dejjem aktar persuni li jagħrfu l-potenzjal ta' din il-pastorali u li jikkommettu ruħhom għaliha b'impenn u anke sagrifiċċju.

Fl-aħħar mill-aħħar, din hi r-raġuni għaliex hu sabiħ taħdem maż-żgħażagħ: mhux biss għax b'xi mod iżommuna żgħażagħ, iżda għax jafdawna u jagħtuna l-opportunità biex bil-għajnuna ta' Alla nħallu xi marka pożittiva fil-ħajja tagħhom ukoll.











# L-Iskola Primarja tan-Nadur

**MARK AZZOPARDI** GĦALLIEM

Is-sena skolastika 2023-2024 tibqa' mfakkra b'ittri tad-deheb fl-istorja tal-iskola tagħna tan-Nadur. Eżatt wara li fakkarna d-90 sena mill-ftuħ tal-iskola fi Triq it-Tiġrija, beda proġett ta' modernizzar fl-iskola tagħna li dam sejjer għal sena sħiħa. Kien f'din is-sena skolastika fejn dawn ix-xogħlijiet ġew fi tmiemhom u stajna ngawdu mill-faċilitajiet state of the art li issa hija mgħammra bihom l-iskola tagħna.

X'sar mela fl-iskola tagħna? Fi ftit kliem inbidlu s-soqfa kollha tas-sular ta' fuq, is-sistemi tad-dawl u l-ilma saru kollha mill-ġdid, inbidel il-madum kollu u saru soffitti ġodda fil-klassijiet u l-kmamar kollha tal-iskola. Fl-iskola kollha ġiet installata sistema ta' arja kundizzjonata. Twaħħlu aperturi u bibien ġodda kemm fuq barra kif ukoll fuq ġewwa. Sar it-turf fil-ground u installazzjoni ta' tined fuq iż-żewġ naħat tal-grawnd li jagħtu d-dell matul il-ġurnata. L-għamara tal-klassijiet, siġġijiet, imwejjed, cabinets eċċ huma kollha ġodda. Is-sala minn ġewwa ġiet modernizzata b'palk ġdid, purtieri ġodda u sistema ta' dawl u sound tassew professjonali. Twaħħlu wkoll tliet lifts filwaqt li t-toilets saru kollha mill-ġdid. Saret installazzjoni tad-dawl fuq barra tal-iskola li jkompli joħroġ is-sbuħija arkitettonika tal-iskola tagħna li kienet inbniet fl-1932.

Fid-29 ta' Settembru kellna żjara mill-President tal-Kummissjoni Ewropea Ursola von der Leyen, li flimkien mal-Prim Ministru Dr Robert Abela u rappreżentazzjoni ta' għadd ta' ġurnalisti Maltin u barranin, żaru l-iskola tagħna u anke daħlu f'xi klassijiet taż-żgħar. It-Tnejn 4 ta' Marzu mbagħad sar il-ftuħ uffiċjali tal-Iskola fil-preżenza tal-Ministru tal-Edukazzjoni, il-Ministru għal Għawdex u l-Ministru responsabbli mill-Fondi Ewropej. Inkixfet lapida biex tibqa' mfakkra din id-data. Ta' min jgħid li l-iskola tagħna gawdiet minn fondi Ewropej biex seta' sar dan ix-xogħol kollu.







Għalhekk tista' tgħid li din kienet l-ewwel sena wara tliet snin ta' diffikultajiet (minħabba dak li kien ġab miegħu l-Covid u n-nuqqas ta' spazju minħabba x-xogħol li kien għaddej fl-iskola) fejn stajna naħdmu b'mod kalm u mingħajr restrizzjonijiet. Issa għandna aċċess sħiħ għall-iskola tagħna tant li bosta klassijiet ser jibdew jintużaw għal skopijiet partikolari bħal drama room, reading and literacy rooms, multi-sensory room u oħrajn. Anke l-librerija ġiet modernizzata b'għamara ġdida u żieda fin-numru ta' kotba li jistgħu jissellfu. Minn Settembru li għadda 'l hawn bdejna nilqgħu fostna l-Induction Hub, bi tfal ta' familji barranin residenti fostna f'Għawdex li fl-ewwel sena tal-edukazzjoni tagħhom f'pajjiżna, dawn jiġu introdotti għall-ħiliet bażiċi fl-Ingliż u fil-Malti. Fis-sena ta' wara mbagħad dawn jibdew jattendu l-iskola tal-lokalità tagħhom u hekk ikunu jistgħu jintegraw aħjar mat-tfal l-oħra tal-klassi.

Matul is-sena skolastika kellna bosta attivitajiet indirizzati għat-tfal kollha li jattendu l-iskola, ibda mit-tfal tal-kindergarten u spiċċa fl-istudenti tas-sitt sena li mis-sena skolastika li ġejja jibdew jattendu l-klassijiet tal-Middle School. Kellna ħarġiet edukattivi marbuta mal-Kurrikulu bħal żjarat fil-Belt Valletta għat-tfal tal-Ħames u s-Sitt sena. Kellna żjara oħra fl-MFCC għall-fiera tal-Ktieb għat-tfal kollha mit-tielet

sena 'l fuq. Kellna żjara oħra fil-faċilità Esplora għat-tfal tar-Raba' sena. Kellna ħarġiet marbuta mal-mathracy (b'attivitajiet marbuta mal-matematika) għall-istudenti kemm żgħar kif ukoll kbar. Kellna ħarġiet marbuta ma' fieldwork fir-raħal, attività marbuta mal-Istudju Soċjali. Kellna ħarġiet fid-Dwejra fejn it-tfal setgħu jagħmlu l-kayaking taħt is-superviżjoni ta' għalliema mħarrġin f'din id-dixxiplina. Kellna ħarġiet għal Kemmuna għall-klassijiet il-kbar.

Ta' spiss l-Assembly ta' filgħodu kienet tinbidel f'vetrina li turi t-talenti tal-istudenti tagħna, b'mod speċjali fil-kitba, kant u żfin. Oħrajn kienu juru xi crafts li ħolqu huma stess id-dar u hekk jieħdu gost juru dak li kienu kapaċi joħolqu quddiem sħabhom. Matul din is-sena konna nattendu għall-quddiesa tax-xahar fil-Knisja Parrokkjali għaliex kien fadal xi xogħol żgħir x'isir fis-sala. Attività sabiħa oħra kienet it-tberik tal-kurċifissi għall-klassijiet tagħna wara li l-Parroċċa għażlet li tisponsorja kurċifiss għal kull klassi. Kellna l-Isports Day annwali bejn l-iskejjel primarji ta' Għawdex fejn anke hawn l-istudenti tagħna marru tajjeb ħafna u rebħu bosta medalji. Insomma attività li ma taqta' xejn li tkompli tibni fuq il-fatt li t-tfal mhux biss jitgħallmu ġewwa l-erba' ħitan fil-klassi, imma anke permezz ta' attivitajiet hands-on f'attivitajiet edukattivi bħal dawn li għadni kemm elenkajt.

Il-ġenituri għandhom importanza kbira fl-edukazzjoni ta' wliedhom. Fil-fatt huma l-ewwel għalliema tat-tfal li minn ġewwa djarhom iħejju l-pedamenti għal edukazzjoni ħolisitika fl-iskola. Għalhekk l-iskola tagħmel minn kollox sabiex il-ġenituri u gwardjani jkunu jafu x'ikun qed isir ġewwa l-erba' ħitan tal-klassi permezz ta' korrispondenza kontinwa u torganizza attivitajiet anke għalihom. Minbarra l-Parents' Days li jsiru matul is-sena, nistednuhom ukoll biex jattendu għal attivitajiet kemm fl-iskola kif ukoll barra mill-ħitan tal-klassi. Hekk kellna l-Christmas Concert li din is-sena reġa' sar fit-Teatru MBC kif ukoll l-Open Day li saret fil-bidu ta' Mejju u ċ-ċelebrazzjoni li saret għall-istudenti tal-Ħames u s-Sitt sena. Issa li l-iskola hija attrezzata ħafna aħjar minn qabel, l-impenn tal-ġenituri fl-iskola żgur li sejra tiżdied mhux tonqos.

Issa ġejna fi tmiem ta' sena skolastika oħra. F'dawn il-jiem li titqassam din ir-rivista, l-istudenti tagħna jkunu qegħdin joqogħdu għall-eżamijiet annwali tagħhom, b'xewqa kbira li malli dawn jintemmu, huma wkoll ikunu jistgħu jibdew il-vaganzi tagħhom tas-sajf. U x'hemm isbaħ milli jiċċelebraw il-festa tal-Imnarja? U anke jien permezz ta' din il-paġna nieħu l-okkażjoni biex nawgura l-Festa t-tajba lin-Nadurin kollha.

Viva San Pietru u San Pawl.



# IL-BANDA MNARJA

**JAMES BUTTIGIEG** PRESIDENT



Iż-żmien itir u ma jistenna lil ħadd. Diġà għaddew 5 xhur mill-bidu tas-sena. L-attivitajiet fi ħdan il-Każin tal-Banda Mnarja ma qatgħux, u ser ikomplu. Il-Festa qiegħda wara l-għatba allura dan iż-żmien tas-sena jkollna iktar xogħol. Ix-xahar ta' Novembru u Diċembru kienu xhur impenjattivi ħafna. Fil-bidu ta' Novembru kellna l-festa tal-Konpatrun tagħna San Koronatu. Il-Banda Mnarja ħadet sehem billi attendiet għat-Tridijiet u l-Pontifikal Solenni, kif ukoll lejlet il-festa għamlet il-kunċert ta' San Koronatu fil-Bażilika tagħna. L-għada, il-Banda ħadet sehem fil-purċissjoni.

Kellna wkoll il-kunċert tal-aljievi. Kunċert li kien suċċess ħafna. Tieħu ħafna gost tara l-aljievi kif ukoll anke l-ġenituri tagħhom jieħdu interess fit-tagħlim tal-banda. L-aljievi huma l-futur tagħna. Saru diversi attivitajiet għall-aljievi mis-Sottokumitat Ġenituri Aljievi fil-vaganzi tal-Milied u hemm pjanati aktar attivitajiet fil-futur. Fix-xahar ta' Frar il-Banda tagħna ħadet sehem fil-karnival organizzat tan-Nadur kif ukoll fil-karnival organizzat mill-Kumitat Celebrazzjonijiet Nazzjonali fir-Rabat,Għawdex. Għamilna wkoll il-marċ fil-periferija ta' San Blas fl-okkażjoni tal-festa ta' San Blas.

Din is-sena saru diversi attivitajiet fit-Teatru MBC biex b'hekk it-teatru ġie utilizzat ħafna għall-gost ta' kull min attenda għal dawn l-attivitajiet. Nistgħu ngħidu li kellna attività kull xahar organizzati mill-Kumitat, miż-Żgħażagħ lmnarja u anke għaqdiet oħrajn fin-Nadur. Ospitajna wkoll il-Kunċert tal-Milied tal-Iskola Primarja tan-Nadur li kien suċċess. Grazzi lil kulħadd u nisperaw li s-sena d-dieħla jkollna programm ta' attivitajiet fit-teatru mimli daqs bajda bħalma kellna din is-sena.

Biex torganizza sempliċi marċ trid ħafna xogħol aħseb u are biex torganizza marċ u programm fil-festi barra mir-raħal, kif ukoll il-kunċert "Big Band Adventures" li jsir ta' kull sena fil-pjazza qrib il-festa tal-Appostli tagħna San Pietru u San Pawl.

Kull xahrejn toħroġ ċirkulari bis-servizzi u d-dati tal-provi għall-kunċerti li jsiru matul is-sena li jkunu l-Kunċert "Big Band Adventures", il-kunċert "Mnarja Band in Concert" li jsir f'Novembru f'lejlet il-Festa ta' San Koronatu u l-kunċert funebri "Mater Dolorosa" li jsir fil-Bażilika ta' San Pietru u San Pawl. Minn hawn nirringrazzjaw lill-Bandisti tas-sagrifiċċju li jagħmlu biex jiġu għall-provi tal-kunċerti. Biex issib id-dati tal-provi

tal-kunċerti dejjem nikkordinaw ma' baned oħra ħalli ma naħbtux ma' xulxin speċjalment xħin ikollna l-provi ġenerali.

Matul din is-sena saru għadd ġmielu ta' attivitajiet ta' fund raising. It-tombla ta' nhar ta' Ħadd bil-mod qed terġa' taqbad ir-ritmu waqt li rridu nsibu t-triq 'il quddiem fuq it-tombli ta' matul il-ġimgħa. Il ġiti qed ikunu suċċess kbir u qed niffukaw fuqhom. Fis-sajf qed nippjanaw diversi ġiti u anke tombli kbar quddiem il-Każin tal-Banda. Minn hawn nixtiequ nirringrazzjaw lil kull min jattendi għall-attivitajiet tagħna. Grazzi wkoll lill-Kunsill Lokali kif ukoll il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar tal-għajnuna tiegħu f'diversi attivitajiet.

Din is-sena wkoll fil-festa tal-Imnarja ser jiżżanżnu sett ta' marċijiet ġodda. Dawn jinkludu marċijiet li ndaqqu fil-passat kif ukoll marċijiet ġodda. Il-Banda Mnajra għandha diversi servizzi barra mir-raħal u l-maġġor parti tas-servizzi huma ta' marċ u programm. Biex torganizza marċ u programm jirrekjedi ħafna xogħol; ibda billi ssib il-bandisti barranin kif ukoll il-ġarr tal-istrumenti mużikali li jkollna bżonn fuq il-palk. Minn hawn nirringrazzjaw lil Marvin Grech li jieħu ħsieb jgħinna biex inġibu l-bandisti barranin. Lil Marvin Grech irridu wkoll nifirħulu li din is-sena għadu kemm laħaq surmast tal-Banda Victory tax-Xagħra u tal-Banda Prekursur tax-Xewkija. Għalkemm għandu ħafna impenji dejjem issibu ta' għajnuna kull meta jkollna bżonn. Nirringrazzjaw ukoll lill-bandist tal-post Raymond Farrugia li kull meta jkollna marċ u programm dejjem jgħinna fil-ġarr tal-istrumenti bit-trakk tiegħu.

F'ismi u f'isem il-Kumitat nawgura l-Festa t-tajba lill-komunità kollha tan-Nadur. Nixtieq nirringrazzja lill-Kumitat ħabrieki tiegħi kif ukoll lis-sezzjoni Żgħażagħ Imnarja u l-Kumitat tan-Nisa fi ħdan il-każin tal-għajnuna u l-ħidma tagħhom. Mingħajr il-ħidma tagħkom dan kollu ma jkunx possibbli.






Martin Attard
PHOTOGRAPHY

# KUMITAT FESTI ESTERNI

JOE MUSCAT

## IT-TĦEJJIJA TAL-FESTA TAL-IMNARJA TUL IŻ-ŻMIEN

Il-Festa ad unur l-Appostli Protetturi tal-Parroċċa tan-Nadur San Pietru u San Pawl, jew kif inhi magħrufa aħjar bħala l-Imnarja, tmur lura għal mijiet ta' snin. Għal dawn is-snin kollha din il-festa popolari ilha tiġi organizzata kollha kemm hi mill-parroċċa. Dan ifisser li l-Parroċċa tieħu ħsieb kemm il-festa mill-aspett reliġjuż, jiġifieri l-festa ta' ġewwa, kif ukoll il-parti profana, dik hekk imsejħa l-festa ta' barra.

Il-preparamenti marbuta mal-organizzazzjoni tal-festa titulari dejjem kienu mmexxija mill-Kappillan jew l-Arċipriet *pro tempore* jew mill-Prokuratur tal-festa li ġeneralment kien ikun saċerdot iddelegat mill-istess Kappillan jew Arċipriet.

F'xi żminijiet, meta fil-festa kien ikun qed jiġi ċċelebrat u mfakkar xi anniversarju jew avveniment partikulari, kienet tinħass il-ħtieġa li jitwaqqaf xi forma ta' kumitat. Patri Alexander Bonnici fil-pubblikazzjoni tiegħu *In-Nadur Ġrajjiet il-Kolleġġjata u Bażilika imxebilkin fil-Ħajja Soċjali ta' Għawdex,* isemmi li l-ewwel tip ta' kumitat speċifiku biex jieħu ħsieb il-festa ġie ffurmat fis-sena 1887, fi żmien il-Kappillan Dun Ġwann Camilleri. Dan il-Kumitat ġie mwaqqaf apposta sabiex jorganizza kif jixraq iċ-ċelebrazzjonijiet li kellhom isiru s-sena ta' wara marbutin mat-tieni Ċentenarju mit-twaqqif tal-parroċċa.

Hekk ġara wkoll fis-sena 1967, meta fi żmien il-parrokat tal-Arċipriet Mons. Mikiel Portelli twaqqfu żewġ kumitati, wieħed għall-festi ta' ġewwa u ieħor għall-festi ta' barra, li kienu ġew organizzati s-sena ta' wara, fl-1968, sabiex ifakkru d-dsatax-il ċentenarju mill-martirju tal-qaddisin patruni San Pietru u San Pawl.

L-istess nistgħu ngħidu meta fl-aħħar tas-sena 1986, l-Arċipriet Mons. Salvu Muscat ħatar kumitat biex jorganizza l-festi triċentenarji mit-twaqqif tal-Parroċċa li ġew iċċelebrati bil-kbir fl-1988.

Minn dak iż-żmien 'l hawn, il-mexxejja spiritwali tal-Parroċċa tan-Nadur ħassew li għandhom ikomplu jinvolvu lil-lajċi sabiex jagħtu daqqa ta' id fl-organizzazzjoni tal-festa tal-Imnarja. Hekk li l-parroċċa ħasset li l-organizzazzjoni tal-festa titulari ta' ġewwa għandha tkun f'idejn il-Presbiterium, filwaqt li l-festi fuq barra jieħu ħsiebhom Kumitat imwaqqaf apposta għall-festi esterni.

Iktar ma l-Festa tal-Imnarja kompliet dejjem tikber fl-organizzazzjoni tagħha, iktar inħasset il-ħtieġa li l-istruttura tal-Kumitat Festi Esterni tingħata qafas iktar komprensiv u li jirrifletti r-realtajiet tal-ġurnata. Id-diversi gruppi marbuta mal-armar tat-toroq prinċipali u tal-pjazza, kif ukoll dawk tan-nar, saru iktar attivi u strutturati. Dawn kollha, flimkien mal-Banda Mnarja kienu jaħdmu sabiex jagħtu l-kontribut tagħhom għall-festa. Għalhekk matul is-sena 2009, l-Arċipriet ta' dak iż-żmien Mons. Salvu Muscat sejjaħ grupp ta' individwi li għal numru ta' xhur iltaqgħu biex flimkien fasslu statut li jirregola lil dawn l-għaqdiet kollha sabiex ikunu parti integrali mill-Kumitat Festi Esterni. L-għan ewlieni u prinċipali ta' dawn ir-regolamenti huwa: "*sabiex fil-għaqda mħabba u tolleranza u solidarjetà nistgħu norganizzaw festa xierqa u dinjituża lill-Patruni tagħna San Pietru u San Pawl u San Koronatu u dan dejjem fil-parametri tar-regolamenti maħruġa mill-kurja ta' Għawdex għall-festi esterni".*

Eventwalment dan l-istatut ġie approvat u ffirmat mill-Isqof ta' Għawdex ta' dakinhar u llum l-Eminenza Tiegħu l-Kardinal Mario Grech, nhar l-Erbgħa 10 ta' Marzu 2010, fi żmien l-ewwel ġimgħat tal-Parrokat tas-seba' Arċipriet tan-Nadur Mons. Jimmy Xerri. Kopja ta' dan l-istatut ġiet mgħoddija lil kull għaqda li tifforma parti mill-Kumitat Festi Esterni. B'hekk il-kumitat Festi Esterni li bħalissa għandu l-presidenza tal-Amministratur Parrokkjali Dun Krystof Buttigieg, sar jiġbor fih rappreżentanti mill-għaqdiet li ġejjin: Is-Soċjetà Filarmonika Mnarja, l-Għaqda tan-Nar 29 ta' Ġunju, l-Għaqda tal-Armar Pjazza San Pietru u San Pawl, l-Għaqda Armar Triq Diċembru 13, l-Għaqda Armar Triq San Ġwann, l-Għaqda Armar Triq Xandriku, l-Għaqda Armar Triq il-Kappillan, l-Għaqda Armar Triq il-Knisja u l-Kummissjoni Żgħażagħ Mnarja. Barra minn hekk l-Arċipriet jista' jaħtar membri oħra li jidhirlu hu sabiex ipoġġu fuq il-Kumitat.

Ir-rwol ewlieni tal-Kumitat Festi Esterni huwa li jikkoordina l-inizjattivi kollha li jieħdu dawn l-għaqdiet għall-festa. Barra dan, il-Kumitat Festi Esterni jfassal, jiddiskuti u finalment joħroġ il-programm tal-festa

# Andria

## Cafetteria & Bar

Pjazza
San Pietru
u
San Pawl,
Nadur.










Sizzling Grill
at Nadur Feast

*Simply spoilt for choice*

**PETER'S Butcher shop** NOW OPEN IN NADUR

For the finest cuts of local and foreign beef, pork and lamb.

A wide selection of unique homemade meat products such as kebabs, various burgers, marinated meat, bragioli, meat balls, juicy roasts and more... Specializing in Sausages varying from Maltese, spicy, BBQ, smoked cheesy, sweet and many more....

**OPENING HOURS:**

Tuesday & Thursday from 3:00pm-7:00pm
Wednesday & Friday 6:30am-12:00 & 3:00-7:00
Saturday from 6:30-12:00

2785 5051 / 7905 5051




*Free Delivery*



# CHARLIE MUSCAT

(LAQXA) WOOD MASTER

TRIQ TAX-XEMMIEX,
NADUR, GOZO
TEL: 79558600



All Kinds
of
Furniture

# HEIRLOOM
FURNITURE

Mr. Michael Camilleri
*Managing Director*

Heirloom Furniture Ltd.
N.B. Off Qortin Street,
Nadur, Gozo, Malta.
Tel: 21556954 Mobile: 99866682
e-mail: info@heirloominteriors.com
website: www.heirloominteriors.com

Parquet
Flooring

Wooden Apertures
According to
CE Standards

Certified Firedoors
Exova Warringtonfire
Certificate No.
WF 186793

esterna għal dik is-sena. Huwa xieraq li ngħidu li llum il-ġurnata l-ħidma ta' dawn il-gruppi kollha fi ħdan il-kumitat festi esterni tkun għaddejja matul is-sena kollha, għaliex il-membri ta' dawn l-għaqdiet jiltaqgħu b'mod regolari matul is-sena biex ikomplu bix-xogħol ta' manutenzjoni, restawr, ħjata u tkomplija ta' proġetti ġodda. Barra minn dan isir ippjanar u ħidma marbuta ma' attivitajiet li jkopru wkoll ġbir ta' fondi li tant huma neċessarji biex ikunu jistgħu jitwettqu u jintlaħqu l-għanijiet ta' kull għaqda rispettiva.

L-istess jista' jingħad kemm għall-Banda Mnarja, għall-Għaqda tan-nar 29 ta' Ġunju, kif ukoll il-Kummissjoni Żgħażagħ Mnarja fi ħdan is-Soċjetà Filarmonika Mnarja. Dawn it-tlett gruppi wkoll ikunu għaddejjin b'ħidma matul is-sena kollha b'mod speċjali billi jippjanaw u jorganizzaw attivitajiet u inizjattivi oħra sabiex jiġbru l-fondi neċessarji ħalli matul il-jiem tal-Festa tal-Imnarja jkollna marċijiet sbieħ, nar xieraq, kif ukoll briju diċenti u ferrieħi miż-żgħażagħ Nadurin.

Matul dawn l-aħħar 25 sena, rajna lil dawn il-gruppi u għaqdiet jorganizzaw iktar irwieħhom u jintensifikaw ix-xogħol tagħhom. Dawn l-isforzi ġenwini żgur li ħallew il-frott għaliex kulħadd jista jara b'għajnejh l-armar tal-pjazza u t-toroq prinċipali kemm ġie msebbaħ u sar iktar rikk. L-istess jista' jingħad għall-marċi, għan-nar, kif ukoll għaż-żieda fil-briju innovattiv li jorganizzaw iż-żgħażagħ matul il-jiem tal-festa. U dan għandu dejjem jitqies ukoll fil-kuntest tal-element qawwi ta' volontarjat involut f'dan it-tip ta' impenn f'dawn l-għaqdiet u fil-perspettiva li ħafna mill-membri tagħhom huma żgħażagħ.

Tajjeb li ngħidu li matul is-snin rajna wkoll lill-Parroċċa tieħu diversi inizjattivi u azzjonijiet sabiex l-armar tal-festa li huwa proprjetà tagħha jinġabar u jinħażen f'postijiet spazjużi u xierqa. Infatti bħalissa għaddejja wkoll ħidma u preparamenti mill-parroċċa sabiex nukleu ta' għaqdiet tal-armar ikollhom iktar spazju komuni fejn jaħżnu l-armar rispettiv tagħhom. Dan għaliex dak l-investiment kollu li sar u qed isir fl-armar tal-festa jixraqlu li jkun migbur u merfugħ f'postijiet adegwati.

Huwa evidenti li l-organizzazzjoni tal-festa titlob impenn qawwi mingħand ħafna. Iżda l-isforzi ġenwini kollettivi flimkien ma' koperazzjoni sħiħa mingħand l-għaqdiet kollha fi ħdan il-Kumitat Festi Esterni jissuperaw kull diffikultà. Il-motivazzjoni ta' din il-ħidma kollha hija biss l-imħabba sinċiera tal-membri ta' dawn l-għaqdiet lejn il-patruni tal-Parroċċa tagħna bil-għan aħħari li ta' kull sena tkompli tiġi organizzata festa xierqa, dinjituża u devota lill-Kbar Appostli San Pietru u San Pawl.

VIVA SAN PIETRU U SAN PAWL

## IL-KUMITAT FESTI ESTERNI PARROĊĊA NADUR

LI FI ĦDANU JIĠBOR LILL-

**GĦAQDA ARMAR PJAZZA SAN PIETRU U SAN PAWL**
**GĦAQDA ARMAR TRIQ IL-KNISJA**
**GĦAQDA ARMAR TRIQ DIĊEMBRU 13**
**GĦAQDA ARMAR TRIQ IL-KAPPILLAN DUN BERNARD HABER**
**GĦAQDA ARMAR TRIQ XANDRIKU**
**GĦAQDA ARMAR TRIQ SAN ĠWANN**
**GĦAQDA ARMAR TRIQ TRAMUNTANA**
**SOĊJETÀ FILARMONIKA MNARJA**
**GĦAQDA TAN-NAR SAN PIETRU U SAN PAWL**
**KUMMISSJONI ŻGĦAŻAGĦ MNARJA**

jixtieq jirringrazzja lin-Nadurin kollha tal-appoġġ finanzjarju kif ukoll għas-sostenn kontinwu li jagħtu lil dawn l-Għaqdiet permezz tal-preżenza tagħhom waqt l-attivitajiet li jorganizzaw matul is-sena.

Għan-nom tal-membri kollha nawguraw
*l-isbaħ xewqat għall-Festa t-Tajba*
lill-Poplu Naduri kollu!



# Kumitat Purċissjoni Ġimgħa Kbira Nadur

JOE MUSCAT

Ilha toħroġ mill-Knisja Parrokkjali tan-Nadur sa mis-sena 1913. Il-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, li tiġi organizzata kull sena mill-Parroċċa, hija manifestazzjoni esterna li tiġbed tant interess kemm mill-parruċċani Nadurin, kif ukoll mill-barranin li jżuru r-raħal tagħna fil-ġurnata tal-Ġimgħa l-Kbira. Din is-sena wkoll dan l-appuntament inżamm u l-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ħarġet mill-knisja bażilika ta' San Pietru u San Pawl, nhar il-Ġimgħa 29 ta' Marzu, 2024 fis-6.00pm, anke jekk konna għadna bil-ħin tax-xitwa.

Din is-sena wkoll kellna numru ta' inizjattivi ġodda li permezz tagħhom iżżanżan ilbies u saru oġġetti ġodda li aħna ninsabu konvinti li komplew isaħħu u jsebbħu il-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira tal-Parroċċa tagħna. Uħud minn dawn l-inizjattivi qed itejbu dak li kellna filwaqt li oħrajn qed jagħtu iktar sinifikat lil din il-manifestazzjoni esterna li tirrappreżenta l-passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu.



Kif jaf kulħadd, il-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira timpenja mijiet ta' nies, fosthom reffiegħa, nies lebsin ta' persunaġġi bibliċi, suldati, numru sabiħ ta' tfal, dawk tal-wegħdi (ktajjen u slaleb), il-Banda Mnarja, fratelli u Kleru. Barra minn hekk hemm numru ieħor sabiħ ta' organizzaturi, ushers u helpers oħra li ta' kull sena jagħtu l-għajnuna tagħhom sabiex din il-purċissjoni tirnexxi. Aħna konvinti li l-poplu Naduri għandu għal qalbu lil din il-purċissjoni, għax b'mod kontinwu u konsistenti qed naraw u nħossu s-sostenn, il-kollaborazzjoni u l-inkoraġġiment tiegħu f'kull ħidma li tkun qed issir b' risq din l-attività annwali marbuta mal-festi tal-Għid il-Kbir.

Il-ħidma tal-kumitat ma' tieqafx hekk kif tidħol il-purċissjoni imma tkompli għaddejja matul is-sena kollha. Matul din l-aħħar sena l-kumitat baqa' jiltaqa' b'mod regolari biex jippjana, jiddeċiedi u jwettaq ħidma kontinwa biex din il-Purċissjoni tkompli miexja 'l quddiem, dejjem bl-iskop li minbarra li tkun attrazzjoni viżwali u artistika, sservi bħala mezz ta' ġabra u meditazzjoni fuq it-tbatija li ġarrab Sidna Ġesù Kristu għall-fidwa tagħna lkoll.

Matul dawn ix-xhur li għaddew ġew organizzati wkoll diversi attivitajiet ta' fund raising fosthom l-ikla tal-Għid, l-ikla ta' San Koronatu kif ukoll l-ikla tradizzjonali tal-Imnarja fil-Pjazzetta fil-ġranet ta' qabel il-Festa. Barra minn hekk, matul is-sena l-kumitat għamel numru ta' lotteriji sabiex jinġabru fondi b'risq din il-purċissjoni u b'hekk ikollna l-mezzi biex inkomplu nirranġaw u nsebbħu din il-manifestazzjoni.

Ix-xogħol tal-kumitat ma jikkonsistix biss fid-diversi laqgħat li jsiru, iżda l-membri tal-kumitat jiltaqgħu regolarment fil-maħżen tal-Purċissjoni tal-Ġimgha l-Kbira biex, jagħmlu pjanijiet, jirranġaw ħsarat, inaddfu aċċessorji u ħwejjeġ oħra. Din il-ħidma twassal biex meta tasal il-ġurnata tal-Ġimgħa l-Kbira, il-Purċissjoni tkun tista' toħroġ bl-aħjar mod possibbli. Bejn Mejju tas-sena 2023 u Marzu 2024, il-kumitat irnexxielu jwettaq ix-xogħlijiet elenkati hawn taħt, li jinkludu wkoll diversi inizjattivi ġodda li kienu tħabbru s-sena l-oħra.

- Ġew meħjuta 25 par ġdid ta' sandlijiet tal-ġild għas-suldati Rumani

- Inxtara 150 metru ħabel sabiex saru mill-ġdid il-lazzijiet għas-sandlijiet tas-suldati Rumani
- Ġie meħjut sandli ġdid tal-ġild għal Pilatu
- Inxtraw 30 par ingwanti ġodda biex jitlibbsu lit-tfal biex ma jħossux il-bard
- Saret ċinga ġdida għal min jerfa' s-salib il-kbir tal-Purċissjoni
- Saru alterazzjonijiet fil-mantelli tas-suldati Rumani sabiex jintlibsu b'mod iktar faċli
- Saru alterazzjonijiet fil-korazzi tas-suldati Rumani
- Sar restawr tal-armi Rumani
- Tlestiet is-sistema ta' arja ċirkulari fin-niċċa ta' Kristu Rxoxt
- Saru diversi tiswijiet u tindif fuq id-diversi simboli, u aċċessorji
- Ġie introdott kostum ġdid għal 5 Kavallieri tas-Sepulkru. Il-ħjata ta' dawn il-kostumi saret mingħajr ħlas minn Doreen Muscat bl-għajnuna ta' Peter Portelli. Ix-xogħol kien jinkludi:
  - ❖ 5 kapep bojod bis-salib
  - ❖ 5 kapep ħomor
  - ❖ 5 tuniċi bojod bis-salib
  - ❖ 5 ilbiesi suwed
  - ❖ 5 ilbiesi mmaljati b'fibra tal-ħadid
  - ❖ 5 kapep tal-ħadid għar-ras
  - ❖ 5 pari żraben tal-ġild
  - ❖ 5 ċintorini tal-ġild
  - ❖ 5 tarki
  - ❖ Stendard ġdid tal-Kavallieri tas-Sepulkru
  - ❖ Saru spallieri u stands ġodda għall-ilbies maħdum b'fibra tal-ħadid

Dawn l-inizjattivi li elenkajna hawn fuq kollha għenu sabiex din is-sena kellna purċissjoni iktar organizzata u aġġornata.

Nhar Sibt il-Għid filgħodu nġbarna grupp sabiħ ta' voluntiera biex taħt id-direzzjoni tal-membri tal-Kumitat Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira setgħu jinġarru l-istatwi kollha f'posthom u wara inħarġet l-istatwa artistika ta' Kristu Rxoxt. Fl-istess waqt, is-Sibt filgħodu, grupp ieħor sabiħ ta' nisa membri tal-kumitat flimkien ma' oħrajn ħadu ħsieb jiġbru l-kostumi u l-aċċessorji kollha f'posthom.

Ftit ġranet wara l-kumitat reġa' ltaqa' biex ikompli bil-ħidma tiegħu. F'din l-ewwel laqgħa, minbarra li ġie diskuss l-andament tal-Purċissjoni ta' din is-sena ġew suġġeriti wkoll xi passi li hemm bżonn jittieħdu sabiex inkomplu ntejbu fuq dak li għamilna. Barra minn hekk, il-kumitat fassal pjan ta' ħidma li għandu jiġi implimentat matul is-sena li ġejja.

Għalhekk qbilna li naħdmu biex fix-xhur li ġejjin inwettqu dawn l-inizjattivi:

- JinħadmuTrolleys għall-bankuni tal-Vari
- Jinbidlu wħud mill-kostumi b'disinn, drapp u ħjata mill-ġdid
- Tiġi restawrata l-Arka
- Jiġi restawrat il-kandelabru
- Jinbidlu l-lasti ta' diversi statwi
- Isir mill-ġdid sett suldati Rumani

Dawn l-inizjattivi għandhom l-objettiv li nkomplu nieħdu ħsieb u nippreservaw dak kollu li twettaq matul is-snin, filwaqt li nibqgħu nsebbħu, insaħħu u naġġornaw din il-Purċissjoni li hi marbuta intrinsikament mal-istorja tal-Parroċċa tan-Nadur. Kif wieħed jista' jinnota l-ispejjeż huma kbar, iżda għandna fiduċja sħiħa li l-ġenerożità tal-poplu Naduri tiżboq bil-bosta l-ispejjeż li l-kumitat għandu bżonn sabiex ikompli bil-ħidma tiegħu.

Fl-aħħar nett huwa xieraq li f'isem il-Kumitat Purċissjoni Ġimgħa Kbira Nadur nirringrazzjaw lil Mons. Jimmy Xerri li proprju ser ikun qed itemm il-parrokat tiegħu bħala Arċipriet tan-Nadur din is-sena. Minn qalbna nirringrazzjawh ta' dak kollu li għamel għall-parroċċa tagħna matul is-snin kemm bħala pastorali kif ukoll fl-impenn u s-sostenn kontinwu biex jikkonserva u jtejjeb il-wirt storiku reliġjuż tal-parroċċa. Bħala Kumitat Ġimgħa Kbira Nadur nirringrazzjawh tal-fiduċja li dejjem kellu fil-ħidma tagħna, u filwaqt li ħallilna spazju fejn naħdmu, b'mod kostanti sibnieh dejjem ta' sostenn. Filwaqt li nwegħduh it-talb tagħna nixtiequ nawgurawlu aktar ħidma sfiqa fl-għalqa tal-Mulej.

Fl-istess waqt nieħdu din l-opportunità sabiex nagħtu merħba lil Fr. Krystof Buttigieg bħala t-tmien Arċipriet tal-Parroċċa tagħna. Nilqgħu fostna b'entużjażmu filwaqt li nawgurawlu għal din il-kariga, kommessi li nkomplu naħdmu id f'id mal-Arċipriet Fr. Krystof għall-ġid tal-komunità parrokkjali tan-Nadur.



TAGĦRIF DWAR

# l-Azzjoni Kattolika

## FIL-PARROĊĊA TAN-NADUR

MONS. SALVU MUSCAT

Fil-Parroċċa tan-Nadur għandna tliet fergħat tal-Azzjoni Kattolika:

**Fergħa nisa**
Protettriċi: Santa Gianna Beretta Molla
Direttur: Mons. Salvu Pace
Segretarja: Lucy Azzopardi

Il-laqgħat ta' din is-sezzjoni tal-Azzjoni Kattolika jinżammu kull nhar ta' Tnejn filgħodu fis-sala parrokkjali fi triq Xandriku. Kull l-ewwel Tnejn tax-xahar il-laqgħa ssir fil-kappella tas-sorijiet Franġiskani tal-Parroċċa tagħna, quddiem Ġesù Sagramentat espost.

Fit-tlett ijiem tal-Kwaranturi tal-parroċċa, il-membri jmexxu siegħa Adorazzjoni li għaliha jkun mistieden kulħadd. L-għada tal-Erbgħa ta' Rmied jiġi organizzat nofstanhar irtir li għalih ikun mistieden kulħadd. L-irtir ikun immexxi minn saċerdot.

Matul is-sena jsiru numru ta' laqgħat li jitmexxew minn diversi mistiedna, fosthom il-Madre tas-sorijiet tan-Nadur, Bernardette Vella, u Marie Cachia, il-presidenta ġenerali tal-Azzjoni Kattolika Maltija.

**Fergħa Xebbiet**
Protettriċi: S. Marija Goretti
Assistent Ekkleżjastiku: Mons. Salvu Muscat
Segretarja: Marija Attard

Din il-fergħa xebbiet tal-Azzjoni Kattolika tiltaqa' f'Dar l-Imnarja, kull nhar ta' Tlieta fil-5.30pm. Il-membri jagħmlu diversi ħidmiet li jinkludu: ġbir tal-ferta; ġbir għall-missjoni fil-Ġurnata Missjunarja; jgħinu wkoll fil-ġbir tal-Kwaranturi; jagħmlu wkoll ġbir tal-abbonamenti u jqassmu r-rivista Il-Ħajja f'Għawdex; xi membri jiġbru wkoll l-abbonamenti u jqassmu r-rivista Kliem il-Ħajja.

Uħud mill-membri jżuru lill-morda fid-djar kif ukoll fl-isptar. Membri oħrajn jagħtu wkoll għajnuna fl-Uffiċċju Parrokkjali filwaqt li oħrajn jgħinu fl-organizzazzjoni tas-Siegħa Adorazzjoni tal-Ħniena Divina li ssir kull nhar l-ewwel Ġimgħa tax-xahar. F'Novembru tiġi organizzata quddiesa fiċ-ċimiterju għall-erwieħ mejtin li kienu membri tal-Azzjoni Kattolika. Għal din il-quddiesa jiġi mistieden kulħadd.

Ta' kull ġimgħa membri ta' din il-fergħa jqassmu wkoll il-Bullettin ġod-djar.

**Fergħa Irġiel**
Protettur: Beatu Carlo Acutis
Assistent Ekkleżjastiku: Mons. Salvu Muscat

Wara laqgħa djoċesana tal-Azzjoni Kattolika li nżammet nhar it-2 ta' Marzu 2024 fid-Dar tal-Azzjoni Kattolika fir-Rabat, Għawdex, billi fil-parroċċa tagħna kien hawn is-sezzjoni tal-Azzjoni Kattolika rġiel li kienet spiċċat, għamilna impenn biex nippruvaw nerġgħu nlaqqgħu membri rġiel u hekk ikomplu jsiru l-laqgħat ta' din is-sezzjoni. Nhar l-Erbgħa, 13 tal-istess xahar, inżammet l-ewwel laqgħa ta' dan il-grupp ġdid ta' irġiel tal-Azzjoni Kattolika u li għaliha attendew madwar 8 membri. Minn dakinhar 'l hawn tkomplew il-laqgħat ta' kull nhar ta' Erbgħa fil-5.30pm. Illum din il-fergħa għandha jattendu regolarment madwar 14-il membru, li nittamaw li bil-għajnuna ta' Alla jkomplu dejjem jikbru.

San Ġorġ Preca jurina l-ħtieġa li nisimgħu l-Kelma ta' Alla għaliex kif jgħid: "It-Tagħlim huwa l-għajn ta' kull ġid."



# XI ĦIDMIET LI JSIRU MIL-LEĠJUNARJI TA' MARIJA FIL-PARROĊĊA TAN-NADUR

ANTOINETTE TABONE

Il-Leġjun ta' Marija huwa moviment tal-lajċi li ġie mwaqqaf mis-Serv ta' Alla Frank Duff ġewwa Dublin fl-Irlanda, nhar is-7 ta' Settembru, 1921.

Minn dakinhar il-Leġjun ta' Marija kompla jinxtered; l-ewwel fl-Irlanda mbagħad fl-Ewropa u mad-dinja kollha. Hekk ukoll wasal f'Malta, f'Għawdex u għalhekk anke fin-Nadur.



F'għaqda ma' Marija, il-Leġjun, permezz tal-membri leġjunarji, iwettaq ħafna ħidmiet fil-parroċċa bħal f'kull parroċċa fejn hemm il-Leġjun.

Aħna nkunu għad-dispożizzjoni tal-Arċipriet biex inwettqu dak li hu jitlob minna. Din is-sena wkoll ġejna mitlubin nagħmlu baby sitting waqt laqgħat organizzati għall-ġenituri. Qassamna wkoll il-ktejjeb "Ejjew Nitolbu" u anke il-ktejjeb "Kliem il-Ħajja". Ta' kull ġimgħa tqassam ukoll il-Bullettin tal-Ħadd.

Xi ħidmiet oħra li l-leġjunarji jagħmlu fil-parroċċa jinkludu:

- Tmexxija ta' Praesidia (gruppi) taż-żgħar.
- Żjajjar lill-Awżiljarji (nies li għalkemm ma jattendux għal-laqgħat tal-Leġjun, jgħidu t-Tessera kuljum).
- Kuntatti u twissijiet spiritwali kemm wiċċ imb wiċċ kif ukoll fuq is-social media.
- Tixrid ta' letteratura kattolika.
- Organizzazzjoni tar-rużarju u quddiesa għall-Ingliżi ta' kull nhar ta' Ħadd fil-Kappella tas-Sorijiet.
- Visti bl-istatwa tal-Madonna fil-familji.
- Żjajjar lill-morda u persuni anzjani fi djarhom li tant ikunu mixtieqa u apprezzati.
- Żjajjar lill-morda u anzjani fl-isptar.
- Tmexxija tar-rużarju fil-knisja matul ix-xhur ta' Mejju u Ottubru.
- Darba fil-ġimgħa, f'Mejju u f'Ottubru, ngħidu r-Rużarju fil-beraħ f'imkejjen differenti fir-raħal.
- Fl-ewwel Sibt ta' kull xahar norganizzaw Siegħa Adorazzjoni għall-konverżjoni tal-midinbin.

Fin-Nadur għandna diversi gruppi (Praesidia) li jinkludu 3 tat-tfal, 2 tal-irġiel u 6 tan-nisa.

L-iskop tal-Leġjun hu l-glorja ta' Alla u t-tqaddis tal-membri. Għalhekk nistiednu lil dawk il-persuni li ma jattendux f'xi għaqda oħra biex jingħaqdu f'xi grupp tal-Leġjun billi jkellmu lil xi membru leġjunarju. Inħeġġu wkoll lil dawk li jistgħu jissieħbu bħala Awżiljarji billi jingħaqdu magħna u jgħidu t-talba li hemm fuq it-Tessera kuljum.

# DAY CENTRE ANZJANI NADUR

LINA MIFSUD



Id-Day Centre tal-Anzjani fin-Nadur hija għaqda li tinvolvi mal-mitt ruħ. Maż-żmien kbirna ħafna speċjalment dawn l-aħħar ftit snin. Jien u l-helpers flimkien mal-Kunsill Lokali tan-Nadur, dejjem ħdimna biex intaffu ftit mis-solitudni li jaffaċċjaw ħafna anzjani mad-dinja kollha. Dan nagħmluh billi nilqgħuhom bit-tbissima, nisimgħu dak li jridu jgħidulna, kemm ta' ferħ u kemm ta' niket, noffrulhom kolazzjon u ikla ta' nofsinhar u xi kultant għajnuna oħra skont il-bżonn tagħhom. Aħna niltaqgħu kull nhar ta' Tlieta iżda l-għajnuna nagħtuhielhom anke fi ġranet oħra.

F'din il-ħarġa ta' Luminaria ma jonqosx li nsellmu u nirringrazzjaw lill-Arċipriet Mons. Jimmy Xerri li fil-parrokat tiegħu ta servizz u mexxa lin-Nadurin u għaqqad il-parruċċani kollha. Lilna l-anzjani dejjem ftakar fina u tana prominenza u nvolviena f'avvenimenti Liturġiċi tal-Parroċċa. Hawn insemmi l-attività ta' Jum il-Morda u l-Anzjani li tiġi ċċelebrata fi Frar, u Jum l-Anzjani fin-Novena tal-Festa ta' San Pietru u San Pawl, il-Patruni tagħna. F'dawn l-avvenimenti l-anzjani jħossuhom speċjali. Għan-nom tal-anzjani kollha grazzi mill-qalb Fr. Jimmy u l-Mulej ikompli jitfa' l-barka Tiegħu fuqek biex kull fejn tkun tibqa' tagħmel il-ġid.

Sintendi mhux ħa nibqgħu bla ragħaj fil-Parroċċa, u filwaqt li nilqgħu lil Dun Krystof fostna, ngħidulu wkoll grazzi li sab il-ħin u diġà ġie jiltaqa' magħna fid-Day Centre. L-Amministratur Parrokkjali diġà ħa interess kbir fina l-anzjani u qagħad jisma' u jistaqsi fuq l-Għaqda tagħna. B'dik it-tbissima tiegħu, Dun Krystof żgur li se jiġbed ħafna erwieħ lejn l-Għalqa tal-Mulej. Aħna l-anzjani nawgurawlek il-ħidma t-tajba fostna n-Nadurin u l-Mulej ibierkek biex tkompli tagħmel dan.

Nawguraw il-Festa t-Tajba lil kulħadd.



# Il-Komunità Ewkaristika

FR MARK BONELLO



Kif wieħed jista' jissupponi mill-istess isem ta' dan il-grupp, il-Komunità Ewkaristika timpenja ruħha biex tiltaqa' ma' Ġesù fl-Ewkaristija. Iżda dan ma jsirx biss permezz ta' quddiesa u adorazzjoni, iżda matul ċiklu ta' xahar ikollna wkoll iċ-ċans li pass pass naqbdu silta minn vanġelu (bħalissa qegħdin ngħaddu l-Evanġelu skont San Mattew) u wara li nanalizzawha, naraw kif is-silta tista' tgħinna ngħixu ħajja aktar tixbah lil dik ta' Ġesù.

Din is-sena komplejna nirriflettu u nitgħallmu fuq il-Vanġelu skont San Mattew, vanġelu li laqqagħna ma' diversi temi bħat-talb, is-sawm, il-karità, il-maħfra, u rajna wkoll siltiet fejn l-Evanġelista jirrakkontalna l-kobor ta' Sidna Ġesù Kristu permezz tat-twettieq tal-mirakli li għamel fost il-poplu Lhudi u l-pagani.

Parti mill-għan tal-Komunità Ewkaristika huwa li l-membri mhux biss jisimgħu l-Kelma ta' Alla u l-omelija tas-saċerdot, iżda jkunu huma stess li jaqraw u jagħmlu tiftix biex jgħallmu lil xulxin fuq il-Kelma ta' Alla taħt il-gwida tas-saċerdot. Dan jgħin lill-membri jħossuhom li qed ikunu protagonisti fl-evanġelizzazzjoni ta' ħuthom stess.

Imbagħad ikun jonqos l-aktar parti diffiċli: li kull membru jgħix it-tagħlim li jkun sema' fil-ħajja ta' kuljum. Mhux dejjem ikun faċli, iżda bit-talb u bil-għajnuna ta' Alla dik hi x-xewqa: li anke bl-għemil tagħna nippruvaw inkunu nixbħu lil Ġesù.

Nitolbu sabiex aktar adulti jissieħbu mal-Komunità tagħna jew ma' gruppi oħra li fihom ikollhom il-possibiltà jieqfu mit-taħbit tal-ħajja ta' kuljum u jiltaqgħu ma' Ġesù.



# GĦAQDA DUN FRANĠISK GRIMA
## MILL-MEMORJA KOLLETTIVA

ANTONIA SAMMUT

### IL-MIRAKLU TA' SANTA RITA



F'waħda mill-ħarġiet tagħna l-anzjani darba żorna l-kappella ta' Sant'Antnin f'Marsalforn. Ir-Rettur Fr Anton Schembri hu midħla ħafna tal-Agostinjani u kien għalhekk li waħda minn dawk preżenti rrakkontat anedottu ħelu ta' miraklu li ġara fil-familja tagħha bl-interċessjoni ta' Santa Rita.

Mela din kellha oħta jisimha Rita. Meta kellha madwar sentejn mardet. It-tabib qalilhom li għandha pulmonija u ma kienx hemm fejqan għaliha. Qalilhom li sfortunatament kienet se tmut. Ommha talbet bil-qalb lil Santa Rita.

Talbet hekk – 'Lit-tifla teħodilhix. Jekk tgħix, inlibbisha ta' soru għalik.'

It-tifla bdiet gejja 'l quddiem u fieqet. Għalihom kien miraklu. Ommha libbsitha ta' soru u damet ħafna liebsa ta' Santa Rita. Din it-tifla kibret u żżewġet u għandha ħamest itfal. Ommhom rawmet fihom imħabba kbira lejn Santa Rita, il-qaddisa tal-impossibbli.

---

***Siltiet mill-Kurunella ta' Santa Rita kif miktuba minn Fr. Raphael Azzopardi O.S.A.***

Miż-żgħożija ħrabt id-dinja,
Biex tgħannaqt mal-Kurċifiss,
Fis-skiet waħdek fih miġbura,
Ma ħabbejtx ħlief lilu biss.

Int tgħarrast ma' bniedem kiefer,
Biex obdejt għalkemm ma ridtx,
Ġejt maħqura, ma bis-sabar,
Għal ħdan t'Alla lilu ġbidt.

Lil kefrin li qatlu 'l żewġek,
Bil-qalb kollha int ħfirtilhom,
Kif Ġesù lilna mar jgħallem,
B'ġid id-deni ħallastilhom.

Ġesù daħħlek bi kbir għaġeb,
Reliġjuża Agostinjana,
Tak minn rasu xewka f'moħħok,
B'dat turment kemm għext ferħana.

Wara ħajja ta' qdusija,
Ruħek kellha biex tithenna,
Xħin żaruk Ġesù u Marija,
U stednuk għal ġewwa l-ġenna.

Biex bi ħlas ta' kemm ħabbejtu
Fl-art ġieħ jagħti Ġesù 'l ismek,
B'għaġeb kbir għamel li f'qabrek
Bla mittiefes jibqa' ġismek.

ANTHONY'S FURNITURE
Għal kull xorta ta' xogħol fl-injam
Jawgura l-festa t-tajba lin-Nadurin kollha.
"Mater Dolorosa"
Triq Ta' Grunju,
Nadur, Għawdex
Phone: 2155 2251
Mobile: 9944 6107

# GRUPP TAR-ROMOL

## FIL-PARROĊĊA TAGĦNA

DUN ĠUŻEPP ATTARD



Kien fis-sena 2019 ftit qabel ma kien hawn il-pandemija tal-*Covid 19,* meta fuq l-inizjattiva tal-grupp "Anwim" beda jiltaqa' grupp ta' romol fil-parroċċa tagħna, iżda ftit wara dawn il-laqgħat kellhom jieqfu minħabba l-biża' tal-mard. Wara dan il-perijodu, f'Settembru 2022, l-Arċipriet Mons. Jimmy Xerri talabni biex nieħu ħsieb nibda nlaqqa' lil dan il-grupp.

Il-grupp reġa' beda jiltaqa' kull raba' Tnejn tax-xahar (eskluż fix-xhur tas-Sajf) fis-sala Parrokkjali, u matul din l-aħħar sena beda jiltaqa' fil-post tal-Museum il-qadim tan-nisa. Dan juri li l-Parroċċa qed tieħu ħsieb dawn il-persuni, li kollha għaddew mill-esperjenza iebsa tat-telfa ta' żewġhom jew marthom. Fil-bidu tal-Knisja primittiva, għal żmien twil, lir-romol kienet waqfet għalihom l-"*Ordni tar-Romol*" fejn b'imħabba dan is-servizz ekklesjali kien ikun ta' għajnuna kbira għal din il-kategorija ta' membri tal-Komunitajiet Insara.

Dan il-grupp fil-Parroċċa tagħna ngħata l-isem ta "Katekesi tar-Romol u l-Ħbieb", fejn huma mistiedna r-romol irġiel u nisa u ħbieb tagħhom biex flimkien miegħi jiltaqgħu għad-dawl tal-Kelma ta' Alla, permezz ta' qari mill-Bibbja fuq personaġġi tal-Antik Testment. Fuq kull personaġġ, li kull darba tinqara l-istorja tiegħu jew tagħha mill-Kotba Mqaddsa, jinsilet xi tagħlim attwali għas-sitwazzjoni konkreta għal żminijietna. Waqt il-laqgħa hemm spazji għal xi mistoqsijiet jew xi riflessjoni minn dawk preżenti.

Nieħdu din l-okkażjoni biex inħajru aktar ħbieb jiltaqgħu magħna. Hemm grupp sabiħ li jieħdu sehem regolarment u oħrajn jiġu meta ma jkunux impenjati f'xi ħaġa oħra. Qed tkun apprezzata ħafna l-parteċipazzjoni ta' dawn in-nies li f'dawn is-sentejn ħadu sehem xi darba jew oħra - madwar 40 ruħ (irġiel u nisa).

**RABOKK PIZZA**

*Snack Bar*

*Pjazza San Pietru u San Pawl, Nadur Għawdex.*

Tel: 21558337 Mob: 99802491/ 99478629

# IL-PARROĊĊA F'SERVIZZI TA' QADI LILL-MORDA

MONS. SALVU MUSCAT

Kien Ġesù li wera u ta dinjità lil dawk li kienu morda. Infatti, Ġesù kellu żewġ preferenzi - dawk midinbin u dawk batuti u morda.

Fl-Atti tal-Appostli nsibu li meta l-ġemgħa tal-fidili bdiet toktor, l-Appostli ħasbu biex lir-romol ikun hemm min jieħu ħsiebhom. Nifhmu li mar-romol kien hemm ukoll il-foqra u l-morda.

Fi żmien l-imperatur Valerjanu, il-Knisja kienet ippersegwitata u ried joqtol lill-isqfijiet u s-saċerdoti kollha. Il-prefett Ruman ried jieħu l-ġid tal-Knisja u ġiegħel lil San Lawrenz biex jagħtih it-teżori li kellha l-Knisja. San Lawrenz urieh lill-morda u qallu: "Dawn ara t-teżori tal-Knisja. Ara, il-Knisja hi verament għanja, iktar għanja mill-imperatur tiegħek." Dan ifisser li l-Knisja sa mill-bidu tagħha ħadet ħsieb il-morda u tagħthom id-dinjità tagħhom.



Din hija l-gilandra tal-Vjatku. Magħmula fi żmien il-kappillan Dun Antonino Scastiato bejn l-1812 u l-1813. Tinsab fil-mużew tal-parroċċa.

## Min huma l-Morda?

Ħadd ma jista' jgħidlek min huma u xi jħossu l-morda għajr dawk li għaddew minn xi marda, jew dawk li jduru bihom u jgħixu magħhom kuljum.

Il-mard huwa dik il-kundizzjoni li tibdillek ħajtek. Kien hemm wieħed qal li l-mard ixejħek u jbellħek.

Barra dan il-mard jitfgħek f'miżerja kbira, inkapaċitajiet u tbatijiet kbar. Fost l-oħrajn il-morda jaslu biex jinfatmu mir-rutina ta' xogħol u attivitajiet oħra ta' kuljum. Dawk li jkunu jgħixu ħajja nisranija jispiċċaw biex ikollhom jinfatmu wkoll mill-attendenza fil-Knisja, mis-sehem fis-Sagramenti u fil-funzjonijiet, quddies u t-tqarbin.

## Il-Knisja u l-morda

Il-Knisja Omm dejjem rat kif tersaq lejn il-morda u tgħinhom b'kull mezz biex jgħixu ħajja dinjituża.

Biżżejjed insemmu l-isptarijiet li fetħet u l-"homes" li bniet għal dawk il-morda li jkollhom bżonn ta' min idur bihom. Ħafna kienu dawk is-sorijiet li l-impenn tagħhom kien li jservu fl-isptarijiet u jduru bil-morda.

Il-morda huma dik il-forza spiritwali moħbija tal-Knisja. Huma xebh ma' Kristu msallab li fis-sofferenzi tagħhom f'għaqda mas-sofferenzi tal-Ġisem mistiku, li tiegħu Ġesù huwa r-ras, jikkontribwixxu għall-konverżjoni tal-midinbin u għall-qdusija tal-membri tal-Knisja.

## Il-Parroċċa tan-Nadur u l-Morda

Il-parroċċa tagħna, b'tant saċerdoti li kienu jżejnuha, dejjem ħasbet biex lill-morda jingħatalhom servizz spiritwali kif jixraq. Kienu ħafna dawk is-saċerdoti mit-twaqqif tal-parroċċa 'l hawn li wasslu lil Ġesù Ewkaristija fi djar tal-morda.

Għad baqa' fostna xi Nadurin avanzati fl-età, li għadhom jiftakru tajjeb kif kien jitwassal il-Vjatku solenni lil dawk il-morda li kienu jkunu qrib it-tluq tagħhom minn dan il-wied ta' dmugħ. Kien isir sinjal bil-qanpiena biex juri li ser ikun hemm vjatku. In-nies kienet tinġabar fil-Knisja biex takkumpanja lil Ġesù sad-dar tal-moribond. Is-saċerdot, akkumpanjat minn sitt abbatini bix-xemgħat mixgħulin u mill-ġemgħa ta' parruċċani, kien jieħu miegħu ġilandra żgħira li fiha kien ikun hemm Ġesù sagramentat u fid-dar tal-moribond isir ftit talb, u tingħata l-Indulġenza plenarja lill-marid u jiġi mqarben. Ta' min jgħid li din il-ġilandra msemmija għadha miżmuma b'għożża kbira fil-mużew tal-parroċċa.

Fi żminijiet oħrajn meta fil-parroċċa tan-Nadur kien hawn l-għaqda tal-iscouts, dawn ukoll kienu jakkumpanjaw il-Vjatku billi jimxu quddiem Ġesù Ewkaristija sakemm is-saċerdot jasal fid-dar tal-moribond u jqarben lill-marid. Ta' min isemmi wkoll li fi żmien il-pesta xi saċerdot, forsi il-kappillan nnifsu, kien joħroġ iqarben lill-morda u minħabba l-biża' tal-marda li kienet tittieħed, biex jagħti lil Ġesù ostja lill-marid, kien juża bħal imqass tal-fidda li għadu jeżisti u huwa wkoll miġbur fil-mużew tal-parroċċa.

## Morda fi żminijiet fil-qrib

Dwar iż-żminijiet li niftakar jien, kienu ħafna s-saċerdoti li kienu jwasslu t-tqarbin lill-morda fi djarhom.

Barra dan, minħabba li ftit kienu dawk li fil-mard tagħhom kienu jittieħdu l-isptar, billi jien kont viċi parroku flimkien ma' Dun Pietru Pawl Said kif ukoll mal-Kan. Gius. Said, konna ta' kull ġimgħa nqarrbnu lill-morda maqsuma fi 3 gruppi. Ta' spiss konna namministraw is-sagrament tal-morda lill-moribondi. Barra dan kien ikollna ħafna assistenzi mal-morda. Uħud mill-morda kienu jtawlu u allura bħala viċijiet konna nagħmlu assistenza kontinwa, lejl u nhar. Mhux l-ewwel darba li rqadna jew fi djar fejn kien ikun hemm il-marid jew ukoll fil-karozza jew fil-van. Kienet tkun ħaġa mistennija mill-familjari li nieshom jgħaddu għall-ħajja l-ġdida assistiti mis-saċerdot.

Il-morda ġie li kellhom ukoll xi quddiesa fi djarhom, iċċelebrata jew mill-Isqof Nikol Cauchi kif ukoll mill-Arcipriet jew minn xi saċerdot ieħor.

## Morda illum

Ilum ukoll il-morda fi djarhom għandhom kull assistenza ta' Qrar, Tqarbin jew amministrazzjoni tas-Sagrament tal-Griżma tal-Morda. Diversi saċerdoti jimpenjaw rwieħhom biex iwasslu lil Ġesù Ewkaristija lill-morda li jitolbuhom. Hemm saċerdoti oħrajn li għandhom drawwa li jmorru jżuru lill-morda anke fl-isptarijiet.
Fin-novena tal-festa kif ukoll fil-11 ta' Frar, f'jum il-morda, jiġi organizzat jum li fih jieħdu lill-morda għall-quddiesa organizzata apposta għalihom fil-Knisja. Il-parroċċa taħseb biex torganizza trasport biex itellagħhom il-Knisja. Għal dawn il-morda jiġi amministrat ukoll is-sagrament tal-Griżma tal-Morda.

Servizz ieħor li toffri l-parroċċa tagħna huwa s-servizz tal-ministri straordinarji. Għandna diversi lajċi fil-parroċċa li jwasslu l-ewkaristija lill-morda f'diversi jiem tul il-Ġimgħa.

Fi żmien il-Milied xi saċerdoti flimkien ma' diversi gruppi ta' żgħażagħ miċ-Ċentru Parrokkjali joħorġu jqarbnu, ikantaw u joffru xi hamper żgħir lill-morda kollha tal-parroċċa.

Illum ukoll il-morda għandhom l-opportunità li jissieħbu mal-komunità fil-knisja permezz tar-radju tal-komunità: Radju Luminarja. B'dan il-mezz providenzjali, il-morda 'llum jistgħu jissieħbu f'tant funzjonijiet li jsiru fil-festi kif ukoll fil-quddies ta' kuljum. Ir-radju tal-parroċċa jittrasmetti 2 quddisiet kuljum fost il-gimgħa u 3 quddisiet oħra kull nhar ta' Ħadd.

Minbarra dan il-parroċċa tagħti servizz ta' video streaming li permezz tiegħu l-morda jkunu jistgħu jsegwu ta' kuljum quddies, funzjonijiet diversi, adorazzjoni Ħniena Divina, il-laqgħa ta' talb Dun Mikiel Attard, u attivitajiet oħra.

Il-parroċċa tagħna tagħmel dan fuq ix-xewqa ta' Ġesù li kien ifejjaq tant morda, ċerta li b'dan is-servizz mogħti lill-iktar kategorija vulnerabbli tkun qed tatwalizza dak li ser jgħidilna Ġesù fl-aħħar jum: "Kulma għamiltu mal-iżgħar fost ħutkom, jien inqisu magħmul lili."



# CHAMPIONS GĦAR-RABA' DARBA *konsekuttiva*

CHARLIE GRECH

L-istaġun 2023-2024 kien staġun tajjeb għat-tim tagħna n-Nadurin. Staġun li fih irnexxielna nieħdu żewġ unuri mill-erbgħa possibbli. Bdejna bir-rebħ tas-Super Cup u spiċċajna bir-rebħ tal-15-il Kampjonat fl-istorja, u għar-raba' sena konsekuttiva. Nadur Youngsters komplew isaħħu posthom fil-quċċata tal-lista tal-unuri maġġuri mirbuħa fejn s'issa rebħu ħamsa u sittin (65) bit-tim ta' warajhom (Xewkija Tigers) bi tnejn u ħamsin (52). Hawn ta' min isemmi li kienu tlieta (3) biss min dawn l-unuri mirbuħa mill-Youngsters fl-erba' (4) staġuni li fihom kienu fit-tieni diviżjoni, bl-oħrajn kienu kollha fl-ewwel diviżjoni u fil-Kampjonat Premier.

Intant, ngħaddu għal dak li ġara dan l-istaġun. It-tmexxija tal-Youngsters kienet komposta minn Chris Said bħala President; Edgar Portelli: viċi president u PRO; Jean Pierre Saliba: segretarju; Derek Borg: kaxxier; Renald Xuereb: assistent kaxxier; Mario Mercieca: nursery manager u club delegate fil-GFA; Joseph Buttigieg: Council member fil-GFA; Joseph Said: kit manager; Paul Thomas Caruana: assistant kit manager u ground manager; Rupert Grech: Events manager; Paul Azzopardi u Godwin Attard: Events co-ordinators; Buttigieg Accounts: accountant; Andrea d'Anna: head coach tan-nursery u goalkeeper coach; Dun Karm Portelli: direttur spiritwali; Dr. Mario Saliba: tabib; Andrew Cassar: physio; Elton Vella: coach; u Mario Bonello u Trevor Templeman: assistant coaches.

Aktar tard matul l-istaġun inbidel l-isem tan-nursery u minn Nadur Youngsters Young Footballers sar Nadur Youngsters Accademy. L-ewwel kumitat (02.08.2023) kien iffurmat minn: Mario Mercieca: President; Ritiann Portelli: segretarja; Pauline Vella Cordina: assistent segretarja; Mark Said: kaxxier; Silvana Ellul u Sofia Borg: kit managers; Martin & Joanna Hart: PRO u Charles Mercieca: technical director. Bħala coaches inħatru: Julia Saliba u Ritiann Portelli: U/5; Georgiana Mifsud u Larissa Debono: U/7; Charles Mercieca, Mark Said, Sam Anthony Cauchi u Daniel Camilleri: U/9; Marcel Muscat u Joseph Buttigieg: U/11; Andrea d'Anna: U/13; Andrea d'Anna, Joseph Owen Borg u Peter Debono: U/16.

L-istaġun 2023-2024 fetaħ fit-3 ta' Settembru 2023, bil-finali tas-Super Cup (it-33 edizzjoni) bejn iċ-Champions Nadur Youngsters u l-finalisti telliefa tal-finali tat-Tazza GFA Għajnsielem fl-istaġun 2022-2023. Nadur rebħu din il-finali 2-0 biex pattew għat-telfa kontra l-istess Għajnsielem fil-finali tal-aħħar staġun. Din kienet ukoll id-disa' suċċess f'din il-kompetizzjoni, biex wara dan is-suċċess, il-Youngsters kellhom f'idejhom l-unuri kollha tal-futbol f'Għawdex. Il-gowls waslu minn Marcelo Jr. Barbosa fit-2 minuta u Marcelo Pereira Muniz fit-62 minuta.

Dan kien l-20 finali bejn Nadur u Għajnsielem fil-kompetizzjonijiet tal-GFA, u t-3 wieħed fis-Super Cup.

Il-Youngsters rebħu 15-il finali kontra l-5 ta' Għajnsielem waqt li fis-Super Cup, il-*Whites* rebħu darbtejn kontra l-waħda tal-*Blacks*. L-ewwel finali bejn dawn iż-żewġ timijiet kien fl-istaġun 1961-1962 fil-Galea Cup. Nadur skurjaw 41 gowl u qalgħu 36 f'dawn l-20 finali kontra Għajnsielem.

Il-kampjonat tal-ewwel diviżjoni beda fl-10 ta' Settembru u l-ewwel partita tan-Nadur kienet ukoll kontra Għajnsielem. Logħba li l-Youngsters iddominaw għalkollox u ħarġu rebbieħa 6-0. Il-gowls waslu minn Joao Vitor de Oliveira Florencio 7', Joseph Zammit 12', 87' u Marcelo Jr. Barbosa 24', [PEN] 25', 73'. Kien messaġġ ċar li Nadur ma kinux ser iċedu t-titlu ta' champions faċilment. Il-gowl ta' Joseph Zammit kien it-300 gowl li Nadur skurjaw kontra Għajnsielem fil-kompetizzjonijiet kollha.

It-tieni partita tal-kampjonat laqqgħet lin-Nadur kontra Xewkija Tigers (17.09.2023). Kienet partita diffiċli fejn ir-riżultat seta' mar kull naħa. Il-Youngsters fetħu l-iskor fil-41 minuta minn Adenilson Ferreira dos Santos Junior waqt li t-Tigers ġabu l-iskor indaqs fis-57 minuta minn Damir Andelovic.

Il-partita kontra Qala Saints tal-24.09.2023 kienet bejn l-aktar timijiet ikkwotati għar-rebħ tal-unuri. Partita li fiha deher il-potenzjal tal-Youngsters fejn ġabu fix-xejn lill-ġirien, meta rebħu l-konfront 3-0. Il-gowls waslu minn Stefan Cassar 25', Joseph Mario Vella 30' u Marcelo Jr. Barbosa 85'.

Nadur Youngsters sabuha diffiċli aktar milli mistenni kontra Oratory Youths, meta fid-29.09.2023 il-partita intemmet fi draw ta' 1-1, b'gowls minn Marcelo Jr. Barbosa fis-17-il minuta għal Nadur u Joshua Buttigieg fil-25 minuta għal Youths.

Is-sorpriża tal-ewwel rawnd waslet fit-8 ta' Ottubru meta kontra kull mistenni, Nadur kienu megħluba minn Xagħra United 4-2. B'żewġ gowls (Marcelo Jr. Barbosa 6', 48') minn taħt, Xagħra għamlu rimonta inkredibbli fl-aħħar nofs siegħa meta skurjaw 4 gowls minn Joel Xuereb 67', 69', Savio Galea 79' u Daniel Mesa Pineros 90'+2 biex kisbu rebħa li qalgħethom mill-aħħar post tal-klassifika.

Nadur irritornaw għar-rebħ meta fil-15.10.2023 huma għelbu lil Kerċem Ajax 3-1. Il-gowls waslu minn Joseph Zammit 49', Joao Vitor De Oliveira Florencio 52'u Marcelo Jr. Barbosa [PEN] 60' għal Youngsters wara li Pablo Vinicius de Moraes Ferreira kien fetaħ l-iskor fit 2 minuta. Il-gowl ta' Barbosa kien il-150 gowl skurjat mill-Youngsters kontra Kerċem fil-kampjonat. It-tielet gowl kien il-150 gowl skurjat mill-Youngsters kontra l-Ajax fil-kampjonat.

Gowl ta' Marcelo Jr. Barbosa fil-75 minuta kien biżżejjed biex Nadur rebħu l-partita, bi skor minimu ta' 1-0, fit-22.10.2023 kontra S.K. Victoria Wanderers. Nadur spiċċaw l-ewwel rawnd fit-2 post tal-klassifika, punt taħt Qala Saints.

Hawn kellna waqfa fil-kampjonat u l-attenzjoni daret fuq il-kompetizzjonijiet tat-tazzi, fejn il-logħob sar fil-grawnd ta' Kerċem. Fil-5.11.2023, Nadur kisbu rebħa faċli kontra Kerċem 3-0, b'gowls minn Stefan Cassar 45' u Marcelo Jr. Barbosa 60', 90'+2, f'partita valida għall-kwarti finali tan-KO tal-Ewwel Diviżjoni.

Rebħa oħra faċli kontra Munxar Falcons, 18.11.2024, fil-kwarti finali tat-Tazza GFA bl-iskor ta' 5-0. Il-gowls waslu minn Gennaro Hili 4', Marcelo Jr. Barbosa 58', 82' u Joao Vitor da Oliveira Florencio 61', 75'. Din kienet il-35 partita tal-Youngsters kontra l-Falcons. Fil-Kampjonat iltaqgħu 23 darba li minnhom Nadur rebħu 16, draw 6 u telfa 1, skurjaw 68 u qalgħu 21. Fit-Tazzi Nadur rebħu 12 minn 12, skurjaw 46 u qalgħu 6 gowls. Marcelo Jr. Barbosa kien l-aktar plejer ta' Nadur li sab ix-xibka kontra Munxar – 13, waqt li Daniel Pace bi 3 kien l-aħjar skorer għal Falcons.

Fis-semi finali tan-KO tal-Ewwel Diviżjoni, 25.11.2024, Nadur għelbu l-isfida ta' Xewkija Tigers b'gowl ta' Marcelo Pereira Muniz fis-77 minuta biex għaddew għall-finali kontra Qala Saints.

Fl-10 ta' Diċembru rritorna l-kampjonat fil-Gozo Stadium, fejn il-Youngsters bdew it-tieni rawnd kontra Għajnsielem b'rebħa oħra kbira ta' 4-0 b'gowls minn Joseph Mario Vella 1', Matthias Said 19', Brandon Said 29', u Ian Xuereb 57'.

Il-kompetizzjoni tal-FA Trophy (MFA) fit-13.12.2023 laqqgħet lil Youngsters kontra t-tim ta' St. Andrews (tim fiċ-Challenge League tal-MFA). Partita kumbattuta, li fiha, wara 90 minuta l-iskor kien 1-1 bil gowls minn Joao Vitor De Oliveira Florencio 38' għal Nadur u Christian Mercieca 42' għas-Saints. Fil-ħin barrani skurjaw William James England 117' tas-Saints u Joseph Zammit 120' għal Nadur biex il-partita intemmet 2-2 u kellha tiġi deċiża bil-penalties. Nadur skurjaw il-5 tagħhom minn Joao Vitor de Oliveira Florencio, Stefan Cassar, Joseph Mario Vella, Ian Xuereb u Marcelo Jr. Barbosa, waqt li Brayan Samuel Nyetam Junior, Luke Anthony Borg u Nicholas Galea skurjaw 3 għal St. Andrews. Nadur rebħu 5-3.

Tkompla l-kampjonat fit-23.12.2023, u Nadur kisbu rebħa oħra kbira kontra Xewkija bl-iskor ta' 5-0. Il-gowls waslu minn Stefan Cassar 44', Joao Vitor De Oliveira Florencio 50', Joseph Zammit 53', Matthias Said 85' u Marcelo Jr. Barbosa 89'. B'din ir-rebħa Nadur telgħu fl-ewwel post wara t-telfa tal-Qala kontra Kerċem.

Fil-partita bejn l-ewwel żewġ timijiet fil-klassifika, fis-7 ta' Jannar 2024, Nadur kisbu rebħa importanti fuq Qala

Saints 2-0 biex fetħu vantaġġ ta' 5 punti fil-klassifika. Il-gowls waslu minn Marcelo Jr. Barbosa fit-30 u fid-93 minuta.

Għat-3 rawnd tal-FA Trophy (MFA) fl-14.01.2024, Nadur laqgħu lil Sirens (tim fil-Premier tal-MFA) fejn f'partita missielta Nadur fetħu l-iskor minn penalty ta' Marcelo Jr. Barbosa fil-31 minuta biex Sirens ġabu d-draw minn Bismark Asare fis-60 minuta. L-iskor ta' 1-1 ma nbidilx lanqas fil-ħin barrani biex il-partita kienet deċiża bil-penalties 4-3 favur Sirens. Il-penalties kienu skurjati minn Hafiz Mohammed Akadom, Sacha Borg, Kwasi Donsu u Daniel Agius għal Sirens waqt li għal Nadur skurjaw Joao Vitor De Oliveira Florencio, Joseph Mario Vella u Marcelo Pereira Muniz.

| 2023-2024 Min Skorja | Kampjonat | Tazzi | Total |
|---|---|---|---|
| Marcelo Jr. Barbosa | 21 | 6 | 27 |
| Joao Vitor de Oliveira Florencio | 10 | 3 | 13 |
| Stefan Cassar | 5 | 2 | 7 |
| Joseph Zammit | 4 | 1 | 5 |
| Adenilson Ferreira dos Santos Junior | 4 | | 4 |
| Brandon | 4 | | 4 |
| Marcelo Per | | | |
| Matthia | | | |
| Joseph M | | | |
| Ian X | | | |
| Josep | | | |
| Genn | | | |
| Joseph | | | |

| Nadur Youngsters Skwadra 2023-2024 | |
|---|---|
| Joseph Zammit | 30 |
| Steve Sultana | 30 |
| Joao Vitor de Oliveira Florencio | 28 |
| Marcelo Pereira Muniz | 28 |
| Gennaro Hili | 27 |
| Ian Xuereb | 27 |
| Marcelo Jr. Barbosa | 27 |
| Stefan Cassar | 27 |
| Adenilson Ferreira dos Santos Junior | 26 |
| Joseph Mario Vella | 26 |
| Gianluca Muscat | 26 |
| Brandon Said | 25 |

| F'Kemm partiti ħadu sehem | |
|---|---|
| Matthias Said | 25 |
| Kurt Grima | 22 |
| Manuel Tabone | 20 |
| Joseph Xerri | 16 |
| Kurt Xuereb | 3 |
| Leander Buttigieg | 2 |
| Zak Vella | 2 |
| Gilbert Portelli | 1 |
| Harry Paulin | 1 |
| Jake Attard | 1 |
| Karl Hili | 1 |

Fis-26.01.2024 Nadur komplew b'rebħa oħra faċli kontra Oratory Youths 5-0. Il-gowls waslu minn Adenilson Ferreira dos Santos Junior 23', Brandon Said 36', 57', Marcelo Pereira Muniz [PEN] 52' u Stefan Cassar fit-53 minuta. L-ewwel gowl ta' Brandon Said kien il-50 gowl personali għal Youngsters.

Riżultat ieħor mhux mistenni reġa' kien id-draw ta' 1-1 kontra Xagħra United fit-02.02.2024. Kien Joao Vitor De Oliveira Florencio li fit-28 minuta skorja għal Youngsters biex 6 minuti mit-tmiem Marco Antonio Morgon Filho għamel l-iskor 1-1.

Fit-18.02.2024 draw ta' 0-0 kontra Kerċem Ajax biex, fil-klassifika, il-vantaġġ ta' Nadur niżel għal 3 punti fuq Qala.

Il-Youngsters rebħu l-konfront tas-26 ta' Frar kontra S.K. Victoria Wanderers 3-1, bil-gowls jaslu minn Joao Vitor de Oliveira Florencio 26' u Marcelo Jr. Barbosa 30', 42' għal Nadur u Caique Silvio Souzan da Silva [PEN] 50' għar-Rabtin. Nadur spiċċaw it-tieni rawnd 3 punti vantaġġ fil-klassifika fuq Qala Saints. Din kienet il-50 rebħa ta' Youngsters fuq SKVW. L-ewwel gowl ta' Barbosa kien il-100 personali tiegħu fil-kampjonat għal Nadur, kif ukoll laħaq lil Anthony Portelli fil-lista tal-aqwa skorer ta' Nadur. Bit-tieni gowl tiegħu, imbagħad, huwa sar l-aqwa skorer tal-Youngsters fl-istorja.

It-tielet rawnd beda fl-1 ta' Marzu, b'rebħa ta' 2-0 fuq Għajnsielem bil-gowls jaslu minn Adenilson Ferreira dos Santos Junior 22 minuta u penalty ta' Marcelo Jr. Barbosa 86 minuta. Dan kien il-167 konfront kontra l-Blacks. Fil-Kampjonat iltaqgħu 115-il darba li minnhom Nadur rebħu 55, draw 29 u tilfu 31, skurjaw 205 u qalgħu 146. Fit-Tazzi Nadur rebħu 27, draw 4 (Nadur tilfuhom kollha bil-penalties) u tilfu 21, skurjaw 101 u qalgħu 97. Marcelo Jr. Barbosa kien l-aktar plejer ta' Nadur li sab ix-xibka kontra Għajnsielem – 22, waqt li Kalenga N"dayi u Vincent Cutajar bi 13 kienu l-aħjar skorer għall-Blacks.

It-tieni sorpriża kbira, fl-10.03.2024, Xewkija Tigers jegħlbu lil Youngsters 6-2. Il-gowls tat-Tigers ġew minn Brian Alejandro Parada [PEN] 17', 57', 60', 81', Claudio Daniel Frances 24' u Dejan Bogdanovic fit-42 minuta b'dawk tal-Youngsters minn Adenilson Ferreira dos Santos Junior 54'u Brandon Said fit-88 minuta. Nadur intlaħqu mill-Qala fl-ewwel post tal-klassifika. Dan kien il-146 konfront kontra l-Yellows. Fil-Kampjonat iltaqgħu 110 darbiet li minnhom Nadur rebħu 54, draw 23 u tilfu 33, skurjaw 207 u qalgħu 143. Fit-Tazzi, minn 36, Nadur rebħu 17, draw 3 (Nadur tiflu 2 minnhom bil-penalties u 1 partita fi grupp) u tilfu 16, skurjaw 52 u qalgħu 44. Anthony Portelli kien l-aktar plejer ta' Nadur li sab ix-xibka kontra Xewkija – 17, waqt li Chris Camilleri bi 14 kienu l-aħjar skorer għall-Yellows.

Il-konfront dirett bejn Nadur u Qala, 17.03.2024, spiċċa fi draw missielet ta' 1-1. Kien Marcelo Jr. Barbosa fil-21 minuta li fetaħ l-iskor għal Youngsters u Joao Vitor Ferrari Silva fil-71 minuta kiseb id-draw għas-Saints. Dan kien l-14-il konfront kontra l-Maroons. Fil-Kampjonat iltaqgħu 10 darbiet li minnhom Nadur rebħu 6, draw 2 u tilfu 2, skurjaw 24 u qalgħu 18. Fit-Tazzi, minn 4, Nadur rebħu 2 u tilfu 2, skurjaw 8 u qalgħu 9. Marcelo Jr. Barbosa kien l-aktar plejer ta' Nadur li sab ix-xibka kontra Qala – 8, waqt li Igor Nedeljkovic u Jordi Parnis bi 3 kienu l-aħjar skorer għall-Maroons.

Fl-24 ta' Marzu, Nadur kisbu rebħa kontra l-Oratory Youths, 2-0. Il-gowls waslu minn Marcelo Jr. Barbosa fil-31 minuta u Joao Vitor de Oliveira Florencio fl-40 minuta. Il-gowl ta' Barbosa kien il-1700 gowl tal-Youngsters fil-kampjonat. Dan kien il-46 konfront kontra l-Greens. Fil-Kampjonat iltaqgħu 35 darba li minnhom Nadur rebħu 28, draw 5 u tilfu 2, skurjaw 94 u qalgħu 27. Fit-Tazzi

minn 11, Nadur rebħu 10, u tilfu 1, skurjaw 40 u qalgħu 9. Marcelo Jr. Barbosa kien l-aktar plejer ta' Nadur li sab ix-xibka kontra Oratory Youths – 17, waqt li Dione Lautier b'4 kien l-aħjar skorer għall-Greens.

Il-Finali tan-KO tal-Ewwel Diviżjoni, bejn Nadur u Qala fit-30 ta' Marzu spiċċat b'rebħa ta' 3-2 favur Qala. Il-gowls waslu minn Stefan Cassar 55', Joseph Buttigieg o.g. 79' għal Nadur waqt li Igor Nedeljkovic 7', 80'u Lucas Baretto Da Silva 43' wieġbu għal Qala. Dan ir-riżultat inkluż fl-istatistika dwar Qala Saints aktar 'il fuq.

Il-Youngsters kisbu l-ewwel rebħa fuq Xagħra dan l-istaġun, 2-0, fis-7.04.2024. Il-gowls skurjawhom Marcelo Jr. Barbosa 26', Joao Vitor de Oliveira Florencio fis-86 minuta. Dan kien il-112-il konfront kontra l-Blues. Fil-Kampjonat iltaqgħu 86 darba li minnhom Nadur rebħu 40, draw 25 u tilfu 21, skurjaw 178 u qalgħu 101. Fit-Tazzi, minn 26, Nadur rebħu 18, draw 2 (Nadur rebħuhom it-tnejn bil-penalties) u tilfu 6, skurjaw 68 u qalgħu 31. Claudio Antunes Pavlidis kien l-aktar plejer ta' Nadur li sab ix-xibka kontra Xagħra – 15, waqt li John Cassar b'14 kien l-aħjar skorer għall-Blues.

Rebħa komda oħra fuq Kerċem Ajax 5-0, fl-14 ta' April, bil-gowls jaslu minn Joao Vitor de Oliveira Florencio 27', 53', 63' u Marcelo Jr. Barbosa 38', 58 minuta. Dan kien it-93 konfront kontra l-Greens. Fil-Kampjonat iltaqgħu 71 darba li minnhom Nadur rebħu 45, draw 17 u tilfu 9, skurjaw 155 u qalgħu 61. Fit-Tazzi, minn 22, Nadur rebħu 15, draw 2 (Nadur rebħuhom it-tnejn bil-penalties) u tilfu 5, skurjaw 60 u qalgħu 20. Marcelo Jr. Barbosa kien l-aktar plejer ta' Nadur li sab ix-xibka kontra Kerċem – 19, waqt li Joseph Grech b'5 kien l-aħjar skorer għall-Greens.

Fl-aħħar ġurnata tal-Kampjonat fil-21 ta' April, Nadur u Qala kienu fl-ewwel post flimkien. Fl-ewwel partita tal-ġurnata, Qala Saints u Oratory Youths spiċċaw fi draw 0-0. Fit-tieni waħda Nadur Youngsters rebħu l-konfront tagħhom kontra S.K. Victoria Wanderers 4-0. Rebħa li inkurunathom CHAMPIONS Għawdxin għal 15-il darba u għar-4 darba konsekuttiva. Il-gowls ġew minn Stefan Cassar 19', 67', Marcelo Jr. Barbosa [PEN] 40' u Joseph Xerri 90'+3. Dan kien it-68 konfront kontra ta' Savina. Fil-Kampjonat iltaqgħu 51 darba li minnhom Nadur rebħu 34, draw 9 u tilfu 8, skurjaw 111 u qalgħu 46. Fit-Tazzi, minn 17, Nadur rebħu 13, draw 1 (partita fi grupp) u tilfu 3, skurjaw 40 u qalgħu 19. Marcelo Jr. Barbosa kien l-aktar plejer ta' Nadur li sab ix-xibka kontra S.K. Victoria Wanderers – 19, waqt li Abdullahi Ige Adeshina b'7 kien l-aħjar skorer għal ta' Savina.

Is-semi finali għat Tazza GFA intlagħbet fl-24 ta' April, fejn Nadur Youngsters ħarġu rebbieħa 1-0 fuq Xewkija Tigers bil-gowl ta' Nadur jasal minn penalty ta' Marcelo Pereira Muniz fil-56 minuta. Dan ir-riżultat inkluż fl-istatistika dwar Xewkija Tigers aktar 'il fuq.

Il-finali tat-Tazza GFA fit-28 ta' April għalaq l-istaġun tal-futbol f'Għawdex. Kienu Qala Saints li għelbu lil Nadur Youngsters 4-1 biex kisbu t-tieni unur dan l-istaġun. Il-gowls fil-finali ġew minn Matthias Said fil-61 minuta għal Nadur, u Jordi Parnis 32', Christian Mercieca 55', 90'+1, Igor Nedeljkovic fis-77 minuta għal Qala. Dan ir-riżultat inkluż fl-istatistika dwar Qala Saints aktar 'il fuq. Marcelo Jr. Barbosa kien l-Aqwa skorer ta' Nadur Youngsters fl-aħħar Sitt (6) staġuni konsekuttivi kemm fil-Kampjonat kif ukoll bħala total, u wkoll f'erbgħa (4) minn sitta(6) fit-Tazzi.




Marcelo Jr. Barbosa
L-Aqwa scorer ta' Nadur Youngsters

Nadur Youngsters komplew jinkurunaw l-istaġun meta kisbu 5 Awards mill-GFA. Il-Captain tagħna, **Steve Sultana** ntgħażel bħala l-Plejer tas-Sena kif ukoll L-Aqwa Goalkeeper. Steve sar il-15-il plejer tal-Youngsters li kiseb l-Unur ta' Plejer tas-Sena, propju meta intrebaħ il-15-il kampjonat. **Marcelo Jr. Barbosa** ntgħażel bħala l-Aħjar Plejer Barrani kif ukoll l-Aqwa skorer tal-Kampjonat. **Matthias Said** huwa l-Aqwa skorer tal-Kampjonat U/19. Nifirħulhom ilkoll għal dawn l-Unuri verament mistħoqqa.

Issa il-ħarsa tagħna ddur fuq il-festa tal-patruni tagħna San Pietru u San Pawl. Nixieq nawgura l-Festa t-Tajba lin-Nadurin kollha.




# SAN PIETRU U SAN PAWL

## GĦADDEW MINN MUMENTI DIFFIĊLI

ANGELO XUEREB

Jekk niflu l-ħajja tal-Appostli San Pietru u San Pawl naraw li għaddew minn mumenti diffiċli iżda bil-qawwa ta' Alla ssuperawhom.

### San Pietru

Jekk nifthu l-ktieb tal-Atti tal-Appostli naraw lil San Pietru jipprietka lil Kristu mingħajr ma jibża' minn xejn filwaqt li kien jagħmel il-mirakli. Fl-Atti tal-Appostli nsibu li anki d-dell ta' Pietru kien ifejjaq. Insibu miktub: "tant li kienu jġibu l-morda fl-imsieraħ u jqegħduhom fuq l-imtieraħ u l-ifirxa, biex għallinqas id-dell ta' Pietru, hu u għaddej, idellel lil xi ħadd minnhom" (Atti 5,14).

Iżda fl-istess ħin ma nistgħux ninsew il-mumenti ta' dgħufija li għadda minnhom dan il-qaddis. Fl-aħħar ikla għall-ewwel irrifjuta li Sidna Ġesù Kristu jaħsillu saqajh. Iżda wara l-insistenza tal-Imgħallem tiegħu huwa ta l-kunsens tiegħu. Malli ġew biex jarrestaw lil Ġesù, San Pietru, fl-istat ta' paniku li qabdu, irrikorra għall-vjolenza u qata' widnet il-leminija ta' wieħed mill-qaddejja tal-qassis il-kbir. Iżda l-kbir kien għadu ġej. Ċaħad lil Ġesù għal tliet darbiet. Iżda malli s-serduk idden kif kien ħabbarlu l-Mulej, u malli dan ħares lejh, Pietru induna bl-iżball li kien għamel.

Iżda San Pietru ma ddisprax. Induna bl-iżball li għamel u: "ħareġ barra u beka biki tad-demm" (Lq 22, 66). Nistgħu niftakru kemm-il darba dan l-appostlu ma fehemx lil Ġesù tant li lanqas ried iħallih imur għall-passjoni.

Dan ma jfissirx li San Pietru kien jgħix ħajja ħażina. Kellu d-difetti tiegħu iżda fl-Evanġelji nsibu mumenti glorjużi f'ħajtu meta Ġesù kien għadu ħaj. Biżżejjed insemmu l-istqarrija tiegħu ta' fidi meta wara li Ġesù kien staqsa lid-dixxipli min kienu jgħidu li hu, Pietru wieġbu li kien: "Il-Messija ta' Alla" (Lq 9,20).

### San Pawl

Ikun xieraq li ninnutaw li meta San Pawl kien jippersegwita lill-insara kien Fariżew tajjeb u kien jidhirlu li qiegħed fit-triq it-tajba. Iżda fit-triq ta' Damasku deherlu dawl mis-sema u waqa' fl-art u Ġesù kellmu. Hawnhekk naraw umiljazzjoni għal San Pawl li l-ideal li kellu issa spiċċa iżda kien umli tant li aċċetta s-sejħa ta' Ġesù u sar nisrani u appostlu.

L-Iskrittura turina lil San Pawl bħala bniedem determinat biex ixandar lil Kristu. Iżda ma rridux naħsbu li huwa ma kellux jgħaddi minn umiljazzjonijiet u tbatija.

Huwa stess jikteb: "U biex ma nintefaħx bil-kobor tar-rivelazzjonijiet, twaħħlitli xewka f'ġismi, anġlu tax-xitan biex jagħtini bil-ħarta, biex ma nintefaħx. Fuq dan tliet darbiet tlabt il-Mulej biex ibegħidha minni. Imma huwa qalli: 'Biżżejjed għalik il-grazzja tiegħi, għax is-setgħa tiegħi tidher kollha fin-nuqqas ta' saħħa'" (1 Kor 7-9).

Meta nġibu quddiem għajnejna lil San Pawl mimli ħeġġa jxandar lil Kristu u donnu ma jgħejja qatt għandna nġibu quddiem għajnejna li huwa wkoll kien uman. Fit-tieni ittra lill-Korintin jgħidilna: "Iva nitgħaxxaq bid-dgħufijiet tiegħi, bit-tagħjir, bil-għaks, bil-persekuzzjonijiet, bid-dwejjaq għal Kristu, għax meta jien dgħajjef, jien inkun qawwi" (12, 10).

Għalkemm San Pawl donnu ma kien jgħejja qatt ixandar lil Kristu, esperjenza wkoll ċerta dalma. Huwa jikteb lil Timotju: "Fl-ewwel difiża tiegħi ħadd ma waqaf miegħi, imma kulħadd telaqni; ma jkunx dan magħdud

għalihom! Imma l-Mulej waqaf miegħi u tani l-qawwa biex ix-xandir iseħħ bija u jisimgħu l-ġnus kollha, u kont meħlus minn ħalq l-iljun. Il-Mulej jeħlisni minn kull għamil ħażin u jsalvani għas-saltna tiegħu tas-sema. Lilu glorja għal dejjem ta' dejjem!" (2 Tim 4, 16-18).



## Nimxu fuq il-passi tal-Appostli

Dan kollu ma jnaqqas xejn mill-kobor u l-qdusija tagħhom tant li l-Liturġija tas-Sigħat tad-29 ta' Ġunju ssejħilhom "żewġ siġriet sbieħ taż-żebbuġa". Iżda jfakkruna li dawn l-appostli għexu fid-dinja u għalhekk ġarrbu l-limitazzjonijiet, it-tbatijiet, id-dwejjaq u l-problemi tal-ħajja ta' kuljum.

Dawn l-esperjenzi nistgħu ngħaddu minnhom aħna wkoll b'mod differenti. Jekk nimxu fuq il-passi ta' dawn l-appostli nħarsu lejn dak kollu li ngħaddu minnu bi spirtu ta' fidi. Anki jekk nitbiegħdu xi ftit minn Kristu ma għandniex narawha bi kbira li nindmu u kull meta naraw fiċ-ċar Alla xi jrid minna nagħmluh.

Inkunu nimxu fuq il-passi tagħhom jekk matul ħajjitna kollha nkunu bħalhom appostli billi naqdu d-dmirijiet tagħna u Kristu jkun iċ-ċentru ta' ħajjitna. U fl-istat ta' ħajjitna, ikun xi jkun, nagħmlu milli nistgħu biex Kristu jkun magħruf u maħbub.

EĦILSU MILL-QILLA TAX-XEMX

American Style

Gozo Verticals, Blinds & Shades

TA' TONY CAMILLERI

Fejn issibu varjetà kbira ta' Blinds u Shades ta' materjal bħal Aluminium, Plastic, eċċ

Għal aktar dettalji u stima b'xejn
Ċemplu 2155 3352/2156 2211
jew irrikorru:
N.B. TRIQ COCCO PALMERI
NADUR - GĦAWDEX

PRALINES CONFECTIONERY



Accepts orders for Baptism, Holy Communion, Confirmation Parties etc.
You can also choose from a large selection of cakes, many of which can be found on our Facebook Page.

46, MADRE GEMMA CAMILLERI STREET, NADUR GOZO TEL: 21565909 MOB: 99552337

www.facebook.com/pralinesconfectionery

# Sena ta' Ġublew 2025 Is-Sena Mqaddsa

DUN LORETO TABONE

Spiss nisimgħu li xi ħadd qed jiċċelebra xi ġublew, forsi ċċelebrajna xi ġublew aħna wkoll: Ġublew tad-Deheb, tal-Fidda, tad-Djamanti eċċ. Il-Knisja wkoll kultant tiċċelebra Ġublew-mhux ġurnata waħda imma sena speċjali, sena ta' grazzja. Normalment il-Ġublew tal-Knisja jinżamm kull 25 sena, għalkemm il-Papa jista', u fil-fatt ġieli sejjaħ Ġublew fi snin oħra, bħalma kien għamel fis-snin 2013 (Sena tal-Fidi) u 2016 (Sena tal-Ħniena).

Papa Franġisku ddisinja s-sena 2025 bħala Sena ta' Ġublew, magħrufa wkoll bħala Sena Mqaddsa. It-tema li hu għażel hi Pellegrini ta' Tama. Biha hu qed jistedinna nġeddu t-tama tagħna u niskopru viżjoni li tkun "tista' tirrestawra aċċess għall-frott tal-art għal kulħadd". Jitlobna l-Papa li niskopru mill-ġdid spiritwalità tal-ħolqien t'Alla li fiha aħna nifhmu lilna nfusna bħala "pellegrini fuq l-art" aktar milli sidien tal-art.

U f'Mejju ta' din is-sena huwa ppubblika l-Bulla tal-Ġublew bl-isem "It-Tama ma tiddiżappuntax". (*Bulla* hi kelma Latina li tfisser is-siġill jew digriet issiġillat tal-Papa). F'dan id-digriet il-Papa jagħtina l-iskop tas-Sena Mqaddsa tal-Ġublew u l-ispirtu tagħha. Hu tana wkoll xi dettalji dwar il-ftuħ u l-għeluq.

Is-Sena tal-Ġublew se tibda f'San Pietru Ruma bil-ftuħ tal-Bieb Imqaddes (il-*Porta Santa)* nhar lejlet il-Milied, 24 ta' Diċembru 2024 u tagħlaq fil-festa tal-Epifanija 2026). Hemm dati oħrajn ta' meta se tinfetaħ fil-Bażiliċi l-kbar ta' Ruma u fi djoċesijiet oħra madwar id-dinja. Huwa ppjanat li fi djoċesijiet barra minn Ruma, inklużi Għawdex u Malta, is-Sena tal-Ġublew tiftaħ nhar il-Ħadd 29 ta' Diċembru 2024 u tagħlaq il-Ħadd 28 ta' Diċembru 2025. Naturalment, fix-xhur li ġejjin, id-djoċesi tagħtina programm aktar dettaljat.

Is-sena tal-Ġublew hi sena speċjali, sena ta' grazzja. Jikteb il-Papa, "Ħa jkun il-Ġublew, mument ta' laqgħa ġenwina u personali mal-Mulej, għal kulħadd". U jkompli jħeġġiġna biex infittxu sinjali ta' tama fid-dinja ta' madwarna u naħdmu għall-paċi u l-ġustizzja. "Jekk verament irridu nħejju t-triq għall-paċi fid-dinja, ejja nikkommettu lilna nfusna biex insibu rimedji għall-kawżi remoti ta' inġustizzja, nissetiljaw dejn inġust u li ma jistax jitħallas, u nitimgħu lil min hu bil-ġuħ" jikteb il-Papa.

**Il-Ġublew fil-Bibbja**

Is-Snin tal-Ġublew għandhom għeruq Bibliċi. Fil-Ktieb tal-Levitiku nsibu li kull 50 sena għandha tkun sena ta' ġublew, intom "tqaddsu s-sena l-ħamsin u tniedu ħelsien fl-art għal kull min jgħammar fiha. Ikun għalikom ġublew, u terġgħu kull wieħed għal li kellu u għal ma' niesu.... la tiżirgħu, u la taħsdu dak li tnibbet l-art u lanqas taqtgħu l-għeneb tad-dwieli bla miżbura, għax hu l-ġublew, żmien imqaddes għalikom imma tieklu minn frott ir-raba'. F'dis-sena tal-ġublew kulħadd jerġa għal li kellu (Levitiku 25: 10-13) Fis-sena tal-ġublew l-iskjavi jingħataw il-ħelsien, id-dejn ikun maħfur u anke l-art ma tinħadimx u tingħata lura lill-propjetarji oriġinali tagħha. Dan kellu jkun rikonoxximent tal-maħfra t'Alla u allura sinjal ta' maħfra lil xulxin.

Fil-Vanġelu ta' San Luqa, Ġesù jistqarr li l-missjoni tiegħu hi li jġib Ġublew, sena tal-Ħniena ta' Alla. Fis-sinagoga ta' Nazaret huwa jgħid, "L-ispirtu tal-Mulej fuqi, għaliex Hu wettaqni; biex inwassal il-bxara 'l-imsieken bagħatni,

biex inħabbar lill-imjassrin il-ħelsien, lill-għomja d-dawl; biex nibgħat il-maħqurin meħlusa; biex inxandar is-sena tal-ħniena ta' Alla" (Luqa 4: 18-19). Hemm insibu l-ħsieb wara l-idea ta' ġublew: il-bnedmin li jagħrfu l-ħniena ta' Alla u jkunu sinjal tagħha mal-bnedmin u mal-ħolqien.

Dan il-kunċett ġie adottat fit-tradizzjoni Kattolika. L-ewwel Ġublew Kristjan kien iddikjarat uffiċjalment minn Papa Bonifaċju fl-1300.
Huwa maħsub li s-sena 2025 tkun Sena Ġubilarja straordinarja. Hija t-tama ta' Papa Franġisku li tkun perjodu għal riflessjoni, pellegrinaġġi u żmien ta' grazzji u indulġenzi speċjali.

Għal Sena Ġubilarja l-preparazzjonijiet jinbdew minn żmien kbir qabel. Anke l-belt ta' Ruma tħejji minn ferm qabel biex tilqa' l-miljuni li jżuru bħala pellegrini. Għall-aħħar ġublew sa parking taħt l-art inbena biex fih jipparkjaw il-buses.

Fil-Knisja, Papa Franġisku talab li s-sentejn ta' qabel il-Ġublew għandhom ikunu mmarkati l-ewwel billi nerġgħu niskopru t-tagħlim tal-Konċilju Vatikan II, u t-tieni sena għandha tkun sena ta' talb. F'għeluq is-60 sena mill-ftuħ tal-Konċilju Vatikan II, 22 ta' Ottubru 2022, Papa Franġisku fetaħ l-ewwel sena ta' tħejjija u minn dakinhar, komunitajiet ta' Insara madwar id-dinja, inxteħtu biex jistudjaw aktar mill-qrib l-erba' Kostituzzjonijiet tal-Konċilju, Dei Verbum, Sacrosanctum Concilium, Lumen Gentium, u Gaudium et Spes.

Wara s-sena ta' riflessjoni fuq id-dokumenti tal-Konċilju, Papa Franġisku talab li s-sena 2024 tkun sena ta' talb. Il-Papa kiteb hekk, "Minn issa 'l quddiem, jiena ferħan naħseb li s-sena ta' qabel il-Ġublew, 2024, tkun iddedikata għal 'sinfonija' kbira ta' talb . L-ewwel nett biex nerġgħu nsibu l-ħerqa li nkunu fil-preżenza tal-Mulej, biex nisimgħuh u biex nadurawh".

**Sena Mqaddsa – Sena ta' Pellegrinaġġ**
Il-Ġublew għandu ċ-ċentru tiegħu f'Ruma u huwa inkoraġġit li jsiru pellegrinaġġi lejn Ruma.

Imma l-Papa u l-Knisja jifhmu li mhux kulħadd jista' jmur Ruma. U għalhekk wara li jinfetaħ il-Bieb Imqaddes f'San Pietru, il-Papa jixtieq li jkun hemm ċentri oħra barra minn Ruma fejn l-Insara jkunu jistgħu jmorru f'pellegrinaġġ. Anke f'pajjiżna jkollna dawn iċ-ċentri fejn inkunu nistgħu ngawdu mill-frott tal-Ġublew bla ma jkun hemm bżonn li mmorru Ruma. L-Isqfijiet jgħidulna iktar 'il quddiem. U skont normi li ġew mill-Vatikan f' Mejju ta' din is-sena, se jkun hemm ukoll arranġamenti speċjali għal dawk li ma jistgħux jivvjaġġaw lanqas f'pajjiżhom stess, bħalma huma pazjenti fl-isptar jew fid-djar, ħabsin eċċ.

Imma l-idea ta' pellegrinaġġ - mixja lejn - hija importanti. Anke l-istess isem tal-Ġublew 2025 "Pellegrini ta' Tama" hu indikattiv. Il-mixja, pellegrinaġġ huma simboliċi. Il-mixja lejn Ruma, jew lejn Ta' Pinu, hija indikazzjoni tal-mixja tal-qalb lejn Alla, u allura tispikka l-ħtieġa ta' ndiema u qrar, sagramenti, penitenza, talb, ħniena mal-bnedmin batuti, ħidma favur il-ħolqien. Dawn huma kollha neċessarji għar-rebħ tal-indulġenzi f'dan iż-żmien ta' grazzja,
żmien ta' Ġublew.

# Il-Kawża ta' Beatifikazzjoni u Kanonizzazzjoni ta' *Dun Mikiel Attard*



MONS. JOSEPH GRECH MAĦTUR POSTULATUR FIL-KAWŻA

Fil-bidu tas-sena 2023, l-Isqof ta' Għawdex Anton Teuma ħatar lil Mons. Joseph Grech bħala postulatur ta' din il-kawża. Mons. Grech għoġbu jaqsam mal-qarrejja ta' Luminaria l-esperjenzi saċerdotali tiegħu kif ukoll dawk marbuta mad-diversi karigi li fihom ġie maħtur fuq skala internazzjonali. Bħala parroċċa nibqgħu nitolbu biex il-Mulej iħares lis-saċerdoti tagħna impenjati fid-diversi xogħlijiet u missjonijiet tagħhom kemm f'pajjiżna kif ukoll madwar id-dinja. Nibqgħu nitolbu wkoll biex jekk Alla jrid din il-kawża tilħaq l-għanijiet tagħha permezz tal-beatifikazzjoni ta' Dun Mikiel Attard.



"L-ebda vokazzjoni ma titwieled minnha nnifisha jew tgħix għaliha nnifisha. Il-vokazzjoni ġejja mill-qalb ta' Alla u tiġġermina fl-art it-tajba tal-poplu fidil, fl-esperjenza tal-imħabba tal-aħwa." Il-Papa Franġisku jfakkarna u f'kull rokna tad-dinja, li nagħrfu l-imħabba tal-aħwa hija l-vokazzjoni li għaliha huwa dejjem imsejjaħ kull bniedem.

Kieku kelli nittraċċa l-karatteristiċi ewlenin tal-esperjenza tiegħi, mill-ewwel jiġi f'moħħi episodju minn ħafna lura fiż-żmien. Meta kont għadni student kienet laqtitni ħafna tabella li kienet fil-portinerija tas-Seminarju: fuq sfond iswed kienet impenġija b'linji bojod il-mappa tad-dinja, fin-naħa ta' fuq kien hemm il-kitba "The world is my parish", filwaqt li fin-naħa ta' isfel kien hemm miktub fejn jinsabu s-saċerdoti Għawdxin madwar id-dinja, u mbagħad il-preżenza ta' dawn is-saċerdoti kienet indikata b'sinjal fuq din il-mappa. Dak iż-żmien ma stajtx nifhem bis-sħiħ it-tifsira ta' din il-frażi li, madankollu, baqgħet imnaqqxa fil-memorja tiegħi u f'qalbi. Illum, aktar minn 30 sena wara li rajt din it-tabella u wara 23 sena saċerdozju, dak il-kliem, moqri fis-seminarju, ħa tifsira ġdida u sħiħa permezz tal-esperjenza tiegħi. Dan ukoll għaliex sa issa kelli l-opportunità li naqdi lill-Mulej fil-Knisja fi tliet kontinenti.

Ftit ġimgħat wara l-ordinazzjoni tiegħi fl-20 ta' Ġunju 2001, mill-idejn tal-Isqof Nikol Ġ. Cauchi, ġejt assenjat bħala viċi fil-parroċċa ta' Santa Maria del Buon Consiglio ġewwa Ruma. Hemmhekk mhux biss għamilt l-ewwel passi fis-saċerdozju, iżda fuq kollox, tgħallimt jum wara l-ieħor xi jfisser li tkun saċerdot. Fl-istess ħin kont qed nistudja fl-Università Pontifiċja tal-Lateran. Wara tmien snin ta' servizz, u wara li ksibt ukoll dottorat f'Utroque Iure (Dritt Kanoniku u Ċivili), ġejt imsejjaħ biex nidħol fl-Akkademja Pontifiċja Ekkleżjastika, jiġifieri l-post fejn sa mill-1701 kien jidħol il-kleru li se jkun destinat li jaqdi lill-Papa fl-ambaxxati tiegħu madwar id-dinja, l-hekk imsejħa Nunzjaturi.

Fl-1 ta' Lulju 2010, wara li għaddejt mill-eżamijiet u lestejt it-taħriġ tiegħi fl-Akkademja Pontifiċja, ġejt assenjat biex naqdi fiż-Żambja, f'kuntatt mill-qrib mal-Knisja lokali. Hawnhekk kelli l-opportunità mhux biss li nsir naf pajjiż li qed jiżviluppa u li niġi f'kuntatt ma' realtà u kultura differenti minn tagħna, imma fuq kollox stajt nesperjenza Knisja żagħżugħa, mimlija vitalità u xewqa kbira li tikber u li l-Vanġelu jiddi bħala ħajja ġdida u tama vera.

Wara li qattajt tliet snin f'dan il-pajjiż, ġejt inkarigat biex naħdem fir-Rappreżentanza tas-Santa Sede fin-Nazzjonijiet Uniti ġewwa New York. Hawnhekk kelli l-opportunità li nesperjenza l-ħidma ta' din l-organizzazzjoni dinjija iżda wkoll b'xi mod li nagħti l-kontribut żgħir tiegħi. Proprju f'dan il-post, fejn il-ġnus kollha jsibu ruħhom miġbura fl-istess kamra, fhimt aktar xi tfisser il-kitba fil-portinerija tas-Seminarju: "The world is my parish".

Wara tliet snin oħra, f'Lulju 2016, id-destinazzjoni tiegħi kienet l-Ukrajna, pajjiż li fih il-Knisja Kattolika tieħu n-nifs b'żewġ pulmuni – dak tal-Knisja Latina u dak tal-Knisja Griega-Kattolika. Dak iż-żmien l-Ukrajna kienet preżenti ħafna inqas fil-gazzetti, minkejja li l-kunflitt fil-Lvant tal-pajjiż kien diġà ilu għaddej xi snin qabel il-wasla tiegħi, ovvjament mhux bl-istess feroċità u severità bħal fl-aħħar sentejn. Fl-Ukrajna kelli l-opportunità li nsir naf Knisja li, minkejja li batiet ħafna taħt il-komuniżmu, żammet fidi soda matul l-għexieren ta' snin ta' persekuzzjoni u welldet ħafna martri.

F'Lulju 2019 imbagħad ġejt trasferit fi Vjenna, għall-Missjoni Permanenti tas-Santa Sede għall-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSCE) u l-Organizzazzjonijiet Internazzjonali l-oħra preżenti fil-kapitali Awstrijaka: hawn kelli l-opportunità li nara mill-ewwel il-problemi tas-sigurtà fl-Ewropa u li nittratta r-realtà li tmur minn Vancouver għal Vladivostok.

F'Jannar 2022 bdejt is-servizz tiegħi fil-Vatikan ġewwa s-Segretarjat tal-Istat, fit-Taqsima għar-Relazzjonijiet mal-Istati u l-Organizzazzjonijiet Internazzjonali. Hawnhekk, fis-Settur Multilaterali, nittratta l-aktar kwistjonijiet relatati man-Nazzjonijiet Uniti fi New York u f'Ġinevra b'focus ewlieni fuq id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertà Reliġjuża. Fl-istess ħin għandi l-opportunità li ngħix fil-qalba tal-Knisja Kattolika. Li nerġa' nkun Ruma jippermettili li nservi mill-ġdid fi tmiem il-ġimgħa fil-Parroċċa ta' Santa Maria del Buon Consiglio, fejn qabel kont qdejt għal tmien snin.

Fl-aħħar nett, minn Jannar 2023, l-Isqof tagħna Anton Teuma ħatarni bħala postulatur tal-Kawża tal-Beatifikazzjoni u Kanonizzazzjoni tal-Qaddej ta' Alla Dun Mikiel Attard. Strettament, l-irwol tiegħi bħala postulatur jibda sewwa meta l-fażi djoċesana tal-kawża tkun lesta. F'dan il-mument qed naħdem biex nagħti pariri u indikazzjonijiet dwar kif nimxu 'il quddiem, bit-tama li ma ndumux ma naraw lil Dun Mikiel fl-unuri tal-altari.

# L-20 ANNIVERSARJU TA' DUN MIKIEL ATTARD

X'Jonqos?

MONS. SALV GRIMA



It-30 ta' Lulju 2024 jaħbat l-20 anniversarju mill-mewt tal-Qaddej ta' Alla Dun Mikiel Attard, saċerdot min-Nadur li ħalla memorji kbar u sbieħ f'ħafna persuni li kienu jafuh jew ġew f'kuntatt miegħu tul ħajtu.

Fl-omelija twila tal-funeral li sar fit-2 ta' Awwissu, 2004, Mons. Isqof N. Ġ. Cauchi, assistit minn 116-il saċerdot u fil-preżenza tal-ogħla awtorità ta' pajjiżna, fost affarijiet oħra qal: "Jien ma narahiex bi kbira li jgħaddi ftit żmien ieħor, anzi lanqas ġranet, illi jkun hemm ħafna li jmorru jżuru l-qabar tiegħu biex jitolbuh. U lanqas naraha xi ħaġa kbira jekk nisma' 'l quddiem li kien hemm min qala' xi grazzja bl-interċessjoni tar-ruħ tajba ta' Dun Mikiel Attard". Sadanittant l-Isqof Cauchi nnifsu fformula talba biex titqassam u tingħad bħala radd ta' ħajr lil Alla bil-għan li jitressqu intenzjonijiet f'isem Dun Mikiel u biex jekk inhi r-rieda ta' Alla jiġi wkoll igglorifikat.

Kien f'Novembru 2010 meta Dun Tarcisio Camilleri, Delegat għas-saċerdoti u dakinhar Arċipriet fil-parroċċa ta' Sannat, bagħat ittra lis-saċerdoti Għawdxin biex issir petizzjoni formali għall-bidu tal-proċess tal-kawża tal-beatifikazzjoni ta' Dun Mikiel Attard. Permezz ta' Editt lid-Djoċesi fl-1 ta' Awwissu 2012, il-Kardinal Mario Grech, dakinhar Isqof ta' Għawdex, fejn ta tagħrif dwar il-ħidma ta' tħejjija mal-Kongregazzjoni tal-Kawżi tal-Qaddisin, kompla jistieden lill-Insara kollha biex jgħaddu t-tagħrif kollu li għandhom dwar il-Qaddej ta' Alla Dun Mikiel Attard, inklużi kitbiet stampati jew privati, manuskritti, djarji, ittri u kull xorta ta' dokument ieħor lill-Vigarju Ġenerali, Mons. Giovanni Gauci. Fit-2 ta' Awwissu 2014 l-Isqof Grech, wara ittra ta' stedina li bagħat lis-saċerdoti Għawdxin, iċċelebra l-Ewkaristija fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu fejn sar il-ftuħ uffiċjali tal-proċess tal-Kawża tal-Beatifikazzjoni ta' Dun Mikiel Attard.

Sadanittant, minn Awwissu 2011 sa sentejn wara, bdew isiru l-ewwel laqgħat minn Grupp Talb Dun Mikiel Attard kull l-ewwel Ħamis tax-xahar fil-knisja tal-Madonna tal-Karmnu f'Ta' Ħamet, permezz ta' siegħa Adorazzjoni. Is-suġġetti kienu jvarjaw imma f'rabta mal-ispiritwalità u esperjenzi ta' Dun Mikiel u skont iż-żmien liturġiku jew okkażjonijiet oħra. Hekk pereżempju l-ħajja saċerdotali tiegħu, il-ħeġġa li jitwaqqfu fostna reliġjużi ta' ħajja kkonsagrata, l-ispirtu missjunarju ta' Dun Mikiel, il-mard u t-tbatija, il-pastorali tal-Avvent jew dik marbuta mar-realtà tal-ħajja ta' billejl, id-devozzjoni Marjana, l-apostolat tal-istampa u t-tqaddis tax-xogħol. Minn Ottubru 2013 l-istess laqgħat bdew isiru fil-kappella tas-seminarju tal-Qalb ta' Ġesù, Victoria, fejn Dun Mikiel kien wettaq ħidma twila. Minn hemm ukoll, permezz ta' fuljett fis-sena, bdiet tiġi mwassla lid-djoċesi kollha l-ħidma li kienet qed issir mill-uffiċċju tal-postulazzjoni, liema uffiċċju sal-lum baqa' għaddej minn diversi delegati skont iċ-ċirkustanzi.

Kien fis-sena 2019 meta l-istess laqgħat ta' talb u spiritwalità ta' Dun Mikiel bdew isiru fil-parroċċa tan-Nadur, bi stedina miftuħa għad-djoċesi kollha, wara li għal xi żmien qasir kienu qed isiru minn parroċċa għall-oħra. Illum, permezz ta' Dun Reuben Micallef, vigarju parrokkjali, mal-avviż għal kull tielet Erbgħa tax-xahar jistieden ukoll kelliem differenti kull darba biex jaqsam ma' dawk preżenti l-esperjenzi tiegħu dwar Dun Mikiel. Barra minn saċerdoti ħadu sehem diversi lajċi, nisa u rġiel. Dan barra qari minn omeliji li kien għamel Dun Mikiel snin ilu, kant, talb ta' interċessjonijiet u l-barka sagramentali.

Bħala letteratura dwar Dun Mikiel insibu l-librett li kien ħareġ l-Isqof Cauchi fis-sena 2006 bl-isem: "DUN MIKIEL ATTARD, ħjiel fil-qosor dwar ħajtu" (48 paġna), "DUN MIKIEL ATTARD kif baqa' fil-qalb ta' dawk li ltaqgħu miegħu" (336 paġna) hija pubblikazzjoni tal-2021 b'ġabra varjata mill-Postulazzjoni għall-Kawża tal-Beatifikazzjoni, mis-seminarju tal-Qalb ta' Ġesù, Victoria. Fis-sena 2023 kien l-Arċipriet Mons. Jimmy Xerri li stampa ktejjeb iddestinat għat-tfal b'pitturi oriġinali bl-isem: "DUN MIKIEL ATTARD, inkunu ferħanin billi nkunu qaddisin" (64 paġna).

Tul diversi xhur fl-2022 saru l-proċeduri bil-permessi u s-sehem tal-esperti kollha meħtieġa biex jinġabru kif inhu meħtieġ il-fdalijiet b'dak li hu konness mal-qabar fejn kien midfun Dun Mikiel. Kien nhar l-Erbgħa, 10 ta' Awwissu, li l-fdalijiet mal-oġġetti kollha ġew meħuda b'korteo funebri miċ-ċimiterju tal-Addolorata fin-Nadur għas-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna ta' Pinu.

Il-fdalijiet kollha ġew poġġuti f'qabar ġdid magħluq b'irħama bajda b'isem Dun Mikiel Attard fuqu u li jinsab fil-paviment tan-nava tal-lemin tas-Santwarju. Il-proċess kollu sar b'forma privata waqt li issa l-Qaddej ta' Alla jinsab fil-post fejn kellu rabta kbira u kien promotur tal-ispiritwalità madwar l-istess Santwarju. B'hekk iktar Għawdxin u Maltin ikunu jistgħu jżuruh u jitolbuh b'aktar faċilità.

X'Jonqos issa? Żgur li sar ħafna xogħol anki fil-moħbi bħal ġbir ta' xhieda, kitbiet, oġġetti oħra u kull tagħrif u kulma hu marbut ma' Dun Mikiel. Il-proċeduri min-naħa tal-postulazzjoni jibqgħu għaddejjin kif imiss. Mela x'jonqos? Tonqos żgur: "Jekk inhi r-rieda ta' Alla", kif ngħidu fit-talba, liema rieda hija dejjem "*in His way and in His time*" kif kien iħobb jirrepeti spiss Dun Mikiel f'ħafna ċirkustanzi. Inkomplu nsaqsu x'jonqos iktar. Jonqos żgur ukoll iktar parteċipazzjoni, attendenza bi spirtu ta' interess qaddis u bi profitt spiritwali kull darba li ssir stedina għal-laqgħat ta' talb, billi tkun il-komunità parrokkjali oriġinali li minnha kien jagħmel parti Dun Mikiel li tkun minn ta' quddiem li tieħu sehem u żżomm dan l-appuntament għal qalbha. Ħalli dan ikun jinħass minn kulħadd kemm bħala sinjal ta' apprezzament u ta' ġieħ, imma bħala aħwa ngħixuh f'sens ta' dmir ukoll u bħala eżempju ħaj għal xulxin.





# PARROĊĊA MISSJUNARJA

**Minkejja li jinsabu 'l bogħod żgur li l-missjunarji li ħarġu minn dan ir-raħal, jaħdmu mal-ifqar fost il-fqar, huma dejjem preżenti fit-talb, il-ħsieb u l-qalb ta' din il-komunità parrokkjali. Il-messaġġi li bagħtulna jkomplu jagħtu lewn u sinifikat morali qawwi lil din il-ħarġa ta' Luminaria. Fuq kollox huma xhieda ħajja tal-fidi u l-vokazzjoni ġeneruża tagħhom li jispikkaw fil-ħajja tal-lum. Huma wkoll xhieda tal-grazzja ta' Alla li taħdem permezz tagħhom u permezz ta' għadd ta' benefatturi li b'mod sieket isostnuhom u jagħmlulhom kuraġġ. Dan jixhduh ukoll artikli oħra f'din il-ħarġa li għndhom ukoll konnessjoni ma' ħidma missjunarja. Inkomplu nitolbu għalihom u ngħinuhom kif nistgħu.**

# SPONSORJATI AKTAR TFAL FIL-KENJA

MONS. SALV GRIMA










Waħda mill-għajnuniet li tista' tingħata lill-missjoni hija dik li biha jiġu sponsorjati tfal ta' familji foqra. Din tista' ssir b'mod privat u individwalment li żgur li hemm diversi li diġà qed jagħmluha anki mill-parroċċa tagħna. Hemm ukoll dawk li flimkien ġiethom l-idea li jwettqu din l-opra ta' karità. Dan kien f'Jannar tal-1986, propju ftit xhur wara li grupp ta' Għawdxin flimkien ma' xi Maltin għamlu esperjenza missjunarja, minn nofs Lulju sa nofs Awwissu, f'isem il-Moviment Missjunarju Għawdxi fil-Kenja. Tlieta kienu min-Nadur, fosthom Dun Mikiel Attard.

Sar il-ftehim meħtieġ fost oħrajn ma' Patri Joe Galea OFM Kap. u Sr. Carolina Cassar, tal-Ulied tal-Qalb ta' Ġesù, li abbonawna mal-parroċċa ta' Hola fejn kienu jinsabu fid-djoċesi ta' Garissa, li dak iż-żmien kien hemm imexxiha l-Isqof Pawlu Darmanin OFM Kap. L-għajnuna, li dakinhar kienet ta' Lm4 fix-xahar, bdiet tinġabar minn residenti fi Triq ir-Ramla li kienu jinġabru għall-quddiesa fl-ewwel Ġimgħa tax-xahar fil-lokal tal-familja Muscat. Minn hemm, billi l-post safa vojt, l-istess quddiesa bdiet issir f'garaxx tal-familja Buttigieg fi Triq Binġemma.

F'temp ta' 20 sena l-għajnuna baqgħet tingħata l-ewwel lil tifla Agnes Bona u wara lil Peter Baganda. Il-familji tagħhom setgħu jiġu megħjuna billi jingħataw ikel, mediċini, ħwejjeġ u affarijiet għall-iskola, barra bżonnijiet oħra. L-istess parroċċa ta' Hola, li kellha għadd ta' stazzjonijiet jew irħula fejn kien hemm l-Insara bi ħtiġijiet speċjali, żiedet dan l-appell għal iktar benefatturi li jieħdu ħsieb it-tfal. Kien għalhekk ukoll li wara Samuel Moses, mill-2009 sal-2016, l-istess residenti xtaqu li jibdew jiġu sponsorjati żewġt itfal b'offerta ta' €120 fis-sena kull wieħed. Dawn kienu Thimoty Rafiki u Shalet Mwambire. Sadanittant irħula oħra tal-missjoni nedew l-istess proġett.

Kien fl-2016 li l-quddiesa tal-ewwel Ġimgħa tax-xahar għaddiet fiċ-ċimiterju tal-Ħniena Divina, fejn l-attendenza nfetħet iktar għal kulħadd u anki żdiedet. F'Jannar ta' din is-sena, billi l-ġenerożità ta' dawk li jattendu kompliet tikber, wasal il-mument u bdejna nisponsorjaw tlitt itfal fil-missjoni tal-Kenja, li tagħhom bagħtulna dawn ir-ritratti.

Inzertat sena speċjali għax l-2024 taħbat il-50 anniversarju minn mindu l-Kapuċċini Maltin fetħu għall-ewwel darba l-missjoni tagħhom fil-Kenja fl-1974. Huma wettqu ħidma kbira b'ħolqien ta' żewġ djoċesijiet ġodda, li fihom servew 4 Isqfijiet Kapuċċini Maltin u fi ħdanhom nibtu għadd ġmielu ta' vokazzjonijiet tal-post għall-ħajja reliġjuża. Kellhom ukoll l-għajnuna tas-sorijiet Maltin Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù. Matul dawn is-snin kollha kienu diversi dawk il-persuni min-Nadur li marru l-Kenja jagħmlu esperjenza missjunarja, min għal ftit ġimgħat u min għal diversi xhur, anki iktar minn darba. Fil-fatt kien hemm ukoll oħrajn, fl-imgħoddi u għadhom sal-lum, li offrew ħin u ħidma f'artijiet oħra tal-missjoni b'ġid u frott għalihom infushom u anki għall-parroċċa.

Għalina nzertat ukoll okkażjoni speċjali għax proprju din is-sena l-istess missjoni tal-Kenja qed toffri lill-parroċċa tagħna soru ġdida, Sr. Angeline Musembi, biex tagħmel parti mill-komunità Franġiskana tagħna fin-Nadur. Nawgurawlha u nitolbu għaliha wkoll.

Tassew li l-Knisja kullimkien hija missjunarja li trid tkompli l-ordni li ħallielha Kristu. Flimkien mal-għajnuna materjali hemm ukoll dik ta' sejħat missjunarji li nittamaw li l-parroċċa tagħna tibqa' tagħti sehem fil-ġejjieni bħalma għamlet b'ġenerożità fl-imgħoddi.

# MESSAĠĠ MINN DUN MARIO CASSAR - KENJA

## Il-Missjoni tiegħi fil-Kenja

Il-ħidma tiegħi fost il-foqra ġewwa l-Kenja hija mibnija fuq tliet pilastri li huma l-ikel, l-edukazzjoni u s-saħħa. Jien flimkien ma' team ta' voluntiera nqassmu l-ikel lill-600 persuna, inħallsu l-miżati tal-iskejjel primarji, sekondarji u terzjarji ta' madwar 70 studenti li jattendu dawn l-iskejjel u nkopru l-ispejjeż kollha tal-isptar u tal-mediċini. Minn Frar sal-15 ta' Mejju 2024 in-nefqa b'kollox telgħet għal €40,000.

Stajt nagħmel dan bid-donazzjonijiet tal-Għawdxin u tal-Maltin u permezz ta' donaturi speċjali li jikkontribwixxu l-flus fix-xahar jew fis-sena. Għalhekk qiegħed nappella lilek li qed taqra dan ir-rendikont li tiftaħ qalbek u tagħti d-donazzjoni tiegħek lili, fl-okkażjoni tal-50 sena saċerdozju, biex inkun nista' nkompli nħallas l-ispejjeż kollha. Qed nappella għall-ġenerożità tiegħek u biex ixxerred dan l-appell lil niesek, lill-qrabatek u lill-ħbieb tiegħek. Bid-donazzjoni tiegħek tkun qed titma' lil xi ħadd bil-ġuħ jew tgħin lil xi ħadd li għandu bżonn tal-mediċina u permezz tagħha ssalvalu ħajtu. Agħmel differenza f'dawn in-nies. Mingħajr ma tafu lil xulxin imma Alla jaf kollox u Hu sejjer ibirkek u jkattarlek aktar ġid.



Monday, September 25, 2023 / PEOPLE DAILY — NEWS BEAT 3

### Father Mario's 'Uji' drive boosts school attendance

Malta national starts feeding programme that has driven school attendance by 80 per cent

by Jasmine Atieno @PeopleDailyKe

To residents of Watamu and its environs in Kilifi, Father Mario Cassar seem to be God sent.

The priest is slowly transforming the lives of many through his philanthropic deeds that see him pay school fees for several students, buy porridge flour to feed learners, help single mothers and vulnerable people in general.

At Watamu Primary School, the head teacher, Muheshimwa Tinga Kalu, attributes the increase in attendance by 80 per cent to the feeding programme supported by the Malta international, who settled in the tourists' town in 2015 as a missionary after lecturing philosophy and theology for 33 years.

"I have been in this school since January and when I arrived here, there were a lot of challenges including lack of perimeter fence, classrooms, playing field and most importantly students' attendance because of high poverty levels in Kilifi. But when Father Mario approached me, he asked for a list of the needy children. I fronted 67 of the needy cases who even if we sent home, their parents won't come to school and if they do, we would just sympathise with them," the school head noted.

He added: "Father Mario started paying school fees for the needy learners, bought them uniforms and started flour for us to prepare porridge every day for our learners. This motivated them to come to school, because at home they don't even have a single meal sometimes," Kalu said.

He added: "Father Mario's support has helped us a lot in our operations because since first term we have never received any money from the National government. Currently, we have 629 students at Watamu Primary. We are also facing challenges that I have been sharing with CDF, Lottery Club, the police and beach hotels around. The school has only nine teachers, our toilets don't have a roof."

Some of our learners engage in prostitution and illicit drugs, however, the area OCPD has been of great help in terms of combating the vices, Tinga added.

The school compound is also full of rocks that regularly injure students, which need to be graded, we need a library, a playing field and a better fence."

One of the Mario school fees programme beneficiaries, Esther Saumu Kaplanga of Watamu Junior School said without Father Mario paying her school fees, she would have dropped long time ago and probably been married as is the tradition for children as young as 12 years, due to dire poverty.

**Builds orphanage**

"I want to thank father Mario for paying my school fees because he has helped me very much in my education, since my parents are not well off. I want to be a lawyer when I grow up and I also build an orphanage so that I can help more needy children in Kilifi and Kenya at large," Saumu told People Daily.

A parent, Fatma Ali, said the support from the Maltese clergy has really helped children in the region.

"I have suffered for a very long time with my two children and I would like to thank Father Mario for his philanthropy because my children can now go get education and feed while in school. When they are happy in school they are also happy when they come back home. The support may look small to some people, but it's massive to many parents including me," said Fatma.

Watamu Primary School children sing for Father Mario Cassra during his regular visits to the school on Fridayåå∑. PD / JASMINE ATIENO

**UJI PROGRAMME**

- Father Mario's 'Uji' programme boosts school attendance in Watamu
- Teachers attribute the increase in school attendance by 80 per cent to the school feeding programme supported by the Maltese
- Father Mario was ordained into the priesthood at 24 years and next year will be celebrating 50 years into the priesthood

Father Mario said from his strong education background, he dedicated his efforts to the field to give the less fortunate a stepping stone to success and he has more major plans for Watamu.

"I have lectured in Philosophy and Theology at the university for 33 years. That is why I am very personal with education because I know it's the best gift I can ever give to anyone. I was ordained into priesthood at 24 years and next year I will be celebrating 50 years into the service. I came to Kenya in 2015 and in the first three months I was staying at the cathedral while embarking on a course to learn the Swahili language.

I began my journey of helping in Mamfa in Kilifi before I moved to Watamu," said Mario.

He added: "I have spent more than Sh60 million since I came to Kenya and my dream and vision is to build a school and dig a borehole. And I have constructed a niche for the blessed mother at the cathedral. Apart from that some of my dreams are to build a health centre with specialization in physio-therapy in the whole of Malindi and Kilifi."

Father Mario Cassar serving porridge to Watamu Primary School Children at the school on Friday. He has been providing porridge at the school daily, hence the increase of school attendance. PD / JASMINE ATIENO

REPUBLIC OF KENYA | KENYA REVENUE AUTHORITY

**Public Notice**

**Deployment of Revenue Service Assistants**

Kenya Revenue Authority (KRA) informs the public that it has rolled out a Revenue Service Assistants (RSAs) program whose mandate is to support taxpayers with their compliance needs.

The main aim of this program is to;

1. Facilitate online registration of trading businesses,
2. Verify taxpayer details,
3. Support compliance with TIMS/eTIMS regulations,
4. Support compliance with Excise regulations,
5. Data collection.

The RSAs will provide on-site facilitation to taxpayers, which will involve physical visits to taxpayer premises within the country.

RSAs will have KRA staff identification cards and will be in uniform for ease of identification. Additionally, the public can authenticate the staff details through **USSD *572#**, or use **KRA Thibitisha** which is available on the KRA website: **www.kra.go.ke** or through the **KRA Mservice App**.

KRA encourages the public to interact with the RSAs and let them know how they can assist you.

For more information, please call us on 020 4 999 999 or 0711 099 999 or email: callcentre@kra.go.ke

**Commissioner for Domestic Taxes**
*Thank you for paying taxes to build Kenya*

www.kra.go.ke

*Tulipe Ushuru, Tujitegemee!*

*Artiklu stampat fil-gazzetta lokali li jispjega kif inizjattiva li ħadu Fr Mario u t-team tiegħu, li permezz tagħha jqassmu tip ta' ikel magħmul mill-qamħirrun, irnexxielha tattira aktar tfal biex jattendu l-iskola.*

# MESSAĠĠ MINN DUN RAYMOND PORTELLI - PERÙ

## Ilkoll Missjunarji

Din is-sena nagħlaq tletin sena qassis u t-tletin sena li huma għaddejthom hawn, inservi fil-Knisja tal-Perù. Però, anke jekk 'l bogħod minn Għawdex, verament dejjem ħassejtni magħqud mal-Knisja Għawdxija. Il-missjunarju veru qatt ma għandu jkun maqtugħ mill-Knisja li bagħtitu jxandar il-Vanġelu. Verament nirringrazzjakom għax matul dawn is-snin il-parroċċa tan-Nadur dejjem uriet l-għaqda u s-support għax-xogħol li qed nagħmel fost il-foqra. Mill-bidu nett, meta bdejtu tibagħtu l-għajnuna għall-foqra tal-parroċċa tiegħi hawn f´Iquitos, il-Perù. Saħansitra bgħattu containers u anke tellajtu gruppi ta' voluntiera biex jgħinu fix-xogħol. Minbarra l-messaġġi ta´ inkoraġġiment u t-talb, li naf li toffru, għall-bżonnijiet tagħna. Grazzi għal din l-għajnuna ftaħna sptar, rehabilitation centre, dar għall-anzjani abbandunati u night shelter flimkien ma' soup-kitchen. Dun Mikiel kien jgħid li aħna lkoll imsejħin inkunu missjunarji, "jew billi mmorru l-missjoni jew billi ngħinu lil min imur". Ejjew inkomplu din il-missjoni hekk sabiħa li nxandru li Alla huwa mħabba u dan nagħmluh billi ngħinu lil dawk li huma fil-bżonn.

Nwegħedkom it-talb tiegħi dejjem. Viva San Pietru u San Pawl.



*Dun Raymond, Missjunarju u Tabib*

# MESSAĠĠ MINN
# SR LUX MARIE - ETJOPJA



Għeżież ħbieb, benefatturi u Nadurin,

Tislijiet, imħabba u talb mill-Etjopja. Jalla Kristu Rxoxt jimla lil qlubna, ħajjitna u lid-dinja bil-paċi u ħniena. Nieħu din l-opportunità biex nirringrazzjakom għat-talb u s-support li permezz tagħhom tgħinu lili u lil ħuti s-sorijiet fl-Etjopja biex aħna nippruvaw inġibu ftit tama lil ħafna nies li ta' kuljum jiġu jitolbu l-għajnuna, lil ħafna li qed jgħixu fi tbatija kbira. Bħalma kienet tgħid Madre Tereża, 'Our work is only a drop in the big ocean, and yet without that drop, the ocean would be missing something.'

Aħna nippruvaw ngħinu lill-individwu u naraw lil Ġesù f'kull persuna. Hawn ħafna nies li qed jgħixu fil-miżerja, bil-ġuħ, bla saqaf fuq rashom, kif ukoll dawk li m'għandhomx min jismagħhom. Din il-miżerja hija riżultat tal-instabilità fil-pajjiż, kunflitti bejn it-tribujiet, nixfa kbira, diżastru ekonomiku fost l-oħrajn. Imma Alla xorta hu preżenti f'dan kollu.



Fi Frar ta' din is-sena l-Isqof ta' Meki talabna biex bħala sorijiet nibdew ngħinu f'parti li hi milquta minn nixfa kbira. Tliet sorijiet marru mal-isqof iżuru l-post biex jaraw f'liema sitwazzjoni qed jgħixu dawn in-nies. Qed jgħixu f'miżerja kbira li lanqas għandhom għaxja ta' lejla. Ilha ma tagħmel xita għal dawn l-aħħar tliet snin. It-tfal qed imutu minħabba nuqqas ta' ikel. Kif in-nies tal-lokalità raw li ġew xi nies reliġjużi qalu: 'God has blessed us with your visit. You are people of God. For sure now He will help us.' (Alla berikna permezz taż-żjara tagħkom. Intom nies ta' Alla. Żgur li issa Hu ser jgħinna). Bħala komunità ddeċidejna li nifthu relief centre. Fih insajru għal eluf ta' nies li jinġabru kuljum kif ukoll inqassmu xi bżonnijiet bażiċi. Xi ħaġa tal-għaġeb hi li ftit wara li marru s-sorijiet, bdew jiġbru lit-tfal Kattoliċi biex jgħidu r-rużarju biex il-Madonna tibgħat ix-xita u wara tliet snin sħaħ bdiet nieżla x-xita u kompliet għal ġimgħat sħaħ. Għalhekk issa n-nies jistgħu jaħdmu r-raba'. Alla qed ma' dawn in-nies, Hu jisma' l-karba tal-fqir.



F'Marzu kellna ż-żjara tal-Eminenza Tiegħu l-Kardinal Mario Grech. Kienet ta' sorpriża għalina għax għalkemm kellu skeda mimlija sab il-ħin biex jiġi jżur id-dar tagħna f'Addis Ababa. In-nies tgħidx kemm ferħu bit-tfal jiġru biex jerfagħhom u l-adulti biex iberikom. Hu ra u faħħar ix-xogħol li qed nagħmlu u mill-qalb feraħ magħna u qalilna: 'This house is full of love." (Din id-dar mimlija mħabba.)

Ħbieb, kif bħala Nsara niċċelebraw lil Kristu rebbieħ fuq il-mewt, ejjew ilkoll nippruvaw inġibu l-paċi u l-imħabba lil dawk ta' madwarna. Nitlobkom titolbu għalina, biex inkomplu nagħmlu affarijiet sbieħ għal Alla hawn ġewwa l-Etjopja. Aħna nitolbu għalikom.

Il-Mulej iberikkom. Magħqudin fil-qalb ta' ommna Maria u Ġesù.







# IL-BIZZILLA TAL-MULEJ

Kif qrajna fl-artiklu mibgħut lilna mill-Qasam tal-MUSEUM tas-Subien li jidher f'din il-ħarġa f'paġna 28, fl-1988 tkebbset xrara ġewwa dan il-Qasam fin-Nadur. Il-grazzja tal-Mulej riedet li din l-esperjenza Mużewmina tinbet ukoll 'l bogħod minn xtutna u kif qrajna waslet il-Kenja. Wara li għaddew aktar minn 35 sena, żewġ membri mill-qasam ta' Ruiru fil-Kenja żaru l-qasam tan-Nadur u setgħu jaqsmu l-esperjenza Mużewmina tagħhom mas-soċi u l-adolexxenti u t-tfal li jiffrekwentaw dan il-qasam. Minbarra li kienu xhieda ħajja tal-ġid li joħroġ minn kull attività missjunarja, dawn iż-żewġ membri tal-MUSEUM mill-Kenja setgħu jaraw ukoll minn fejn oriġinat l-idea biex anke huma u sħabhom setgħu jgawdu mill-opra tal-fundatur San Ġorġ Preca. Kif esprima tant tajjeb l-awtur Joe Camilleri, f'dawn l-okkażjonijiet "donnok tara l-bizzilla tal-Mulej. Xejn ma jiġri b'kumbinazzjoni."



## *Sr Angeline Musembi*

## MILL-KENJA GĦAN-NADUR

Sr Angeline Musembi hija xhieda oħra tal-ispirtu missjunarju fil-parroċċa tagħna. Bħalma spjega Mons. Salv Grima f'paġna 63 din is-sena Sr Angeline ingħaqdet mal-komunità tas-Sorijiet tal-Qalb ta' Ġesù ġewwa n-Nadur wara li ntbagħtet mil-Kenja - il-missjoni li magħha ilha għaddejja kollaborazzjoni minn membri tal-komunità tan-Nadur li sa mill-1986 sponsorjaw numru ta' tfal permezz tad-donazzjonijiet regolari tagħhom. Il-paroċċa tilqa' lil Sr Angeline bil-ferħ u b'sens ta' gratitudni lil Mulej.



**BAĦRIN NADURIN LI AVVANZAW FL-ISTUDJI TAGĦHOM FIL-QASAM MARITTIMU**

# IL-KAVALLIER ĠUŻEPP CAMILLERI

## IT-TLETTAX-IL PARTI

KENNETH GRIMA

Meta kont abbati fil-Knisja Parrokkjali tagħna, sakemm kont ngħaddi mis-sagristija tan-naħa tan-Nofsinhar, ħarsti malajr kienet taqa' fuq inkwatru partikolari – pittura mdendla mal-ħajt fil-għoli t'anzjan bilqiegħda fuq pultruna bin-naħa tax-xellug ta' sidru mimli medalji. B'ċertu kurżità, spiss kont ngħid bejni u bejn ruħi, "Imma dan il-bniedem x'għamel biex hu dekorat daqshekk?" Dan ma kien ħadd ħlief il-Kavallier Ġużepp Camilleri min-Nadur u li tassew huwa wieħed mill-iktar nies tal-baħar dekorati fl-istorja marittima Maltija.

Il-Kavallier Ġużepp Camilleri twieled ġewwa n-Nadur fl-24 ta' Settembru 1858, iben il-Padrun Franġisk Camilleri u Marija Cassar. Il-laqam tal-familja kien **tat-Tletin** iżda s-*Status Animarum*[1] tan-Nadur tal-1894 juri li kienu jsibuhom ukoll b'laqam ieħor, **tal-Mogħża**. Forsi kien il-laqam l-antik? Franġisk Camilleri, missier Ġużepp, kien Padrun ta' diversi bastimenti tal-qlugħ Maltin, fosthom il-brigantin-skuna *"Paolina e Virginia"*. Huwa kellu l-liċenzja ta' *Padrone* jew ta' Kaptan tat-Tielet Klassi, jiġifieri seta' jieħu kmand ta' qxur tal-baħar sa kobor ta' 50 tunellaġġ nett li kienu jbaħħru bejn Malta, Sqallija, il-kosta ta' Tripli u Tuneż, u l-port ta' Bona (illum Annaba) fl-Alġerija. Din inħarġitlu fit-13 ta' Frar 1867.[2] Fi ftit kliem, il-Kavallier kien ġej minn familja marittima.

Aktarx li l-familja tiegħu, min-Nadur kienet marret toqgħod Bona għax fl-età ta' bejn 9 u 14-il sena Ġużepp jinstab jattendi l-iskola tal-*Frères* De La Salle t'hemm.[3] Hu kien għad kellu biss sbatax-il sena meta fis-27 ta' Marzu 1876, wara l-istudju u l-eżamijiet meħtieġa, u fi żminijiet meta l-edukazzjoni kienet xi ħaġa skarsa, inħariġlu ċ-ċertifikat ta' *Second Mate for a Foreign-Going Ship* minn Malta.[4] Sfortunatament id-data tal-liċenzja ta' *Padrone* ma nstabitx. Camilleri mill-ewwel wera abbiltà liema bħalha u kuraġġ straordinarju quddiem il-qilla tal-baħar!

Ta' dsatax-il sena, Ġużepp kien strumentali fis-salvataġġ tat-tartana Franċiża (tip ta' qoxra tal-qlugħ) *"Courrier de La Calle"* meta din intilfet fuq il-baħar waqt vjaġġ bejn Bona u La Calle ġewwa l-Alġerija fil-bidu ta' Diċembru 1877. Huwa kien qed jivvjaġġa fuqha bħala passiġġier u mhux bħala membru tal-ekwipaġġ.[5] Tant hu hekk, għall-kontribut utli tiegħu, fl-20 ta' Frar 1878 ġie premjat b'*La Médaille d'Argent pour Actes de Courage et*

---

1 APN (Arkivju Parrokkjali Nadur), *Status Animarum A.D. 1894*.
2 NAM (National Archives of Malta), CSG 27/1 – Registers of Masters and Mates.
3 Conferenza Fuk Il Ħolkien Ta Scola Tecnica Fil Gzira Ta' Ghaudex, Giusè Camilleri, paġna 22.
4 NAM, CSG02, 4661/1876.
5 gallica.bnf.fr – Le Mobacher, Journal Officiel, No. 1896 – Mercredi, 27 mars 1878.




*Il-pittura tal-Kavallier Ġużepp Camilleri li tinsab fis-sagristija tal-Knisja Parrokkjali tan-Nadur.*

*de Dévouement 1ère Classe* (Medalja tal-Fidda tal-Ewwel Klassi)[6] u ġie mfaħħar fuq diversi ġurnali Franċiżi! Dan kien l-ewwel fost il-ħafna atti ta' qlubija fuq il-baħar għal dan il-Padrun Naduri.

Min-numru ta' salvataġġi fuq il-baħar, kemm ta' nies kif ukoll ta' bastimenti, jidher li fl-aħħar tas-snin sebgħin fis-seklu dsatax, Camilleri kien ibbażat ġewwa l-port ta' La Calle, l-Alġerija.[7] Dan il-port issemma fil-ħarġa tal-Luminaria tas-sena l-oħra, Ġunju 2023. Hemm kellu n-negozju tas-sajd tal-qroll in-Naduri l-Kavallier Luigi Aquilina, l-ewwel Padrun mill-gżejjer Maltin li rċieva l-unur ta' *Chevalier de la Lègion d'Honneur*, it-titlu ta' Kavallier, minn Franza għall-qlubija fuq il-baħar. Għalkemm ma teżisti l-ebda konferma, jista' jagħti l-każ illi Camilleri, f'età żagħżugħa kien wieħed mil-lavranti t'Aquilina f'La Calle sakemm dan miet ta' 63 sena fl-1880.[8] Min jaf kienx il-Kavallier Luigi Aquilina stess b'tant esperjenza f'dan il-qasam li kien qed jiggwida lil Camilleri fix-xogħol ta' salvataġġ? Eroj tal-baħar Naduri sawwar eroj ieħor!

Lejn l-aħħar ta' Marzu 1881, b'xi mod jew ieħor, Camilleri sab ruħu f'nofs l-ewwel kunflitti ta' bejn it-tribù tal-Khoumir, li jgħixu fil-majjistral tat-Tuneżija, u l-armata Franċiża li kienet qed tiddefendi t-tribù Alġerin tan-Nehed u l-interessi Franċiżi ġewwa l-Alġerija.[9] Dawn seħħew qrib il-limiti ta' bejn l-Alġerija u t-Tuneżija. Minn dan l-ewwel ġlied żvolġiet il-konkwista Franċiża tat-Tuneżija. Sakemm kien stazzjonat mal-*4/59e regiment de ligne*,[10] il-Kavallier Camilleri wera dedikazzjoni kbira billi ħa ħsieb it-truppi midruba u ġarrilhom l-ilma minn distanza twila sabiex itaffilhom is-sħana qawwija.[11] Aktar minn hekk huwa ngħata r-responsabbiltà li jara l-wasla tar-riġment taż-*Zouaves*, rinforz għall-Franċiżi ta' 109 rġiel.[12] Camilleri ġarr l-iġsma tal-ewwel suldati Franċiżi maqtula fil-bidu tal-kunflitt f'Oued Djenan lura għall-bażi tagħhom fuq spallejh. Huwa kien anki responsabbli li jara li jintbagħtu t-truppi midruba u oħra maqtula mill-kamp tal-battalja lejn il-belt ta' La Calle. Dan kollu mingħajr ma talab ebda kumpens![13] Il-Kavallier Ġużepp Camilleri spikka mhux biss fuq il-baħar imma anke waqt battalji militari fuq l-art!

Il-qawwiet Franċiżi komplew javvanzaw 'il ġewwa fit-Tuneżija, anki min-naħa tal-baħar. Apparti x-xogħol li wettaq mal-armata fl-aħħar ta' Marzu 1881, Camilleri wera x'inhu l-mistier tiegħu billi poġġa ħilietu għad-dispożizzjoni tal-Kontrammirall Franċiż Alfred Conrad, li kien il-kmand tal-Flotta Navali Franċiża tal-Lvant. Fl-ewwel ta' Mejju 1881, il-vapur tal-gwerra *"La Galissonnière"*, fejn kien abbord il-Kontrammirall, daħal fil-port ta' Bizerte fit-Tuneżija. Sat-3 ta' Mejju, wasal kemm-il vapur ieħor tal-gwerra biex ġabu mas-6000 suldat.[14] Hawn in-Naduri Camilleri serva kemm bħala Pilota tal-Port u kemm t'interpretu abbord diversi vapuri tal-gwerra Franċiżi.[15]

Is-servizz professjonali li Camilleri ta f'Bizerte kompla jiġbed għajn il-Kontrammirall Conrad. Huwa personalment għażlu sabiex ikun l-uniku Pilota tal-

6 Archives Nationales, Pierrefitte-sur-Seine, 19800035/231/30572 – https://www.leonore.archives-nationales.culture.gouv.fr/ui/notice/64053
7 Ibid.
8 https://gw.geneanet.org/evechevaleyre?n=aquilina&oc=&p=antoine+louis+felix
9 gallica.bnf.fr – *L'Expédition Militaire en Tunisie, 1881-1882*, paġni 10-13.
10 gallica.bnf.fr – *L'Expédition Militaire en Tunisie, 1881-1882*, paġna 10.
11 Archives Nationales, Pierrefitte-sur-Seine, 19800035/231/30572 – https://www.leonore.archives-nationales.culture.gouv.fr/ui/notice/64053
12 gallica.bnf.fr – *L'Expédition Militaire en Tunisie, 1881-1882*, paġna 11.
13 Archives Nationales, Pierrefitte-sur-Seine, 19800035/231/30572 – https://www.leonore.archives-nationales.culture.gouv.fr/ui/notice/64053
14 gallica.bnf.fr – L'Expédition Militaire en Tunisie, 1881-1882, paġna 30.
15 Archives Nationales, Pierrefitte-sur-Seine, 19800035/231/30572 – https://www.leonore.archives-nationales.culture.gouv.fr/ui/notice/64053

Port uffiċjali għall-Flotta Navali Franċiża ġewwa La Goulette fiż-żminijiet ta' dawk il-kunflitti u l-konkwista tat-Tuneżija! Kellu jkun il-Kavallier Ġużepp Camilleri li jservi ta' Pilota għal kull wasla jew tluq ta' vapur tal-gwerra Franċiż f'La Goulette, il-port ta' Tuneż! Camilleri rnexxielu jagħmel dan kollu fl-età żagħżugħa ta' 23 sena u qabel ma biss twaqqaf uffiċjalment is-servizz ta' pilotaġġ f'Tuneż![16]

Pilota tal-Port, bl-Ingliż *Harbour Pilot* jew *Maritime Pilot*, huwa bniedem kwalifikat fil-qasam marittimu li jservi ta' parir lill-Kaptan tal-vapur sakemm ikun dieħel jew ħiereġ minn port partikolari. Apparti ċ-ċertifikati marittimi tiegħu, il-Pilota, jew f'dan il-każ Ġużepp Camilleri, irid ikollu għarfien tajjeb kemm ta' manuvrar ta' bastimenti u vapuri mdaqqsin kif ukoll tal-port u l-ibħra tal-madwar inkluż irjieħ, kurrenti, fond u liġijiet tal-post fost affarijiet oħra. Wara dan il-perjodu ferm interessanti għal Ġużepp, mill-Alġerija huwa stabbilixxa ruħu ġewwa Tuneż, qrib il-port ta' La Goulette. Hawn jidher illi kompla bil-ħidma speċifika tiegħu fis-salvataġġ fuq il-baħar. Madwar Franza kienu jeżistu kemm-il bażi jew stazzjon tas-salvataġġ imħaddma mis-*Société centrale de sauvetage des naufragés*[17] (*SCSN*), soċjetà mwaqqfa fl-1865 apposta biex issalva nies mill-għarqa jew f'diffikultà fuq il-baħar.[18] Ftit wara l-wasla tal-Franċiżi, sewwasew fl-1882, twaqqfet bażi tas-salvataġġ f'Tuneż (La Goulette).[19]

L-iskop ta' kull bażi kienet li tinkludi dgħajsa tas-salvataġġ li toħroġ fl-eqqel tal-maltempati u f'każijiet oħra t'emerġenza biex issalva kemm nies kif ukoll bastimenti fil-periklu. F'dawk iż-żminijiet t'ilu, din id-dgħajsa ma kellhiex magni. Minflok, il-baħrin t'abbord kienu jużaw l-imqadef u aktarx li kellhom qlugħ żgħir biex jgħinhom. Il-Padrun tad-dgħajsa, jew *"Patron"* bil-Franċiż, kien ikun fuq it-tmun jagħti l-ordnijiet lil dawn il-baħrin. Ta' warajh, is-*"Sous-Patron"*, kien postu fil-pruwa tad-dgħajsa jżomm għassa.[20] Dawn in-nies kienu litteralment jissieltu kontra l-qawwa tal-baħar fl-agħar tempesti! Tbatija u periklu li llum lanqas biss noħolmu! Interessanti wkoll illi din id-dgħajsa ma kinitx tkun marbuta ma' xi moll fil-port. Din kienet tkun fuq karru ġo maħżen. Il-ħsieb wara dan kien li l-Padrun ikun jista' jieħu deċiżjoni minn fejn għandu jvara d-dgħajsa l-eqreb għall-inċident ta' fuq il-baħar.[21] Għalhekk, bil-għajnuna ta' nies voluntiera li joqogħdu fil-madwar u taż-żwiemel li jiġbdu l-karru, il-baħrin kienu kull darba jvaraw id-dgħajsa minn ġo xi xtajta jew xi port.

Tul kemm damet topera l-bażi ta' La Goulette, intużaw minn tal-inqas tliet dgħajjes tas-salvataġġ; l-ewwel waħda mill-1883 sal-1888, it-tieni bejn l-1888 u l-1900, u t-tielet waħda mill-1900 'l quddiem. Aktarx li l-ewwel waħda ma kellhiex isem, iżda jidher li t-tnejn l-oħra kien jisimhom **Louise-Renè Millet**, għal dawk li ffinanzjawhom.[22] M'hemmx data preċiża li turi meta Camilleri involva ruħu mal-*SCSN*, iżda hemm x'juri illi fl-1885, ta' 27 sena, huwa sar il-Padrun ewlieni tal-ewwel dgħajsa tas-salvataġġ ta' La Goulette![23] Il-Kavallier Ġużepp Camilleri kompla jagħti s-servizz tiegħu fuq il-baħar bħala Padrun għal 23 sena sħaħ u laħaq kien kmand tat-tlieta li huma tul il-karriera tiegħu ġewwa t-Tuneżija. L-aħħar li l-Kavallier kien imniżżel bħala l-Padrun tad-dgħajsa tas-salvataġġ ta' La Goulette kien fis-sena 1908.[24] Mis-sena 1912 'il quddiem, b'sens ta' rispett, huwa kien imniżżel bħala *"ancien patron"*, il-Padrun anzjan tad-dgħajsa tas-salvataġġ ta' La Goulette.[25]

Huwa fatt interessanti wkoll li Camilleri ma kienx l-uniku wieħed ta' nisel Malti jew Għawdxi abbord. Għal xi żmien Camilleri kellu lil ċertu Portelli Joseph bħala *Sous-Patron* tiegħu, u magħhom fl-1891 insibu lill-baħrin Grima Nicola, Caruana Luigi, Vella Joseph u Demanuele Augustin. Ħasra li m'hemmx iktar dettalji dwarhom. Ħafna drabi abbord kien ikun hemm ekwipaġġ ta' disgħa, inkluż il-Padrun.[26] Esposti għall-elementi, kienu jilbsu inċirajjet ħoxnin armati bil-kappell b'kollox u fuqha ġakketta tas-salvataġġ.

Camilleri salva ħafna nies minn fuq il-baħar, kemm mal-ġurnata u anki fid-dlam tal-lejl, u ta' xogħlu rċieva diversi medalji u ċertifikati ta' testimonjanza ad unur dak li wettaq. Hawnhekk insibu lista tal-medalji li rċieva:[27]

- ***Médaille d'Argent pour Actes de Courage et de Dévouement 1ère Classe* (Medalja tal-Fidda tal-Ewwel Klassi)** – 20 ta' Frar 1878 – għas-salvataġġ tat-tartana Franċiża *"Courrier de la Calle"* li sar fl-1877;
- ***Médaille d'Or pour Actes de Courage et de Dévouement 2e Classe* (Medalja tad-Deheb tat-Tieni Klassi)** – għal diversi salvataġġi ta' bastimenti ġewwa l-port ta' La Calle;

16 Ibid.
17 The Central Society for the Relief of Shipwrecked People.
18 gallica.bnf.fr – *Annales du sauvetage maritime, 01 avril 1900*, paġna 116.
19 gallica.bnf.fr – *Annales du sauvetage maritime, 01 octobre 1889*, paġna 161.
20 gallica.bnf.fr – *Annales du sauvetage maritime, 01 avril 1900*, paġna 117.
21 Ibid.
22 gallica.bnf.fr – *Annales du sauvetage maritime, 01 avril 1912*, paġna 235.
23 Archives Nationales, Pierrefitte-sur-Seine, 19800035/231/30572 – https://www.leonore.archives-nationales.culture.gouv.fr/ui/notice/64053
24 gallica.bnf.fr – *Annales du sauvetage maritime, 01 avril 1908*, paġna 295.
25 gallica.bnf.fr – *Annales du sauvetage maritime, 01 avril 1912*, paġna 235.
26 gallica.bnf.fr – *Annales du sauvetage maritime, 01 janvier 1891*, paġna 194.
27 Archives Nationales, Pierrefitte-sur-Seine, 19800035/231/30572 – https://www.leonore.archives-nationales.culture.gouv.fr/ui/notice/64053

- Fl-1890 ingħata t-titlu ta' **Kavallier ta' *Nichan Iftikhar***, bl-Ingliż *"Order of Glory"*, mill-Bey Tuneżin;
- ***Médaille d'Argent pour Actes de Courage et de Dévouement 1ère Classe*** **(Medalja tal-Fidda tal-Ewwel Klassi)** – għas-salvataġġ tal-ekwipaġġ tat-tartana Taljana *"Colomba"* li sar fis-27 t'April 1891;
- ***Médaille d'Argent pour Actes de Courage et de Dévouement 1ère Classe*** **(Medalja tal-Fidda tal-Ewwel Klassi)** – għas-salvataġġ tal-passiġġieri abbord il-lanċa tal-irmonk *"Doulir"* fl-1893;
- ***Médaille d'Argent pour Actes de Courage et de Dévouement 1ère Classe*** **(Medalja tal-Fidda tal-Ewwel Klassi)** – għas-salvataġġ tal-*cutter* *"Maria Teresa"* u l-ekwipaġġ tagħha li sar fl-1894;
- **Medalja tal-Fidda** – mill-Gvern Taljan għal diversi salvataġġi ta' bastimenti Taljani;
- Fl-1894 huwa ngħata titlu ogħla, dak ta' **Uffiċjal ta' *Nichan Iftikhar***, mill-Bey tat-Tuneżija;
- ***Médaille d'Or pour Actes de Courage et de Dévouement 1ère Classe*** **(Medalja tad-Deheb tal-Ewwel Klassi)** – għal diversi salvataġġi oħra fil-bajja ta' La Goulette;
- Fis-7 ta' Frar 1900 Camilleri ġie dekorat b'titlu ogħla fl-ordni glorjuża Tuneżina; huwa sar **Kmandant ta' *Nichan Iftikhar***;
- Mill-pittura fis-sagristija jidher ukoll li kellu t-tielet **Medalja tad-Deheb** li aktarx din kienet għas-salvataġġ tal-ekwipaġġ tal-vapur Ingliż *"S.S. Abertawe"* fil-15 ta' Frar 1900.

Tliet medalji tad-deheb u sitta oħra tal-fidda – rikonoxximent minn tliet pajjiżi differenti! Dan apparti aktar minn tlettax-il ċertifikat ta' unur li jirrigwardjaw salvataġġi oħra fuq il-baħar![28]

Għalkemm wara wkoll baqa' fuq l-istess xogħol, l-aħħar salvataġġ diffiċli li rnexxielu jagħmel il-Kavallier Camilleri kien fil-15 ta' Frar 1900. Dan ġie dokumentat fuq il-ġurnal tal-*SCSN*, *Annales du sauvetage maritime* tal-perjodu ta' Jannar-Marzu 1900 u fuq diversi gazzetti oħra Franċiżi u tal-Afrika ta' Fuq kolonji tal-istess pajjiż! Dakinhar kienet għaddejja maltempata minn fuq il-Golf ta' Tuneż, bir-riħ qawwi ħafna mill-Punent u ċ-ċaqliq dieħel b'saħħtu mit-Tramuntana. Ġara li l-vapur tal-istim Ingliż *S.S. Abertawe*, li kien f'pożizzjoni 'l barra minn Bordj Cedria fix-Xlokk ta' La Goulette, sab ruħu f'diffikultà. Fil-fatt, iċ-ċaqliq kien wisq għal dan il-vapur ta' 240 pied,[29] b'riżultat li inkalja u l-ekwipaġġ bagħat sinjali t'emerġenza. Għall-ħabta tal-10.30 ta' filgħodu, il-Kaptan tal-Port (*Harbourmaster*) informa lill-Padrun Ġużepp Camilleri sabiex jipprepara **l-Louise-Renè Millet**!

Il-lanċa tal-irmonk Franċiża *"Bardo"*, li kienet tkun fl-inħawi ta' La Goulette, setgħet tkun t'għajnuna għal Camilleri iżda kienet ilha li salpat mill-port fuq biċċa xogħol oħra. Il-Padrun Naduri ma qagħadx jistennieha tiġi lura. Infatti ma ħasibhiex darbtejn li m'għajjatx lil tmien sajjieda Taljani ta' Tuneż bħala baħrin tiegħu u f'temp ta' nofs siegħa, bl-għajnuna ta' residenti oħra, id-dgħajsa tas-salvataġġ tiegħu ġiet varata! Miegħu ma nesiex jieħu kaxxa tal-ewwel għajnuna, ġkieket tas-salvataġġ u erba' salvawomi żejda.

Fuq il-baħar, il-Padrun iddeċieda li ma jużax il-qlugħ tad-dgħajsa. Hu ħaddem lill-baħrin b'tali mod li jkollu tnejn jistrieħu kull kwarta. Wara kważi siegħa qdif f'baħar terribbli fuq medda ta' żewġ mili, huma lemħu l-*Abertawe*, mgħarraq fl-ilma! Kulma kien fadal jidher mill-vapur kien il-*bridge* (minn fejn il-Kaptan jiddeieġi l-vapur) u l-arbli, u l-baħar, kolp wara ieħor, kien qed jibqa' għaddej minn fuqu bla xkiel. Camilleri tħasseb jekk wasalx tard fil-post tad-diżgrazzja iżda xħin resaq iktar qrib induna li l-ekwipaġġ tal-vapur irnexxielu jinżel fiż-żewġ dgħajjes tiegħu.

Għalkemm il-baħrin Ingliżi rnexxielhom jinżlu kollha fid-dgħajjes tagħhom, kienu jinsabu f'qagħda kritika minħabba l-mewġ kbir li kien dieħel u l-kurrent qawwi li kien hemm fl-inħawi! Kif ra hekk, minnufih Camilleri għamel il-kuraġġ lill-baħrin qaddiefa tiegħu, u wissiehom biex joqogħdu attenti ħalli jsegwu l-ordnijiet tiegħu. L-aħħar ftit distanza kienet ferm diffiċli! Bi tbatija wisq kbira, il-baħrin ta' Camilleri għamlu l-isbaħ 25 minuta jaqdfu biex kulma avvanzaw kienu 25 metru! Metru fil-minuta! Ir-riħ dar mill-Majjistral u żdied fil-qawwa!

Meta fl-aħħar waslu maġenb dawn id-dgħajjes Ingliżi, Camilleri identifika ruħu mal-Kaptan u qallu bl-intenzjoni tiegħu li jsalvahom. Ħafna minnhom riedu jaqbżu fid-dgħajsa ta' Camilleri meta raw li din kienet dgħajsa primarjament mgħammra għas-salvataġġ. B'kompromess mal-Kaptan tal-vapur Camilleri ħa abbord lil mart il-Kaptan, erba' baħrin Ingliżi u l-Fizzjal tad-Dwana. Bit-temp jiħrax iktar ma kien qed jgħaddi l-ħin, il-Padrun Camilleri u l-Kaptan Ingliż qablu li għandhom jaqdfu lejn ix-xtajta, fejn kienu laħqu nġabru ċorma ta' madwar mitt ruħ sabiex isegwu li kien qed jiġri. Minnufih Camilleri ordna lill-baħrin biex jaqdfu u beda jiddierieġi ż-żewġ dgħajjes Ingliżi lejn ix-xtajta.

Kif qorbu lejn l-art, il-mewġ kiber minħabba l-baħar baxx. F'kemm trodd salib, it-tieni kolp ta' baħar kbir li għadda qaleb id-dgħajsa tal-Padrun Ġużepp u d-dgħajsa Ingliża ta' warajh! Malajr sabu ruħhom jippruvaw iżommu f'wiċċ l-ilma! Camilleri b'diffikultà rnexxielu jgħin lil mart il-Kaptan titla' fuq id-dgħajsa maqluba. Il-bqija tal-baħrin ukoll irnexxielhom jagħmlu dan u kulma kien għad fadal fl-ilma kienu Ġużepp u s-*Sous-Patron* tiegħu, Joseph Strazzera. Iżda l-kurrent beda jirbaħlu, u beda jiġbed lil Ġużepp 'il barra mix-xtajta!

---

[28] Ibid.

[29] *Lloyd's Register of Shipping 1900, Vol I., Steamers.*

Sadattant, bħal qisu waqa' mis-sema, jitfaċċa moqdief eżatt quddiemu u għenu jżomm ftit aħjar fil-wiċċ. Imma mewġa wara oħra bla ħniena, Ġużepp bela' l-ilma baħar kemm-il darba, u skont hu ntilef minn sensih għal xi ħin! B'xi mod reġa' ġie f'sikktu u b'rieda qawwija u saħħa liema bħalha, il-Padrun irnexxielu jeħles minn ħwejġu u jissielet mal-mewġ lejn ix-xtajta! Hemm għenuh in-nies l-oħra jitla' fuq ir-ramel u joqgħod madwar il-ħuġġieġa li qabbdu apposta għal dawn il-povri baħrin. Bis-saħħa tal-Padrun Camilleri, kulħadd salva, ħlief għall-istromu Ingliż (*Bosun* jew *Boatswain*). Iċ-ċaqliq tefgħu għal ġol-moll tal-ħadid u b'dik id-daqqa vjolenti ntilef minn sensih. Għalkemm sħabu ġabruh fuq ix-xtajta saħħtu kompliet sejra lura u miet hemm f'idejhom. Il-Kaptan Ingliż irringrazzja lill-Padrun Camilleri quddiem dawk kollha. Huwa ddikjara li kieku ma kienx għal Camilleri u l-baħrin tiegħu, l-ekwipaġġ tal-vapur kollu kien jispiċċa vittma ta' dik it-tempesta!

Il-Padrun Naduri stqarr fir-rapport tiegħu illi beka xħin induna kemm veru kien qalil dak il-baħar u kif setgħu kienu dawk in-nies l-art qawwija u sħaħ! Induna li dak li għamel kienet xi ħaġa qrib l-impossibbli. Hawnhekk wera kemm kien dedikat Ġużepp Camilleri lejn xogħlu, ix-xogħol ta' salvataġġ ta' diversi baħrin mill-baħar. Ma kien qed jara xejn, lanqas is-sigurtà tiegħu nnifsu, ħlief kif se jirnexxilu joħroġ għalihom fuq il-baħar u jwassalhom l-art qawwijin u sħaħ! Jidher ukoll illi sfortunatament, Camilleri għamel xi żmien marid fis-sodda wara din l-istorja! Huwa ġie mfaħħar mill-Viċi President tal-Muniċipalità ta' La Goulette għal din id-dedikazzjoni lejn xogħlu. Kien wara din il-ġrajja li dan in-Naduri ġie nominat għat-titlu ta' *Chevalier de la Legion d'Honneur*, it-titlu ta' Kavallier minn Franza!

Għal għemilu, Ġużepp Camilleri rċieva invit għall-assemblea ġenerali tal-*SCSN* tad-29 ta' Marzu 1900 ġewwa Pariġi![30] Dakinhar, quddiem l-Ammiralli, kbarat u dawk kollha preżenti, inqara r-rapport ta' din il-ġrajja. Eżatt kif spiċċa dak id-diskors il-kamra sħiħa qamet bilwieqfa u nfexxet iċċapċap quddiem Camilleri![31] Fl-aħħar imbagħad ġie preżentat b'Medalja tad-Deheb tal-Ewwel Klassi. Sena wara, fil-5 t'April 1901, Ġużepp Camilleri min-Nadur ġie maħtur *Chevalier de la Legion d'Honneur*. Dan kien u għadu l-ogħla unur prestiġjuż li jingħata minn dan l-istat. Minn tmintax-il salvataġġ fuq il-baħar li huwa wettaq, irnexxielu jsalva total ta' 81 persuna![32]

Ta' min isemmi wkoll li sakemm il-Kavallier Camilleri kien jagħmel dan kollu, f'Tuneż kien involut fil-produzzjoni tal-melħ fis-salini u n-negozju li jġib miegħu bħala Direttur.[33] Wara 65 sena fl-Afrika ta' Fuq[34] Ġużepp irtira f'raħal twelidu, in-Nadur, fejn kien joqgħod fid-dar tiegħu fi Triq San Ġwann. Sakemm kien hawn huwa kien Kommendatur għat-Tuneżija[35] u f'Novembru 1931 anki ġie mistieden fuq vapuri navali Franċiżi fil-Port il-Kbir għal ikliet ma' Kaptana u Ammiralli abbord![36] Huwa baqa' jiġi rispettat u mfakkar għat-tajjeb li wettaq wara tant snin! Għalkemm iż-żmien kien dieħel, ħidmietu fil-komunità Nadurija ma waqfitx. Huwa kien benefattur kbir tal-Knisja Parrokkjali tan-Nadur u fl-1935 inawgura n-niċċa tal-Madonna ta' Pinu.

Bil-kuntatti li kellu barra minn Malta, huwa saħansitra prova jiftaħ skola teknika tal-*Frères* De La Salle ġewwa Għawdex, fuq l-istess linji tal-Kulleġġ De La Salle f'Malta u li minnu ħarġu ħafna apprentisti Maltin fit-Tarzna! Dan għaliex xtaq jagħti opportunità lill-Għawdxin ta' dak iż-żmien biex jitgħallmu. Ma xtaqx ikompli jara l-Malti u l-Għawdxi jiġu mżebilħa f'pajjiżi oħra, speċjalment fejn għex hu fl-Afrika ta' Fuq, sforz in-nuqqas t'edukazzjoni.[37] Il-Kavallier Ġużepp Camilleri ħalla din id-dinja lejlet il-Milied, fl-24 ta' Diċembru 1937, fl-età ta' 79 sena.

Raħalna mhux talli pproduċa ammont sostanzjali ta' nies tal-baħar, imma nies tal-baħar li verament kienu ta' xogħolhom u li ddistingwew ruħhom – min waqt it-tbatija tal-gwerer u min f'diversi sitwazzjonijiet diffiċli oħra lil hinn minn xtutna. Ħafna minnhom ġew rikonoxxuti minn stati barranin iżda bl-akbar dispjaċir, ġew minsija minn pajjiżna stess. Il-Kavallier Ġużepp Camilleri huwa wieħed mill-iktar eżempji ċari. Tassew sodisfatt li llum, fl-2024, wara tant snin, stajt naqsam magħkom l-istorja u l-unuri li rnexxielu jikseb dan in-Naduri qalbieni.



*Xena tipika ta' dgħajsa tas-salvataġġ tal-'SCSN' f'tempesta – il-Padrun fuq il-poppa bit-tmun f'idejh u l-baħrin bl-imqadef waqt li lebsin l-inċirata u l-kappell tagħha flimkien mal-ġakketta tas-salvataġġ. Il-Kavallier Ġużepp Camilleri u l-ekwipaġġ tiegħu kienu jkunu fuq il-baħar f'sitwazzjonijiet diffiċli bħal dawn. gallica.bnf.fr – 'Annales du sauvetage maritime' – Ħarġa 01 January 1912, paġna 16.*

30 gallica.bnf.fr – *La Dépêche Tunisienne, 11 avril 1900, Numéro 3565*.
31 gallica.bnf.fr – *La Dépêche Tunisienne, 09 mai 1900, Numéro 3592*.
32 Archives Nationales, Pierrefitte-sur-Seine, 19800035/231/30572 – https://www.leonore.archives-nationales.culture.gouv.fr/ui/notice/64053; gallica.bnf.fr – *Annales du sauvetage maritime*.
33 gallica.bnf.fr – *Annales du sauvetage maritime, 01 avril 1912*, paġna 235.
34 *Conferenza Fuk Il Ħolkien Ta Scola Tecnica Fil Gzira Ta' Ghaudex*, Giusè Camilleri, paġna 10.
35 *Conferenza Fuk Il Ħolkien Ta Scola Tecnica Fil Gzira Ta' Ghaudex*, Giusè Camilleri.
36 *Times of Malta, Monday, January 5, 1948 – Correspondence, Remembered Personality*, paġna 4.
37 *Conferenza Fuk Il Ħolkien Ta Scola Tecnica Fil Gzira Ta' Ghaudex*, Giusè Camilleri, paġna 11.

# Sejba ta' kompożizzjonijiet tal-Arċipriet Dun Anton Camilleri

**ANTOINE THEUMA**
MAESTRO DI CAPPELLA
(BAŻILIKA SS. PIETRU PAWL NADUR)




L-Eks Arċipriet tan-Nadur, Dun Anton Camilleri (1872 – 1926) huwa magħruf għall-mużikalità tiegħu, organista ta' kalibru u kompożitur prim. In-Nadurin għadhom igawdu sal-ġurnata tal-lum in-noti li ħarbex ftit aktar minn mitt sena ilu speċjalment fi żmien il-festa. L-Innu 'Divi Sovrani' li jindaqq mill-banda fil-ħruġ tal-vara, l-innu tat-Tridu (illum addattat bħala Introjtu, Offertorju, Innu tat-Tqarbin u Innu ta' wara l-quddiesa) li jindaqq fil-knisja fit-tlitt ijiem tat-Tridu tal-festa kif ukoll l-Antifona ta' San Koronatu huma wħud mill-kompożizzjonijiet tiegħu li baqgħu jiġu eżegwiti matul iż-żmien.



Fil-ktieb tiegħu 'Mużiċisti Kompożituri Maltin u Għawdxin tal-bieraħ u tal-lum, 1951" Robert Mifsud Bonnici jgħid: "Dun Anton tan-Nadur Għawdex kien kompożitur ta' fibra qawwija. Kiteb quddies solenni, De Requiem, Salmi, innijiet, antifoni eċċ. L-Innu f'ġieħ SS. Pietru Pawl li jitkanta fit-tridu tagħhom huwa tassew melodjuż u grandjuż u mhix inqas melodjuża l-quddiesa Pastorali". Din tal-aħħar għal

ħafna żmien kienet intesiet u għal xi raġuni qatt ma kienet imniżżla fl-indiċi tal-arkivju mużikali tal-Bażilika tan-Nadur. Kien propju madwar xi tliet snin ilu meta kont qed inqalleb fil-karti tal-arkivju li ġie f'idejja manuskritt antik b'kompożizzjonijiet ta' Dun Anton Camilleri. Il-manuskritt kien jikkonsisti f''Messa Pastorale Del Santo Natale' u tmien responsorji tal-Milied. Fil-fatt b'inizzjattiva tal-kunsillier Eucharist Camilleri, il-Kunsill tan-Nadur kien tella' kunċert fid-9 ta' Diċembru tal-2022 bis-sehem tal-kor u orkestra 'Jubilate Deo' (Nadur) b'dawn il-kompożizzjonijiet. Kien sar live recording ta' dan il-kunċert ukoll biex jibqa' tifkira.

Dan l-aħħar, f'dar li nbiegħet riċentement fi Triq Rakela Camilleri, instabu għadd sostanzjali ta' manuskritti antiki li rriżulta li kienu manuskritti mużikali mill-arkivju privat ta' Dun Anton Camilleri. Grazzi għad-donatur, nistgħu ngħidu li l-arkivju mużikali tal-knisja tan-Nadur ġie arrikkit ferm b'mużika li għal ħafna żmien ħadd ma kien jaf x'ġara minnha. Inħossni onorat kif ukoll responsabbli li jien, bħala Maestro di Cappella tal-Bażilika tan-Nadur, kelli l-privileġġ li nkun minn tal-ewwel li nqalleb f'dawn il-karti. Waqt li qiegħed nikteb dan l-artiklu nistqarr mal-qarrejja li għadni ma rajtx il-manuskritti kollha. Però minn dak li rajt hemm sejbiet interessanti.

Fost il-mużika li hemm f'dawn il-manuskritti hemm mużika tal-istampa ta' kompożituri barranin li probabbli Dun Anton kien jixtri minn żmien għal żmien għall-arkivju personali tiegħu. Insibu kemm mużika sagra u kemm mużika operistika. Apparti dawn, hemm ukoll diversi kompożizzjonijiet tiegħu u huma propju dawn tal-aħħar li huma ta' interess għall-parroċċa tagħna.

Fil-ktieb 'In-Nadur u t-Tempju Tiegħu Monumentali 1953' Dun Karm Caruana jsemmi li l-Gloria in Excelsis u s-Salm Laudate Pueri Dominum ġew eżegwiti mill-orkestra tat-Teatru Rjal bis-sehem tal-Ischola Cantorum ta' Dun Anton Camilleri taħt id-direzzjoni tal-Professur De Cesare. Dawn iż-żewġ kompożizzjonijiet kont konxju tagħhom kemm permezz ta' dan il-ktieb ta' Dun Karm Caruana kif ukoll minn xi individwi li ġieli semmewli dawn il-kompożizzjonijiet. Bħalma diġà semmejt il-'Gloria in Excelsis' skoprejtha xi tliet snin ilu fl-istess arkivju tal-parroċċa, imma s-Salm Laudate Pueri qatt ma nstab.

Tistgħu taħsbu x'ferħa ħadt allura meta riċentement waqt li kont qed inqalleb dawn il-manuskritti jiġi f'idejja dan is-salm li kont ilni ħafna nisma' fuqu. Is-Salm 'Laudate Pueri' huwa wieħed mis-salmi li jitkantaw lejliet u nhar il-festa. Fost il-kompożizzjonijiet li sibt nsibu għasar sħiħ għal orgni u vuċijiet li jikkonsisti f': Regina Coeli; Deus in Adiutorium; Dixit; Laudate Pueri *; Laetatus Sum; Nisi Dominus; Lauda Jerusalem; Magnificat; Beatus Vir; Laudate Dominum Omnes Gentes; Confitebor; u De Torrente.

*Minn kif jidher is-salm Laudate Pueri huwa l-unika wieħed minn dan l-għasar li huwa strumentat ukoll għall-orkestra. Dan is-salm iffirmat 'Diac. Camilleri Antonio' jiġifieri kien għadu djaknu meta kitbu.

Fost il-kompożizzjonijiet li rnexxieli nara s'issa nsibu:

- 'Deus in Adiutorium' (1893).
- 'Deus in Adiutorium' ieħor li mhux datat. Interessanti fil-faċċata ta' dan l-innu nsibu miktub li hu offrut lil ħabib tiegħu Francesco De Cesare.
- Għasar li jikkonsisti: F'Domine / Dixit / Laudate, datat 14 ta' Lulju 1906
- Magnificat a 3 Voci datat 3 ta' Novembru 1908
- Dixit per due Tenori e Basso datat 5 ta' Mejju 1904.
- Għasar ieħor li jikkonsisti: f'Dixit / Confitebor / Beatus / Credidi / In Convertendo.
- Domine Deus per Solo Basso u Juravit per Solo Alto datat 10 ta' Ġunju 1900 u strumentat għal Violino Primo, Violino Secondo, Viola, Flauto, Clarino in Sib, Oboe, Tromba in Sib, Tromboni, Offle, Cello, Contrabasso.
- Confitebor ieħor mhux datat.
- Laudate & Domine Probasti Me per Due Tenori e Basso datat 20 ta' Ġunju 1907.

Għal min japprezza l-wirt kulturali u l-patrimonju Naduri żgur li din hija sejba interessanti ferm. Illum il-ġurnata wieħed jista' jirraġuna u jgħid li mużika bħal din forsi m'għadhiex tagħmel sens għall-iskopijiet liturġiċi tal-lum. Mhux ser noqgħod nidħol f'dan l-argument għax l-ideat fuq dan is-suġġett ivarjaw anke bejn l-awtoritajiet tal-knisja stess. Li hu żgur hu li mhijiex mużika ta' suq u mexxi, imma pjuttost kumplessa u ta' ċertu kalibru, li titlob ħafna provi biex wieħed ikun jista' jesegwiha. Din il-ħaġa ġġegħilni nirrifletti u naħseb li fi żmien fejn ma kien hawn xejn kien possibbli li jintlaħaq ċertu livell fuq bażi ta' volontarjat u llum l-ġurnata, fejn għandna l-mezzi kollha, ma tissogra tagħmel xejn ġdid għax kulħadd impenjat f'elf ħaġa u tħossok qed titkarrab biex jirnexxilek issib ġurnata jew tnejn biex tagħmel prova. Tgħid sejrin 'il quddiem jew lura?

# Mill-Arkivju Parrokkjali

DANIEL MEILAK

***Għal din ir-rokna dwar l-Arkivju Parrokkjali xtaqt naqsam magħkom żewġ stejjer ħelwin li ġraw matul l-2023 u l-2024 u li jirrigwardaw ir-rabta li hemm bejn l-emigranti Nadurin fi Franza, li minnhom kien hemm numru mdaqqas, mal-post tal-oriġini tagħhom: in-Nadur.***

**L-istorja tal-familja Mifsud 'tal-Maċiċan'**

Fi Frar tal-2023 għamel kuntatt mal-Arkivju Parrokkjali tagħna student Franċiż li kien qiegħed Għawdex jistudja l-Ingliż. Maxence Mullie-Mifsud talab informazzjoni dwar antenati tiegħu li qal li kienu min-Nadur lejn is-snin 1880. Ir-riċerka li huwa kien qed jagħmel dwar familtu fis-sekli tmintax u dsatax ħalliet il-frott għax instabu l-antenati tiegħu li fis-seklu dsatax kienu jgħixu fi Triq Ta' Ħida. Familtu (Mifsud) telqet min-Nadur lejn l-aħħar tas-seklu dsatax lejn l-Alġerija u aktar tard, minħabba ċirkustanzi fl-Alġerija din spiċċat fi Franza. Iżda meta wasalna sabiex naraw minn din il-familja min għadu jgħix fin-Nadur, u allura jkun l-eqreb familja lejn Maxence, dan ma kien faċli xejn u nistqarr li għamilt aktar milli kont obbligat. Għal mument konna waqafna nikkorrispondu u bħal qtajna qalbna għax ma stajna ninfdu mkien.



Il-Familja Mullie-Mifsud minn Franza fin-Nadur biex tiltaqa' mal-familja Muscat u Camilleri (Mifsud)

Barra riċerki fl-Arkivju, staqsejt lin-nies, ħabbatt il-bibien u minn hawn u minn hemm irnexxieli nsib tarf li din kienet il-familja Mifsud 'tal-Maċiċan' li kienet toqgħod lejn ta' Ħida. Minn hawn u minn hemm sibt kuntatt mal-familja Muscat u Camilleri (Muscat ġej mill-omm, għaliex il-missier kien Mifsud) u dawn meta ġew avviċinati wrew interess. Irranġajt sabiex jiltaqgħu u hekk sar. Il-laqgħa saret l-Uffiċċju Parrokkjali u kien mument sabiħ fejn il-familja ltaqgħet u tkellmet wara aktar minn 130 sena! Il-kuntatt bejn il-familja fi Franza u fin-Nadur ma

waqafx hemm għaliex għadhom sal-lum jikkomunikaw ma' xulxin.

**L-istorja tal-familja Camilleri 'ta' Finda/tal-Kokka'**
Darba kont qed nagħmel biċċa xogħol id-dar. Ċempilli Mons. Salv Pace u qalli li d-dar tiegħu kien hemm koppja Franċiża li ġiet biex tistaqsi dwar familtha li kienet min-Nadur. Iddeċidejt li nerħi minn idejja u mmur nara x'kellhom bżonn. Il-mara spjegatli li binha (min-naħa ta' missieru) kellu niesu min-Nadur u qabbditni miegħu bit-telefon. Minn hemm bdiet korrispondenza bl-imejl li damet sejra x-xhur. Alexandre Villaret, binha, spjegali l-istorja ta' familtu kif din telqet min-Nadur lejn il-bidu tas-seklu għoxrin. Bużnanntu Maria Assunta Camilleri fil-fatt twieldet in-Nadur fid-29 ta' Jannar 1903 u ma' familtha marret l-Alġerija lejn is-sena 1908-1909.

Ġewwa n-Nadur, il-familja ta' Marija Assunta Camilleri kienet imlaqqma 'ta' Finda', u aktar tard 'tal-Kokka'. Fil-fatt l-Arċipriet il-Kan. Toninu Camilleri (1872-1926) kien il-kuġin ta' missierha. Għalhekk jiena mexxejt mal-linja ta' Marija Assunta u wasalt san-nies li għadhom jiġu minnhom sal-ġurnata tal-lum. Nistqarr li ma kinitx biċċa xogħol faċli għax ridt inkun ċert minn dak li qed nagħmel. Iżda meta kelli ċ-ċertezza, ħassejt li kien wasal iż-żmien li lil Alexandre inlaqqgħu mal-familja Camilleri 'tal-Kokka' li għadhom jgħixu fin-Nadur sal-lum, li huma l-eqreb familja lejhom u jiġu terzi kuġini. Kont beżgħan li seta' jkolli risposti negattivi għall-invit tiegħi, iżda l-familja Camilleri mhux talli ma riditx tkun taf b'Alexandre u familtu fi Franza, iżda offriet ħafna informazzjoni u ritratti utli dwar il-familja, li kienu jaqblu perfettament mar-riċerka li kont għamilt jien.


*Alexandre Villaret flimkien mal-familja Camilleri meta żaru l-Uffiċċju Parrokkjali tan-Nadur*

Din l-istorja sabet il-qofol tagħha bejn it-28 ta' Jannar u l-4 ta' Frar 2024 meta Alexandre Villaret u martu Isabelle ġew in-Nadur u kienu milqugħa mill-familja Camilleri, mhux milqugħha biss, iżda wkoll ospitati u għamlu kuntatt li ser jibqa' għall-futur. Naturalment jiena sejjaħtilhom l-Uffiċċju Parrokkjali l-Ħamis 1 ta' Frar fl-4.00pm fejn tkellemna dwar din l-istorja u wrejthom uħud mir-rekords u d-dokumenti li għandna u li permezz tagħhom din l-istorja setgħet tkun possibbli. Kellhom l-opportunità wkoll li jiltaqgħu mal-Arċipriet Mons. Jimmy Xerri.

Hemmhekk hija żżewġet lil Giovanni Castel ġewwa l-Katidral ta' San Filippu (illum Moskea) nhar it-28 t'April 1923. Kellha negozju tal-bejgħ tal-fjuri u kellha tifla waħda jisimha Gaby li kienet tiġi n-nanna ta' Alexandre, omm missieru Richard Villaret. Meta miet żewġha, hija reġgħet iżżewġet fl-istess Katidral fil-21 ta' Diċembru 1929 lil Amato Martinat. Iżda meta kien hemm il-gwerra għall-indipendenza tal-Alġerija bejn l-1954 u l-1962 ħafna nies telqu lejn Franza, fosthom din il-familja. Fi Franza, preċiżament fir-reġjun Lorraine, in-nanniet ta' Alexandre bnew ħajja ġdida u aktar tard imxew lejn Thonon-les-Bains fejn ġew midfuna wara mewthom. Alexandre iżda llum huwa bbażat f'Ġinevra fl-Isvizzera flimkien ma' martu Isabelle.

Dawn huma stejjer li jirrendu l-Arkivju Parrokkjali bħala xi ħaġa ħajja, punt ta' referenza, il-moħħ u l-memorja ta' komunità, u f'dan il-każ, pont ta' rikontru bejn familji li reġgħu ltaqgħu wara aktar minn seklu.

* Dan l-artiklu qed jidher bil-permess tal-familji u l-individwi msemmija hawn fuq.

# IMĦALLFIN U SINDKI FIN-NADUR

DANIEL MEILAK

Il-bniedem li jgħix f'komunità, f'soċjetà għandu bżonn normi u liġijiet sabiex iżomm l-ordni bejn kull individwu u b'mod kollettiv. Matul is-sekli kienu diversi dawk li vvintaw utopji – sistemi ta' soċjetajiet perfetti li fihom kull bniedem huwa inklinat lejn it-tajjeb u fejn kull bniedem josserva l-liġi naturali u pożittiva mingħajr ebda ħsieb li jiksirhom. Iżda l-esperjenza umana tgħallimna li dan kollu huwa ideali żżejjed, għalhekk utopiku. Ir-realtà tgħid mod ieħor, u għad li jeżistu r-regoli u l-liġijiet, l-imġiba tal-bniedem tista' tiddevja minnhom b'tali mod li tiġi affettwata biss il-persuna li tkun l-aġent ta' xi azzjoni bħal din, imma wkoll is-soċjetà li fiha tkun qed tgħix.




*Mappa ta' Gervais de Palmeus li turi n-Nadur fl-1752. Tidher il-knisja parrokkjali bid-djar madwarha u l-Buskett. Sors: https://gallica.bnf.fr/ark:/12148/btv1b53083555x/f1.item.r=Carte%20des%20Isles%20de%20Malte%20et%20Du%20Goze.zoom*

U għalhekk mal-liġi hemm bżonn ukoll forzi li jissorveljaw, u jagħmlu ċert li din tiġi osservata, u fejn ma tkunx osservata jittieħdu l-passi neċessarji. Jekk immorru lura fis-sekli sittax, sbatax u tmintax, ma nsibux il-korp tal-pulizija li għandu l-irwol li jissorvelja kull rokna tal-pajjiż għaż-żamma tal-ordni. Il-korp tal-pulizija kif nafuh illum twaqqaf fiż-żmien li Malta kienet kolonja Ingliża fl-1814. Fis-seklu ta' qabel, iż-żmien meta Malta u Għawdex kienu amministrati mill-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann insibu żviluppi interessanti, bħalma kien il-kodifikazzjoni u r-riforma tal-liġijiet li kienet saret fi żmien il-Gran Mastru Fra Emmanuel de Rohan-Polduc (1725-1797) fis-sena 1784 u li għalhekk ħadet ismu: il-*Code de Rohan*, għalkemm uffiċjalment kien jisimu *Del Diritto Municiple di Malta*. Din damet fis-seħħ sa meta l-Ingliżi promulgaw kodifikazzjoni ġdida fl-1852.

### L-Imħallef bil-Qorti tiegħu fin-Nadur




*L-istemma tal-familja Anastasi, jew d'Anastasio Sors: https://www.pinterest.com/pin/387731849177264042/*

Qabelxejn irridu nħarsu ftit aktar lura lejn forza tal-ordni li fin-Nadur tmur lura sas-seklu sittax, saħansitra ħafna qabel ma' n-Nadur sar parroċċa. Minkejja li fil-Gran Kastell sa minn sekli qabel kien hemm il-Qorti t'Għawdex, li għadha hemm sal-lum, kien hemm ukoll sistema aktar lokalizzata għaż-żamma tal-ordni u l-liġi. Insibu li fis-sena 1709 inkiteb li sa minn qabel (fis-sekli sittax u sbatax) kien hemm ċertu wieħed Dr Gabriel d'Anastasio li kien Imħallef jew Maġistrat u kellu l-Qorti tiegħu fin-Nadur, sewwa sew fil-ġnien ta' Għoxx il-Ħida,[1] fejn kien joqgħod. Insibu miktub dan li ġej:

*Fil-Kurja tal-Provigarju ta' Għawdex hawn daqsxejn ta' proċess magħmul wara talba tas-Sur Klawdju d'Anastasio fit-30 ta' Diċembru, 1709. Fih naqraw li l-mejjet Dr Gabriel d'Anastasio li kien bużnannu ta' Klawdju, fiż-żmien kien imħallef u kellu l-Qorti tiegħu n-Nadur, sewwa sew fil-ġnien ta' Għoxx il-Ħida, fejn kien joqgħod. Dan il-ġnien għadu mgħammar ġmielu bis-siġar u hu wieħed mill-isbaħ li hemm ġo dan ir-raħal. Kellu ġid dan Gabriel daqqa ta' mitt mod raba'.*[2]

Dan kollu jorbot b'mod speċjali lill-familja d'Anastasio man-Nadur fl-ewwel żminijiet ta' Malta taħt it-tmexxija tal-Ordni ta' San Ġwann. Il-familja d'Anastasio jidher li waslet Malta minn Rodi mal-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann fl-1530 u marret toqgħod Għawdex.[3] Minn dak li ħalla miktub Agius de Soldanis jidher illi din il-familja

kienet residenti fin-Nadur fejn kellha wkoll l-oqsma tagħha u l-Qorti. Mhux hekk biss. Imma nsibu wkoll li fil-proprjetà u viċin id-dar ta' Gabriele kien hemm knisja msejħa San Ġwann Battista tan-Nadur u li kien huwa stess prokuratur tagħha fl-1615. Mir-renti ta' din il-knisja Gabriele kien jieħu ħsieb li jsir xi quddies. Il-prokuratur kien obbligat ukoll li jqassam erba' tomniet qamħ magħġunin f'ħobż lil persuni li kienu fil-bżonn.[4]

Nafu li Gabriel d'Anastasio li kien jgħix u kellu l-Qorti fin-Nadur kien jiġi iben Paolo d'Anastasio u Desiata Sanctu. Huwa żżewweġ lil Margarita Parnis fid-9 t'April 1570 fil-Matriċi t'Għawdex (dak iż-żmien kien għad m'hemmx parroċċi 'l barra mill-Gran Kastell u r-Rabat). Kellu żgur dawn l-ulied: Emilio, Caterina, Giovanni Angelo, Paolo (Maġistrat[5]), Giovanni Pietro, Pietro (qassis[6]), Maria, Francesco Fabrizio, Maria u Salvatore (li kien kjeriku miżżewweġ).[7] Ma nafux kemm damet tgħix fin-Nadur din il-familja d'Anastasio. Nafu iżda li Gabriele d'Anastasio, l-istess wieħed li kien joqgħod u kellu l-Qorti fin-Nadur kien sar Ġurat fl-1585, flimkien ma' Andrea Rogilet u Andrea Parnis filwaqt li bħala Gvernatur t'Għawdex kien hemm il-Kavallier Fra Ottavio de Castellane.

Dawn il-ġurati kienu jkunu eletti f'Kunsill Amministrattiv li kien jissejjaħ l-Università, imwaqqaf fis-sena 1350 li jmexxi l-affarijiet ta' Għawdex. Dawn kienu jkunu magħżula min-nobiltà, sinjuri u professjonisti, inkella qassisin, nies tal-kummerċ u nies tas-sengħa. Sal-1551 il-bniedem li jmexxi dan il-Kunsill kien jissejjaħ il-*Capitano della Verga* (il-Ħakem), iżda wara l-1551 beda jissejjaħ Gvernatur u ħafna drabi kien ikun Kavallier.[8]

Fis-sena 1591 lil Gabriele d'Anastasio nerġgħu nsibuh bħala ġurat flimkien ma' Andrea Rogilet u Giovanni Agius taħt il-Gvernatur il-Kavallier Fra Pietro Spina. Din kienet sena diffiċli għax Għawdex u Malta batew min-nuqqas ta' xita. It-tielet darba li nsibuh ġurat kien fis-sena 1594 flimkien ma' Giovanni Agius u Giovanni Spilotta taħt l-istess Gvernatur Spina.

Anke iben Gabriele, Emilio d'Anastasio, kien sar ġurat. L-ewwel darba li nsibuh ġurat kien fis-sena 1623 flimkien ma' Diego Ferriolo u Marcello Burlò taħt il-Gvernatur il-Kavallier Fra Pietro de Carnille Mayn. F'din is-sena f'Għawdex ittieħdu diversi miżuri sabiex il-pesta li kienet laqtet lil Malta, ma tolqotx lil Għawdex ukoll. Fis-sena 1624 Emilio d'Anastasio kien ġurat flimkien ma' Santoro Peralta u Orlando Calleja taħt l-istess Gvernatur. Mill-1625 sal-1627 Emilio kien ġurat flimkien ma' Diego Ferriolo (li mbagħad ġie sostitwit minn Giovanni Antonio Sueda) u Lucio Dellorè taħt il-Gvernatur il-Kavallier Fra Giovanni Battista Gallean Castelnovo. Fis-sena 1626 il-ġurati kienu Emilio d'Anastasio Diego



*Il-Gran Mastru Emmanuel de Rohan-Polduc li ħoloq l-uffiċċju ta' Sindku tan-Nadur fl-1785*

Ferriolo u Agostino Burlò u fl-1627 Emilio d'Anastasio, Agostino Burlò (li wara ġie sostitwit minn Matteo Muscat) u Giovanni d'Armenin, dejjem taħt l-istess Gvernatur Gallean Castelnovo.

Fis-sena 1628 Emilio d'Anastasio kien ġurat flimkien ma' Marco Antonio Hellul u Orlando Calleja taħt il-Gvernatur il-Kavallier Fra Francesco de Pux Trigonan. Fis-sena 1629 kien hemm Emilio d'Anastasio, Francesco Caccialepre u Giovanni d'Armenin. Nota interessanti li nsibu hawn hija li Emilio d'Anastasio kien imniżżel bħala Viċi-Segretarju tal-Gran Mastru Fra Antoine de Paule (c 1551-1636). Fis-sena 1630 il-ġurati kienu l-istess imma taħt il-Gvernatur il-Kavallier Fra Giovanni de Trimbroune Vallanie. Fl-1631 Emilio d'Anastasio kien ġurat flimkien ma' Fabrizio Torrensi u Giovanni d'Armenin iżda taħt il-Gvernatur il-Kavallier Kommendatur Stefano dal Portico.

Imbagħad għaddew diversi snin sa ma' nerġgħu nsibu lil Emilio d'Anastasio ġurat. Fil-fatt kien fis-sena 1644 li nsibuh ġurat flimkien ma' Giovanni Domenico Conti u Giovanni Idoneo taħt il-Gvernatur il-Kavallier Fra

Antonio de Fort. Fis-sena ta' wara, 1645, ma' Emilio kien hemm Giovanni Domenico Conti u Matteo Muscat taħt il-Gvernatur il-Kavallier Fra Arrigo de Villanova Thorine. Din kienet l-aħħar sena li fiha nsibu lil Emilio d'Anastasio bħala ġurat.

Iżda l-kontribut tal-familja d'Anastasio fl-Università t'Għawdex ma jieqafx hemm. Fis-snin 1658-1659 insibu lil Fabrizio d'Anastasio, li kien jiġi iben Gabriele u ħu Emilio bħala ġurat, flimkien ma' Damiano Cuschieri u Michelangelo Scalpello taħt il-Gvernatur il-Kavallier Fra Adriano Ernesto de Nejlur. F'dawn is-snin kienet ħakmet ċerta biża' hekk kif bejn it-23 ta' Diċembru 1658 u l-25 ta' Marzu 1659 kien hemm sensiela ta' theżżiżiet li nħassu sew f'Malta u Għawdex.[9]

Din il-familja d'Anastasio, residenti fin-Nadur, bil-Qorti tagħha kienet tassew familja distinta f'Għawdex. Agius de Soldanis jgħid li din damet tgħix Għawdex għal mitejn sena sħaħ, jiġifieri sa madwar is-sena 1730 (jew wara, skont meta din ġiet Għawdex). Jgħid li din kienet waħda mill-aktar għonja u distinti tal-pajjiż u kellha f'idejha mill-aktar pożizzjonijiet għolja. Li nafu żgur huwa li minn meta n-Nadur sar parroċċa fl-1688 qatt ma ġie reġistrat xi twelid, żwieġ jew mewt bil-kunjom d'Anastasio. Dan ma jaqbilx ma' dak li jgħid de Soldanis, għalkemm waħda ma teskuldix lill-oħra awtomatikament. Dettall ieħor importanti li jista' jitfa' dawl fuq it-tluq tal-familja d'Anastasio min-Nadur hija l-istorja tal-knisja ta' San Ġwann il-Battista tan-Nadur. Mis-sena 1615 meta nsibu li l-knisja kienet f'idejn Gabriele d'Anastasio għas-sena 1630 fejn għandna xhieda li l-knisja kienet intelqet nistgħu nieħdu ħjiel li din il-familja setgħet kienet ħalliet in-Nadur. Fil-fatt fl-1635 l-Isqof kien ta ordni li l-knisja kellha terġa' tinfetaħ u minkejja li l-artijiet tal-qrib kienu jgħajtu lil Gabriele, il-prokuratur tal-knisja kien sar ċertu wieħed Andrea Vella. Iżda din sal-1657 kienet intelqet u fi stat ħażin mill-ġdid.[10] Kollox jindika li mal-mewt ta' Gabriele d'Anastasio, jew ftit wara, il-familja kienet spiċċat min-Nadur.

De Soldanis isemmi żewġ persuni oħra minn din il-familja: is-Soru Geltrude de Anastasio Cumbo, Karmelitana Skalza li għexet ħajja b'fama ta' qdusija u mietet ta' 43 sena wara 23 sena minnhom fil-kunvent.[11] Isemmi wkoll lil ċertu Giovanni de Anastasio iben Giacobo u neputi ta' Gabriele li prometta fl-iskola, sar qassis u wiret il-benefizzju 'Tas-Sinet ta' Koljat' u sar Rettur ta' Benefizzju 'ta' Sant'Erażmu.' Dan qatta' ħajtu jqarar fir-Rabat u fl-irħula u meta miet kien mibki minn ħafna nies minħabba li l-ħniena tiegħu.[12]

Min jaf hux minħabba din ir-rabta tal-familja d'Anastasio man-Nadur li fl-1763 Don Saverio d'Anastasio (1718-1771) li kien Ruma u akkwista l-korp sant ta' San Koronatu dan irregalah lill-kappillan tan-Nadur Dun Salvatore Galea (1712-1778)? Fil-fatt, nafu li Dun Saverio li twieled fit-13 ta' Settembru 1718 u tgħammed fil-knisja ta' San Pawl Nawfragu l-Belt Valletta kien jiġi iben Claudio d'Anastasio (li l-bużannu tiegħu kien l-Imħallef tan-Nadur Dr Gabriele d'Anastasio), u allura minn din il-familja distinta li għexet għal żmien fin-Nadur. Jista' jkun li l-familja d'Anastasio, meta rrilokat lejn Malta, kienet żammet l-artijiet tagħha bid-dar fin-Nadur għall-villeġġjatura u għalhekk Dun Saverio sar midħla tal-kappillan Dun Salvatore Galea.[13]

Mill-familja d'Anastasio li kienet residenti u bil-Qorti tagħha fin-Nadur ngħaddu issa għal pożizzjoni oħra simili li żviluppat f'dan iż-żmien u kompliet matul il-mixja tas-snin.

### L-Imħallef tal-Uqija

Ma nafux x'kien ġara wara t-tluq tal-familja d'Anastasio. Iżda fis-seklu tmintax nibdew niltaqgħu mal-'Imħallfin tal-Uqija'. Dawn kienu 'mħallfin' li jgħixu qalb il-komunità u li kellhom is-setgħa li jaqtgħu sentenzi żgħar fejn il-ħsara ma taqbiżx il-valur ta' uqija.[14] Huwa minħabba f'hekk li dawn bdew ikunu magħrufa mill-poplu bħala l-*Imħallfin tal-Uqija*. Is-sentenzi li kienu jaqtgħu ma kinux rikonoxxuti bħala uffiċjali mill-qorti, iżda dawn kienu jgawdu ċerta stima kemm min-nies u wkoll mill-istat. Ma jidhirx li dawn kellhom xi salarju mill-istat: ħlashom kienu jeħduh bħala perċentwal ċkejken ta' ħabba fuq kull karlin mis-somma li dwarha tkun inħolqot it-tilwima, jew ksur ta' liġi. Ma teżistix dokumentazzjoni fuq il-proċedimenti ta' dawn l-imħallfin, anke għaliex il-probabilità kienet li dawn kienu jkunu llitterati, magħżula minn fost poplu li kważi kollu kien illitterat u kawża ta' dan ma kien jinkiteb xejn.[15]

Maż-żmien, iżda, anke dan l-uffiċċju ta' Mħallef jidher li kien ġie fix-xejn. Iżda ċ-ċirkustanzi kienu jitolbu li jkun hemm xi tip ta' żamma tal-ordni anke fl-irħula mbegħdin miċ-ċentri amministrattivi tal-gżejjer. Il-Kodiċi ta' de Rohan li ġiet promulgata fl-1784 kien sforz sabiex il-liġi tkun aktar ċara u kodifikata. Il-kriminalità f'dan iż-żmien kienet qed tiżdied u dan kien qed jinkwieta lill-awtoritajiet. Fil-fatt, fl-1785 saret emenda għal dan il-Kodiċi. Dan sar b'riżultat għaż-żieda fis-serq li kien hawn madwar il-pajjiż kollu. Din l-emenda kienet tipprovdi l-piena kapitali għal kull tip ta' serq,[16] u kienet promulgata permezz ta' bandu kienet tispeċifika serq minn fuq persuni, kemm b'mod vjolenti jew mhux jew minn proprjetà b'kull metodu: sgassar ta' bibien jew serraturi, imfietaħ foloz, tixbit bis-slielem, dħul min twieqi, kif ukoll il-qlugħ ta' xorok mis-soqfa jew knatan mill-ħitan.[17]

Dawn il-miżuri mbagħad kienu msaħħa bl-appuntament annwali ta' Sindki f'dawn l-irħula: l-Għarb, ix-Xewkija, Ta'


324

"In-Nadur, fi Triq San Ġwann, hemm razzett (li jidher f'dawn iż-żewġ ritratti), li kien waħda mill-aħjar djar ta' dan ir-raħal. Sa fi żmienna, dan ir-razzeett jissejjaħ 'TAS-SINDKUWA'. Hi dar kbira ta' gabillott, b'gallarija tal-ġebel li tagħti għal ġor-raba', u hi mdawra bir-raba' minn tliet naħat" (p. 325).
(Ritratti: D. Camilleri — Nadur)

*Il-parti l-antika tad-dar tas-Sindki Francesco Attard u ibnu Salvatore Attard kif tidher minn Triq San Ġakbu. Ritratti kif miġjuba f'Bonnici (1984).*

Sannat, in-Nadur, ix-Xagħra u ż-Żebbuġ – li kienu l-irħula kollha ta' Għawdex f'dak iż-żmien.[18] Hawnhekk se nidħlu għat-tielet uffiċċju għaż-żamma tal-ordni fir-raħal tan-Nadur wara li ltqajna diġà mal-Imħallef d'Anastasio u mal-Imħallfin tal-Uqija: l-uffiċċju tas-Sindku tan-Nadur li beda jeżisti fl-1785, u allura fl-aħħar ftit snin ta' żmien l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann f'Malta. X'nafu dwar is-Sindki tan-Nadur mis-sena 1785?

## Is-Sindku tan-Nadur

Fil-31 ta' Mejju 1818, skont ir-reġistri tal-mewt tal-parroċċa tan-Nadur, mietet Maria Attard. Il-kappillan Dun Antonino Scasciato (1772-1834) niżżel nota interessanti ħafna ma' din ir-reġistrazzjoni ta' mewt. Huwa kiteb li din Maria kienet mart is-Sindku Salvatore Attard.[19] Min kien dan Salvatore Attard, is-Sindku tan-Nadur? Fortunament għandna xi truf li jistgħu jagħtu dawl fuq min kien dan in-Naduri tant importanti li kien jokkupa din l-ogħla kariga fir-raħal. Minbarra li nafu li huwa kien miżżewweġ lil Maria Attard (imwielda Camilleri u armla Curmi) nafu wkoll li kien jiġi iben Francesco Attard u Rosa Grima.[20] Dan Francesco Attard ukoll nafu diversi affarijiet dwaru, għax hu wkoll kien bniedem prominenti u kellu rwol importanti f'mument tant delikat u movimentat fl-istorja ta' Malta.

Nerġgħu mmorru ftit ieħor lura. Kien preċiżament fit-13 ta' Ġunju 1798 meta l-flotta Franċiża ta' Napuljun Bonaparti (li kien residenti fil-Belt Valletta) taħt it-tmexxija tal-Ġeneral Jean-Louis Ebénézer Reynier (1771-1814) dehret fil-kosta t'Għawdex lesta biex tinvadi. Għal xi s-siegħa ta' waranofsinhar, waqt li s-suldati Franċiżi bdew jiddisimbargaw fuq dgħajjes żgħar sabiex jibdew l-invażjoni, il-frejgati *Alceste*, *L'Etoile* u l-korvetta *Le Pluvier* bdew jisparaw fuq il-batterija tar-Ramla l-Ħamra u t-Torri ta' Sopu. It-Torri ta' Sopu rritalja u fetaħ in-nar fuq il-Franċiżi. Iżda meta s-suldati Franċiżi bdew neżlin l-art u telgħin mal-irdum, id-difiża Għawdxija malajr indunat li qatt ma setgħet iżżommhom. Il-Franċiżi baqgħu telgħin in-Nadur fejn jidher li sgassaw il-bibien tal-Knisja tan-Nadur u serqu dak li dehrilhom li jiswa l-flus. Wara waqfa fin-Nadur, huma għaddew għall-fortizza ta' Chambray.

Il-Franċiżi iżda bdew iġibu ċertu bidliet fl-amministrazzjoni li kienu mnebbħin mill-ideat revoluzzjonarji tal-Libertà, il-Fraternità u l-Ugwaljanza. Fost il-ħafna riformi li bdew jagħmlu kien hemm dawk amministrattivi. Huwa qasmu lill-Għawdex f'żewġ muniċipalitajiet: Il-Muniċipalità tax-Xagħra li kienet tinkludi x-Xagħra, in-Nadur u ż-Żebbuġ u l-Muniċipalità t'Għawdex li kienet tiġbor il-bqija tal-gżira. Kull raħal kellu jibgħat ir-rappreżentanti tiegħu fil-muniċipalità sabiex jirrappreżentaw lill-bqija tal-poplu.

Il-Muniċipalità tax-Xagħra nafu li kienet iffurmata minn dawn il-membri: Dun Vincenzo Cauchi, kappillan tax-Xagħra (President), Benignio Cutajar (Segretarju) u Dun Fortunato Grech, Bartolomeo Busuttil, Giovanni Maria Sapiano u Francesco Attard (membri). L-aħħar tnejn kienu proprju r-rappreżentanti tal-poplu Naduri (li jinkludi wkoll il-Qala, l-Imġarr, Għajnsielem u Kemmuna). Mela Francesco Attard, missier is-Sindku Salvatore Attard

kien diġa' bniedem ta' ċertu prominenza fir-raħal li ntagħżel huwa biex jirrappreżenta lill-poplu Naduri fil-Muniċipalità. L-ieħor, Giovanni Maria Sapiano (1745-1830) kien kjeriku (allura tal-iskola) u ħu l-kappillan tan-Nadur Dun Francesco Sapiano (1736-1812).[21]



*Triq Franġisk Attard - in-Nadur*

Għalfejn intgħażel Francesco Attard sabiex ikun rappreżentant tal-poplu fil-Muniċipalità, u allura fit-tmexxija tal-gżira? Ir-raġuni kienet proprju għaliex dan Francesco Attard kien preżentament jokkupa l-kariga ta' Sindku tan-Nadur meta ġew il-Franċiżi f'Għawdex fl-1798. L-istorja tal-Franċiżi ma' tantx kellha ttul. Proprju ftit anqas minn tliet xhur wara dan kollu, f'Settembru tal-istess sena, l-Għawdxin qamu għall-Franċiżi u ffurmaw gvern għalihom taħt it-tmexxija tal-Arċipriet tal-Matriċi l-Kan. Saverio Cassar (1746-1805), mgħammed fil-parroċċa tan-Nadur, li aktar tard beda jissejjaħ Gvernatur ta' Għawdex indipendenti taħt il-protezzjoni tar-Renju ta' Sqallija.[22] Dan kien it-tmiem ukoll tal-Muniċipalitajiet u tar-riformi li bdew iġibu l-Franċiżi f'Għawdex. L-isem ta' Francesco Attard ma jidhirx aktar. Fin-Nadur ġiet imsemmija triq għal Francesco Attard li tidħol minnha minn Triq San Blas. Iżda mir-reġistri tal-parroċċa nistgħu niffurmaw lista tal-individwi li kienu jokkupaw il-karigi ta' Sindku tan-Nadur mit-twaqqif ta' dan l-uffiċċju fi żmien il-Gran Mastru de Rohan fl-1785 'il quddiem.[23]

Dawn huma:

I. Serafino Rossi (ċ1785-1789) (Twieled l-Isla: 30/09/1739 - Miet: 25/02/1813?) Kjeriku miżżewweġ.
II. Clemente Agius (ċ1789-1795)
III. Francesco Attard (ċ1795-1800) (Twieled in-Nadur: 08/021740 - Miet in-Nadur: 27/11/1800)
IV. Felice Grech (ċ1800-1813) (Miet in-Nadur: 04/11/1844)
V. Salvatore Attard (ċ1813-1820)[24] (iben Francesco imsemmi hawn fuq - Twieled in-Nadur: 04/03/1776 – Miet in-Nadur: 29/10/1845)

L-irwol tas-Sindku kien prinċipalment li jieħu ħsieb l-ordni pubblika, li l-bejjiegħa u l-ħwienet iħallsu t-taxxi u dawk li jifilħu jaħdmu ma joqgħodux jitgħażżnu. Kien ukoll awtorizzat li jaqta' kawżi li ma jaqbżux il-ħames skudi.[25] Meta spiċċa fix-xejn l-uffiċċju ta' Sindku tan-Nadur? Diffiċli ngħidu minħabba n-nuqqas ta' dokumentazzjoni. Li nafu fiż-żgur huwa li sal-1820 Salvatore Attard kien għadu jissejjaħ Sindku tan-Nadur. Nafu wkoll li l-ewwel Gvernatur Ingliż ta' Malta Sir Thomas Maitland (1760-1824) fl-1815 ħoloq il-pożizzjoni ta' Logotenent għall-Amministrazzjoni t'Għawdex li kellu s-Sindki jgħinuh. Fl-1828 insibu referenza għal Attard bħala Deputat. Dawn id-deputati baqgħu jassistu lil-Logotenent.[26] Wara l-mewt ta' martu Marija nsibu li Salvatore żżewweġ lil Rosa Grech fil-knisja ta' San Ġorġ, iżda milli jidher il-koppja għexet in-Nadur għaliex il-mewt tiegħu hija rreġistrata f'din il-parroċċa.[27]

Id-dar tas-Sindkijiet Attard, Francesco u ibnu Salvatore għadha wieqfa sal-lum u proprjetà tal-istess familja, iżda b'ħasra qed tiddeterjorja b'rata mgħaġġla u jista' jiżdied il-periklu li partijiet minnha jiġġarfu. Waqt li l-faċċata tagħha tinsab fi Triq San Ġwann, il-parti ta' wara tagħha fi Triq San Ġakbu tidher li hija eqdem. Ġo din id-dar hemm kamra semi-sotterranja li, skont xhieda orali li ntirtet, ġo fiha kienet għadha tidher il-katina tal-ħadid u tagħti x'wieħed jifhem li din setgħet kienet tintuża biex jintrabat magħha min kellu jittella' l-qorti u jiġi mgħasses tajjeb ħalli ma jaħrabx. Il-laqam 'tas-Sindkuwa' li l-familja Attard u dawk imnisslin minnha għad għandhom huwa wkoll marbut ma' dawn il-karigi ta' aktar minn mitejn sena ilu.[28]

Dettall importanti ħafna huwa l-bidu tal-korp tal-pulizija kif nafuh illum. Dan twaqqaf fl-1814. Peress li wieħed mill-funzjonijiet tas-Sindku kien li jżomm l-ordni fir-raħal, meta l-korp tal-pulizija beda jistruttura ruħu sew u jieħu l-ordni tal-pajjiż f'idejh, allura l-irwol ta' Sindku beda jiġi mxejjen bil-mod il-mod. Dan jista' jispjega għalfejn l-aħħar referenza ta' Sindku tan-Nadur, li kien Salvatore Attard insibuha fl-1820.

L-ewwel diċennji tal-ħakma Ngliża f'Malta ma komplewx fuq il-passi tar-riformi li bdew iġibu l-Franċiżi qabilhom. Kif rajna, ir-rappreżentazzjoni tal-irħula, u allura mill-aktar qrib tal-poplu fid-deċiżjonijiet naqset, jew inqatgħet għal kollox mat-tneħħija tal-uffiċċju tas-Sindku. Bħala Kolonja tal-Kuruna Malta lanqas biss seta' jkollha gvern rappreżentattiv u l-poter beda jitħalla kollu f'idejn il-Gvernatur, appuntat direttament minn Westminster. Minkejja li fl-ewwel nofs tas-sklu dsatax kienet ingħatat Kostituzzjoni li tippermetti Kunsill Konsultattiv, dan kien għadu 'l bogħod ħafna mir-responsabilità li kienet qed titlob il-klassi tal-politiċi u l-professjonisti Maltija. Huwa minnu li fl-1814 kien twaqqaf il-korp tal-pulizija, iżda dan mhux neċessarjament kien qed jiggarantixxi l-osservanza tal-liġi, waħda għaliex il-pulizija ma kinux imħarrġa biżżejjed u ħafna minnhom kienu lliterati,

u t-tieni għaliex ma kienx hemm numru biżżejjed li jista' jlaħħaq mar-rata ta' kriminalità.[29] Fil-fatt, fl-irħula l-kbar ta' Malta bħaż-Żejtun u oħrajn, l-Ingliżi kienu reġgħu waqqfu l-uffiċċju tas-Sindku fl-1839 li tawh ftit aktar poter minn kif kienu qabel.[30] Dawn kienu responsabbli mill-osservanza tal-liġi, kienu saħansitra assistiti mill-Pulizija u kellhom poteri Maġisterjali ċivili. Iżda, kif stqarr l-Avukat tal-Kuruna fl-1888 ma kienx jaqbel li dawn is-Sindki jkollhom il-poter li jaqtgħu kawżi, għaliex ma kienx ġust meta wieħed iqis li fl-irħula kulħadd ikun jaf lil xulxin.[31] Dan l-uffiċċju ta' Sindku ġdid li twaqqaf fl-1839 dam sa ma l-Ingliżi reġgħu neħħewh fl-1896.[32] Iżda minn dan l-aħħar uffiċċju l-irħula t'Għawdex ma jidher li gawdew qatt għaliex ma ġewx appuntati Sindki fih.

Kellhom jgħaddu 173 sena mill-1820 meta kien hemm l-aħħar Sindku tan-Nadur Salvatore Attard sa meta fl-1993 reġa' ġie mwaqqaf mill-ġdid dan l-Uffiċċju li kien okkupat minn Joe Tabone (1993-1996), u warajh Eucharist Camilleri (1996-1999), Dr Christopher Said (1999-2008), Miriam Portelli (2008-2012), Charles Said (2012-2015) u Edward Said (2015-    ), anke jekk b'responsabilitajiet differenti, u din id-darba elett direttament mill-poplu u mhux magħżul, iżda tajjeb li nirrikonoxxu l-mixja amministrattiva li wasslet saż-żmien li qed ngħixu fih illum. Hija mixja li turi żvilupp storiku skont il-bżonnijiet u l-ħtiġijiet li kien qed iħoss il-bniedem u s-soċjetà f'kull żmien partikulari.



*Sir Thomas Maitland, l-ewwel Gvernatur ta' Malta li abolixxa l-uffiċċju ta' Sindku tan-Nadur*

1 It-terminu 'għoxx' bil-malti antik kienet tfisser 'bejta', illum din it-tifsira tal-kelma għadha tinstab f'xi ismijiet ta' postijiet biss. Altrimenti l-kelma ħadet tifsira oħra.
Ara Simon Salafia, 'The Place-Names of Gozo', Vol. II l-1 Parti, (Malta, 2022), 214.
Ġ.P.F. Agius de Soldanis lejn nofs is-seklu tmintax jikteb hekk: 'Għosc tal Hhida – nido del milvo uccello di rapina.' Li bil-Malti tfisser: 'Għoxx il-Ħida – bejta tas-seqer'. Iżid ukoll li dan huwa post f'Malta u f'Għawdex hemm ġnien imsemmi hekk ukoll.
Ara Ġan Franġisk Agius Sultana, '*Damma tal-Kliem Kartaġiniż Imxerred fil-Fomm tal-Maltin u Għawdxin*', Roselle Carabott (editriċi), (L-Akkademja tal-Malta et al., Malta, 2016), 328.

2 Ġann Piet Franġisk Agius de Soldanis, *Għawdex bil-Ġrajja tiegħu*, trad. Ġużepp Farrugia, Vol. II, (1958, repr facs, Fondazzjoni Belt Vittorja, Għawdex 1999), 123.

3 Charles A. Gauci, 'The Heraldry of the Nobility and Gentry of Gozo – From Medieval Times until the Onset of British Rule,' f'*The Gozo Observer*, nru. 40, (University of Malta – Gozo Campus, Summer 2019), 21-31.

4 Alexander Bonnici, *In-Nadur: Ġrajjiet Kolleġġjata u Bażilika Mxebilkin fil-Ħajja Soċjali t'Għawdex*, Vol. I (Storja 11/RUĦ, Malta 1984), 86-92.

5 www.geneanum.com

6 Ibid. Fl-1613 ġie ppreżentat bil-benefiċċju u r-rettorat ta' *San Domenico ta Xilendi* f'*Hajn Juta*. Dan għammed lit-tarbija Angelo Galea fil-5 ta Frar 1616. Huwa twieled fit-30 t'Awwissu 1580 minn Gabriel D'Anastasio u Margerita nee Parnis, bint Pawlu Parnis. Dun Pietro d'Anastasi Vigaru Parrokkjali. Ara:
Horatio Caesar Roger Vella, *The Earliest Church Register in Gozo 1554-1628*, (Malta, 2010), 150.

7 Arkivju Nazzjonali ta' Malta, Sezzjoni Għawdex, *Guljana Masini*.
Ara wkoll Vella (2010), 23.

8 Gauci (2019), 21.

9 Ġann Piet Franġisk Agius de Soldanis, *Għawdex bil-Ġrajja tiegħu*, trad. Ġużepp Farrugia, Vol. I, (1936, repr facs, Fondazzjoni Belt Vittorja, Għawdex 1999), 102-111.

10 Bonnici (1984), 88-91

11 De Soldanis Vol. II (1999), 123.

12 Ibid., 147.

13 Għal bijografija ta' Dun Saverio d'Anastasio ara:
Vincenz Borg, f'Dumink Camilleri, *San Koronatu Martri Meqjum fil-Kolleġġjata-Bażilika tan-Nadur*, (Vigilat 13, Malta 2004), 67-68.

14 Madwar 30 gramma.

15 Bonnici (1984), 322-323

16 Evelyn Pullicino, *Breaking the Law in Nineteenth Century : An Analysis of the Criminal Court Records 1838-1888*, (Midsea Books, Malta 2023), 54.

17 William Zammit, *Kissing the Gallows: A Cultural History of Crime, Torture and Punishment in Malta, 1600-1798*, (BDL Publishing, Malta 2016), 51

18 Ibid.

19 *'... uxor Sindaci Salvatoris Attard...'*
Arkivju Parrokkjali Nadur, *Liber Mortuorum*, Vol. III (1812-1856), f. 23.

20 Arkivju Parrokkjali Nadur, *Liber Matrimoniorum*, Vol. II (1778-1827), f. 120.

21 Alexander Bonnici, *In-Nadur: Ġrajjiet Kolleġġjata u Bażilika Mxebilkin fil-Ħajja Soċjali t'Għawdex*, Vol. II (Storja 15/RUĦ, Malta 1988), 271-278.

22 Ibid.

23 Ibid., 21.

24 Ibid.

25 Għal tagħrif ġenerali ara:
https://vassallohistory.wordpress.com/local-government-1773-1993/
Wieħed għadu jista' jara d-dar tas-Sindku ta' Ħal Qormi Stanislaw Gatt li bħal dak tan-Nadur għadha wieqfa sal-lum u wkoll kien involut fi żmien il-Franċiżi:
https://dinlarthelwa.org/wp-content/uploads/2012/02/Qormi-Walks-9.pdf

26 Joseph Bezzina with Joe Muscat, *In-Nadur: The Village of the Rising Sun*, (Nadur Local Council/Gaulitana, Malta, 2007), 18-19.

27 Bonnici (1988), 21

28 Bonnici, (1984), 326.

29 Pullicino (2023), 74-75, 84

30 Ara per eżempju:
Herbert Gandado, *Rajt Malta Tinbidel*, Vol. II, 2ni ed. (Malta, 1977), 34

31 Pullicino (2023), 81-82

32 https://timesofmalta.com/article/malta-s-police-force-first-40-years-joseph-f-grima.966622

# X'ĠARA FIN-NADUR MITT SENA ILU

MARIO SALIBA ©



Mitt sena ilu l-ħajja fin-Nadur kienet ħafna differenti minn dik tal-lum. Ftit kont tara cranes u siti ta' kostruzzjoni kif tara llum. In-nies kienet medhija fix-xogħol fil-għelieqi (jew sajd), f'affarijiet tal-knisja u b'ħerqa tistenna l-festa tar-raħal, il-Milied jew il-Karnival. Kienu għadhom jaħkmu l-konsegwenzi indiretti tal-gwerra. Għawdex ma kienx ġarrab l-effetti tal-gwerra daqs Malta. Il-ħajja, għajr f'ċerti postijiet li ntlaqtu sewwa mill-bombi, baqgħet għaddejja xorta waħda. Malta kienet akkwistat gvern responsabbli permezz tal-Kostituzzjoni Amery tal-1921. Issa konna nistgħu mmexxu aħna f'ħafna affarijiet li jolqtuna direttament bħas-saħħa, l-edukazzjoni, ix-xogħol u t-tmexxija normali tal-pajjiż. L-awtoritajiet bdew jaħsbu għal skejjel ġodda, sptarijiet u anki toroq u mezzi oħra moderni. Naturalment f'Għawdex l-affarijiet jiġu dejjem pass jew tnejn wara.

Fl-1924, l-Arċipriet tan-Nadur kien Dun Anton Camilleri li kien laħaq fl-1922 u dam biss sal-1926. Dan ħa r-riedni tal-parroċċa minn wara Dun Martin Camilleri u għalhekk ma kienx faċli għalih li jilħaq dik l-aspettattiva li n-nies kienet imdorrija bit-tmexxija ta' Dun Martin. Dan minkejja li Dun Anton, li kien ikbar minn Dun Martin, kien ta' spalla għalih waqt it-tkabbir tal-knisja u fl-aħħar snin tal-parrokat ta' Dun Martin. Barra l-Arċipriet kien hemm tmien kanonċi, disa' qassisin u żewġ kjeriċi fil-parroċċa. Membri oħra tal-familja ta' Dun Anton kienu Dun Karm, id-Dekan tal-Kolleġġjata, li miet meta kellu biss 31 sena, u Rakela li kienet l-ewwel superjura tal-Mużew tal-Bniet fin-Nadur li kien l-ewwel qasam ta' San Ġorġ Preca li nfetaħ f'Għawdex. Fis-sajf tal-1924 Dun Karm ta` 29 sena kien għamel mawra sa Sqallija għax fil-25 ta' Awwissu kien għamel applikazzjoni (Nru. 1885/1924) għall-passaport. Dak iż-żmien in-Nadur kien parroċċa ta' 3,600 ruħ, waħda mill-ikbar parroċċi ta' Għawdex. Minħabba l-mard li kellu Dun Martin, Dun Anton kien ġa beda jagħmel xi xogħol fit-tmexxija tal-parroċċa fosthom l-aġġornament tar-reġistri tal-parroċċa. L-Isqof Giovanni Marija Camilleri OESA kien iġibu ħafna lil Dun Anton u għalhekk ma kinitx sorpriża li għażel lilu bħala suċċessur ta' Dun Martin. Fl-1924 twieled Dun Anton Borg Ta' Wiżu li ħadem ħafna biex il-parroċċa tan-Nadur ikollha l-istorja tagħha dokumentata f'żewġ volumi li kiteb Alessandru Bonnici OFM. Conv. Id-dfin fil-knejjes kien ġie pprojbit mill-Papa Benedittu XV, fil-25 ta' Mejju 1918. Minkejja dan fin-Nadur in-nies xorta baqgħu jindifnu fil-knisja peress li l-parroċċa kien għad ma kellhiex ċimiterju. Kien l-Arċipriet Dun Anton li fis-sena 1924 beda jaħseb biex jibni ċimiterju iżda dan il-proġett kien eventwalment inbeda mill-Arċipriet ta' warajh Dun Ġużepp Cassar.

Id-djoċesi ta' Għawdex kienet bdiet titmexxa mill-isqof żagħżugħ Mikiel Gonzi. Huwa kien maħtur Isqof ta' Għawdex, fit-13 ta' Ġunju 1924, u l-konsagrazzjoni

kienet saret fil-20 ta' Lulju fil-Konkatidral ta' San Ġwann. Fil-24 ta' Lulju ħareġ ittra pastorali fejn wera x'kienu l-prijoritajiet tiegħu dwar id-djoċesi ta' Għawdex u kif l-kleru kellu jġib ruħu u jilqa' kontra l-għedewwa tal-Knisja. Mill-ewwel wera ħeġġa kbira u kien idur kull raħal. Mitt sena ilu l-ħafa fost it-tfal kienet komuni. Madankollu l-Isqof Gonzi ried li biex is-subien ikunu abbatini jridu jxiddu xi ħaġa f'saqajhom. Anke t-tfal kollha li jitqarbnu riedhom ukoll jilbsu xi ħaġa f'saqajhom. Il-parroċċa tan-Nadur kellha diversi qassisin anzjani fosthom Dun Anġ Cassar li miet ta' 75 sena, fl-1 ta' Marzu 1924. Dun Anton kien jipprova jżomm il-kleru tal-parroċċa magħqud. Anki mitt sena ilu t-tmexxija ta' parroċċa ma kinitx faċli. Il-problemi anki dawk soċjali ma jonqsux. Wieħed irid isemmi li anki f'dan iż-żmien il-familja kienet iġġarrab ċerti problemi li jwasslu għas-separazzjoni tal-miżżewġin. Dan għadda minnu Dun Anton li ma seta' jagħmel xejn biex erba' familji ma jitkissrux u minkejja li għamel minn kollox Dun Anton ma seħħlux jerġa' jgħaqqadhom. Barra xi tliet jew erba' persuni li ma kinux qed jibdlu l-bullettin fi żmien l-Għid l-Insara l-oħra kienu jidhru li qed isegwu l-kelma tal-Knisja u jġibu ruħhom tajjeb. Dawn il-bullettini ma kienu xejn għajr speċi ta' biljetti daqs il-karta tal-identità tal-lum. Fuq quddiem il-bullettin kien ikollu bil-Latin f'liema knisja għandek tmur titqarben. Kien hemm minnhom kemm għal kbar u kemm għaż-żgħar, u l-kuluri tagħhom kienu differenti. Meta tmur titqarben fi żmien l-Għid is-sagristan jew l-abbati kien jeħodlok il-bullettin u jtik ieħor ġdid. Meta l-arċipriet kien jiġi jbierek kien jitolbok biex jara l-bullettin u jekk ma jkollokx bullettin ma kienx iberiklek id-dar u jerġa' joħroġ 'il barra. Minkejja dan kien innotat minn Dun Anton li kien hemm anqas ġuvintur li kienu qed jattendu għat-tagħlim tal-katekeżi. Ir-raġunijiet li ta Dun Anton kienu li ħafna żgħażagħ kienu qed jemigraw u oħrajn kienu qed jattendu klassijiet ta' filgħaxija biex jitgħallmu xi ħaġa biex ikunu jistgħu japplikaw biex jemigraw. Dik il-ħabta f'Għawdex l-illitteriżmu fost il-poplu kien għadu fl-aqwa tiegħu. Ftit ħafna kienu n-nies li jafu jiktbu u jaqraw bil-Malti aħseb u ara b'lingwi oħra. In-numru ta' tfal subien li kienu jattendu l-iskola primarja tal-Gvern kien 176 u bniet kien hemm 159 (NSO. Historical Statistics. Education: Section 17). F'Diċembru tal-1924, kienet ħarġet liġi biex it-tfal iż-żgħar iridu bilfors jattendu l-iskola elementari. Għalkemm kważi t-tfal kollha żgħar kienu jibdew l-iskola tan-nuna jew elementari għax dan kien mezz kif l-ommijiet kienu jeħilsu ftit mit-tfal biex ikunu jistgħu jlaħħqu mal-faċendi tad-dar. Meta t-tfal kien ikollhom mal-għaxar snin kienu jimpenjawhom fix-xogħol fir-raba' u jibagħtuhom jirgħu l-bhejjem fil-għelieqi. Dan kien iżomm lit-tfal bogħod mill-edukazzjoni u ħafna tfal jispiċċaw bla tagħlim mingħajr ma jkunu jafu jiktbu u jaqraw.

Kien hawn nuqqas kbir ta' xogħol u allura faqar kbir. In-nies ma kellhomx x'jilbsu għalkemm għall-festa kulħadd kien ikollu l-ilbies tal-okkażjoni. Ħafna kienu ħafjin u ftit oħrajn bil-qorq. In-nies bil-ġlekk kont tgħoddhom. Min kellu xi sold kien jibża' għalih għal meta jiġi bżonn. Ma kienx hawn għajnuna soċjali għal min hu bla xogħol. Xi waħdiet kienu marru jgħixu Malta bil-familja u xi ftit oħrajn kienu jaħdmu Malta. Matul il-ġimgħa joqogħdu Malta f'daqsxejn ta' terran u kull nhar ta' Sibt kienu jiġu Għawdex. L-emigrazzjoni kienet l-unika tama biex jistgħu jgħinu lill-familja u jibnu futur aħjar għalihom u għal uliedhom. Fl-1924, min-Nadur biss, kienu siefru 29 raġel kollha lejn Franza jew l-Awstralja, għajr wieħed minnhom li mar l-Alġier. Dan kien iż-żagħżugħ Carmelo Vella li kien ħaddiem tar-raba'. Dawn iż-żgħażagħ kollha kienu bla skola u bla sengħa u l-emigrazzjoni kienet l-uniku mod kif itejbu l-ħajja tagħhom minkejja li kienu qed jitbiegħdu mill-familji tagħhom. Kien hemm ukoll żewġ xebbiet, Carmela Debono ta' 19-il sena li kienet minn Ta' Grunju, u Rosa Debono ta' 21 sena minn Triq Ta' Said, li siefru lejn il-Kanada. Iż-żgħażagħ li jemigraw kienu jbatu ħafna. Dawn għaddew minn tbatija, taqtigħ il-qalb, miżerja u perikli. Bogħod mill-għeżież tagħhom jispiċċaw joqogħdu ġo xi kamra li jkun fiha xi erba' persuni. Ix-xogħol kien iebes u għal ħinijiet twal. L-ewwel skola ta' filgħaxija kienet infetħet fis-sena 1923. Tajjeb li wieħed isemmi li għall-bidu tas-sena 1924, il-parroċċa tan-Nadur kienet uriet il-ħsieb li tibni kappella n-naħa ta' San Blas. Il-Perit Arturo Bondì[1] li kellu x'jaqsam mal-bini tal-knisja tal-Madonna ta' Pinu, kien imqabbad biex jagħmel pjanta. Il-pjanta kienet intbagħtet l-Uffiċċju tas-Saħħa Pubblika u lill-Kurja tal-Isqof għall-permessi meħtieġa, imma l-ħsieb sfaxxa, u kollox baqa' fuq il-karta.

Il-festa tal-1924 kienet għadha ssir mingħajr dawl elettriku u biex issir il-festa kien hemm ħafna spejjeż biex jinxtara l-faħam, iż-żejt u l-pitrolju għall-illuminazzjoni tal-fjakkli. Biex wieħed ikun jista' jqabbel il-prezzijiet ta' dak maż-żmien tal-lum, il-fjakkli kienu jiġu jiswew qrib £20 filwaqt li l-ħlas tal-lukanda għall-bandisti kien ta' £2 (kull £1 hija ekwivalenti għal €80 ta' żmienna). Mitt sena ilu ħaddiem bla sengħa kien jaqla' xelin kuljum.

Bħala poplu li jħobb il-festi n-Nadurin barra l-festa titulari f'ġieħ San Pietru u San Pawl kienu jiċċelebraw festi oħra msejħa minuri fosthom ta' San Koronatu li dejjem kienet taħbat fit-tielet Ħadd ta' Novembru. Fis-sena 1924 kienu ġabu l-banda tal-Mellieħa, l-Imperial. Indrì Muscat li kien jieħu ħsieb in-nar tal-festa ma naqasx li jaħraq xi ftit murtali f'San Koronatu ta' din is-sena li qed insemmu. Festi oħrajn li saru b'mod żgħir permezz ta' purċissjoni qasira bl-istatwa mad-dawra tal-knisja kienu San Ġużepp, il-Madonna tar-Rużarju, u d-Duluri. Purċissjonijiet oħrajn kienu tal-Kwaranturi,

[1] Arturo Bondì kien kompla hu bħala perit inkarigat mill-bini tal-knisja Ta' Pinu wara li l-Perit Andrea Vassallo li kien għamel il-pjanti ma baqax responsabbli mix-xogħol tal-bini wara li kien hemm xi nuqqas ta' qbil bejnu u l-bennej Vitor Vella.

tal-Korpus, tal-Qalb ta' Ġesù, u ta' San Pietru tal-Ktajjen. Dun Anton jibqa' jissemma l-iktar għall-ħiliet tiegħu mużikali. Tħarreġ sew fil-mużika, kien organista tajjeb u iktar tard ikkompona mużika sagra li għadha tindaqq sal-lum. Dun Anton miet qasir il-għomor, fit-18 ta' Ottubru 1926, fl-età ta' 54 sena kawża ta' komplikazzjonijiet mill-marda tad-dijabete li dak iż-żmien ma kien hemm ebda kura għaliha. Il-familja ta' Dun Anton u Dun Karm baqgħet magħrufa bħala tad-Dekan għax dan it-titlu kien għadu jintiret peress li kien ġie ffondat mill-familja Camilleri.

Il-ħajja politika u soċjali tal-pajjiż kienet waħda mqanqla. Fl-1924 saru l-elezzjonijiet ġenerali. Dak iż-żmien ftit kienu l-Għawdxin li kellhom il-kuraġġ biex jippreżentaw lil ħuthom fil-Parlament u min kien joħroġ għall-elezzjoni kien ikun xi avukat jew tabib mir-Rabat. Barra minn hekk in-nisa kienu għadhom bla vot. Kien jivvota biss min kellu impieg u ċertu ammont ta' dħul permezz ta' propjetà. Din is-sistema kienet tissejjaħ plural voting, jiġifieri min kellu propjetà f'diversi distretti kien ikollu aktar minn vot wieħed. Dawn kienu n-negozjanti u n-nobbli. Il-qassisin kienu jistgħu joħorġu kandidati għall-elezzjoni wkoll. Il-partiti kienu erbgħa, l-Unione Politica Maltese (UPM), l-Partito Democratico Nazzjonalista (PDM) ta' Nerik Mizzi, il-Partit Kostituzzjonali ta' Strickland u l-Partit Laburista mmexxi minn Savona flimkien ma' sitt kandidati Indipendenti. L-iktar argument li jaħraq kien il-kwistjoni tal-lingwa. Minkejja dan f'raħal bħan-Nadur il-popolin ma tantx kien jinteressah minn din il-kwistjoni għax l-uniku lingwa għalih kienet il-Malti kif mitkellem. Il-quddies kien bil-Latin u fil-Qorti l-avukati jitkellmu bit-Taljan. Miskin Ċikku l-poplu meta ried jiffaċċja l-ġustizzja. Il-Partit Nazzjonalista kien favur it-Taljan u l-Partit ta' Strickland kien favur l-Ingliż. Min-naħa l-oħra l-Partit Laburista kien jagħti iktar importanza lill-Malti bħala l-lingwa ewlenija tal-poplu. Fl-1924 bis-saħħa ta' mozzjoni mressqa mill-membru parlamentari Laburista Turu Mifsud, il-Gvern aċċetta li jippubblika l-grammatika tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, it-*Tagħrif fuq il-Kitba Maltija*, miktub minn Ninu Cremona u Ġanni Vassallo. Sal-lum dan il-ktieb għadu meqjus bħala l-qofol tal-ortografija u l-grammatika tal-Malti.

L-elezzjoni saret fid-9 u l-10 ta' Ġunju. Il-UPM u l-Partit ta' Strickland ġabu għaxar membri kull wieħed. Il-UPM ingħaqad mal-PDM li tella' ħames membri u għaqdu gvern ta' minoranza biex il-Partit ta' Strickland safa fl-oppożizzjoni. Għal Għawdex kienu eletti Nerik Mizzi, il-Konti Sir Gerald Strickland u żewġ kandidati bl-istess isem ta' Giuseppe Micallef, wieħed kien avukat (il-Barkuna, avukat u studjuż mill-aqwa) u l-ieħor it-Tabib tas-Sanità. Fin-Nadur kemm Strickland u kemm Mizzi kienu jgawdu minn ċerta popolarità. Strickland kien jagħmel il-meetings tiegħu fuq in-naħa tal-pjazza li jgħidulha tan-Noni u Mizzi fuq in-naħa l-oħra tad-Dekan. F'wieħed minn dawn il-meetings ta' qabel l-elezzjoni li sar minn Strickland fil-11 ta' Mejju kienet inġabret folla ta' 600 ruħ. Fil-meeting tkellem wkoll it-Tabib Giuseppe Micallef (it-Tabib tas-Sanità) li kien l-uniku kanditat Għawdxi ma' Strickland (Okk.170:1924, nru. 271). Jingħad li Strickland kien wiegħed li jkabbar il-pjazza tan-Nadur billi fuq in-naħa tal-lemin inti u tħares lejn il-knisja ma jitlax bini u hekk in-Nadur ikollu pjazza kbira u sabiħa quddiem il-knisja maestuża tiegħu. Dan il-pjan sfaxxa minkejja li iktar tard, fl-1927, il-Partit ta' Strickland rebaħ l-elezzjoni, u Strickland sar Prim Ministru ta' Malta. Ftit ftit bdiet il-gwerra bejn il-Knisja u Strickland u kienu ħarġuha li Strickland kien Mażun. Dak iż-żmien il-mażunerija kienet xi ħaġa kkundannata bil-qawwi mill-Knisja. Fin-Nadur dan l-inkwiet inħass ukoll u xi wħud bdew jitbiegħdu mis-sagramenti u jgħidu kontra l-Knisja. Imma dan jiftaħ kapitlu ieħor tal-istorja li jmur 'l hemm mill-ħsieb tagħna.

Minkejja dan kollu l-ħajja fin-Nadur baqgħet waħda kwieta u sempliċi. Il-Knisja kienet għadha tgawdi fiduċja sħiħa u kellha saħħa li tinfluwenza lill-poplu mhux f'dik li hija ħajja ta' ġabra u talb biss. L-ambjent reliġjuż kien jinħass man-nifs li jittieħed. Il-ħajja kienet iċċentrata madwar l-inħawi tal-knisja. It-truf tar-raħal kienu kollha kampanja u n-nies ta' spiss jitilqu passiġġata lejn fejn m'hemmx bini, u forsi kellhom l-għelieqi. In-nies baqgħet tħobb lill-Knisja u lill-parroċċa speċjalment il-festa tal-Imnarja li tkun mistennija bil-ħerqa ta' kull sena. In-nies tbakkar tisma' l-quddies kmieni. L-irġiel jisimgħu l-ewwel waħda tal-*Paternoster,* in-nisa ftit wara l-quddiesa jibqgħu sejrin għand tal-merċa biex jagħmlu x-xirja u jgħaddu l-forn għall-ħobż ukoll. Kienet tħaffef lejn id-dar biex tilħaq tagħmel il-borma fuq in-nar ittektek u wara tibda t-tindif u l-faċendi l-oħra tad-dar. Filgħaxija n-nies kienet tmur il-knisja għar-rużarju u l-barka sagramentali. Kienet titlob biex tagħmel ix-xita u meta tagħmel ix-xita bis-sajjetti jew ikun maltemp ikrah, il-qniepen tal-knisja kienu jdoqqu biex il-burraxka tieqaf. Wara l-bieb ta' barra kienet titqiegħed l-għażżiela biex il-Madonna tħares lil dik id-dar mis-sajjetti.

Ftit kien hemm avvenimenti oħra li seħħu. L-aħbarijiet dak iż-żmien kienu jinkisbu minn ħdejn il-vit pubbliku minn fejn in-nisa tad-dar kienu jġibu l-ilma li kellhom bżonn għax mhux kulħadd kellu l-bir jew l-ispiera fid-dar. Dawn il-vitijiet kien hawn diversi minnhom imxerrdin mat-toroq tan-Nadur anki bħal postijiet bħal San Blas. Minħabba n-nuqqas ta' ilma fid-djar u l-faqar kienu jġibu l-ħmieġ u l-ħmieġ kien iġib il-mard. Il-mard infettiv kien komuni. Il-marda tat-trakoma kienet tmarrad l-għajnejn ta' mijiet ta' tfal u anki kbar. In-nies kienet tuża l-ħalib tal-mogħoż frisk mingħajr ma tgħallih

minkejja t-twissijiet tas-Sanità. Ħafna kienu jimirdu bid-deni rqiq li kien iħalli konsegwenzi għat-tul. Il-mewt tat-trabi kienet komuni u meta tiġi aħbar bħal din jekk it-tarbija tkun imqiegħda f'tebut abjad u l-qniepen flok idoqqu l-mota kiebja, idoqqu l-'glorja' jew frejħa.

Mitt sena ilu, in-Nadur kien raħal bħall-oħrajn fejn il-ħajja kienet pjuttost kwieta. In-nies kienu jgħixu fil-paċi, jaraw filgħodu kmieni x-xemx tielgħa ħamra u f'saħħitha min-naħa tal-Grigal fuq l-għolja tan-Nadur, jagħmlu x-xogħol tal-ġurnata, u filgħaxija jsellmu lix-xemx nieżla fuq in-naħa l-oħra tal-punent tal-gżira. U jieħdu l-mistrieħ tagħhom. Rari kien jinqala' xi inċident gravi jew xi diżgrazzja. Ma nsibu xejn minn dawn li ġraw fis-sena 1924. Kien hemm inċident kurjuż li miegħu kellu x'jaqsam l-Arċipriet Dun Anton. Skont l-Okkorrenzi tal-Pulizija 168 (1924) nru. 2484, l-Arċipriet Camilleri fit-12 ta' Jannar fil-erbgħa ta' wara nofsinhar mar l-għassa tal-pulizija u għamel rapport li ċertu raġel ta' ġilda sewda kien 'ħataf' tifla ta' sentejn li kienet weħidha fit-triq li minn Nadur tagħti għall-Qala. Skont l-investigazzjonijiet mill-pulizija nstab li r-raġel kien ċertu wieħed Għarbi, Mohammed Cheddur ta' 48 sena, li kien joqgħod Villambrosa l-Ħamrun, Malta. Huwa kien żamm lit-tifla ta' sentejn u seba' xhur għandu għax ħaseb li ntilfet u ftit wara kien ta lit-tifla lil ċertu Paolo Camilleri Ta' Slaw mill-Qala li għadda lit-tifla lill-ġenituri tagħha. Kien ikun hemm ukoll xi rapporti ta' tilwim komuni bejn individwi, anki membri tal-istess familja, li jirriżulta f'feriti ħfief jew xi serq ta' xi oġġetti jew flus minn djar u anki serq ta' annimali jew prodotti tar-raba'. Fost diversi nsibu lil Lucio Haber ta' 46 sena, iben Marcello (Ta' Luzio), li għamel rapport fil-għassa li fuq medda ta' ħmistax xi persuna jew persuni mhux magħrufa kienu għamlulu ħsara li tammonta għal £2 fil-għalqa tiegħu u serqu kwantità ta' patata (Okk. 168:1924, nru. 2634). Ta' min jgħid li anki mitt sena ilu ma kontx tista' tħalli karettuni barra billejl mingħajr ma tixgħel fanal jew toħroġ skart tal-bini barra mingħajr ma tixgħel fanal billejl. Xi individwi kienu tħarrku mill-pulizija għax ħallew annimali bħal ħnieżer, nagħaġ u mogħoż jiġġerrew barra fit-triq.

Fl-antik l-irġiel kienu jsibu l-mistrieħ tagħhom ġo xi ħanut tal-inbid ilegilgu xi pinta, iserrħu l-ġisem għajjien wara ġurnata xogħol u jgħidu xi kelma dwar l-insib u l-kaċċa mal-ħbieb. Mhux l-ewwel darba li kienu jmorru bil-platt fil-ħanut biex ikomplu jieklu mal-ħbieb. Il-ħwienet kienu mingħajr ebda lussu. Xejn speċjali, kamra rranġata bid-dawl ta' xi lampa. Fis-sempliċità tagħhom dawn il-ħwienet kienu sbieħ għax kienu kumplimentari għall-ambjent raħli. Minn dawn il-ħwienet tal-inbid kien hawn diversi minnhom fil-madwar tal-knisja. Dan nafuh minn Okkorrenzi tal-Pulizija fejn is-sidien ta' dawn il-ħwienet ġie li kienu rrappurtati li qed iżommu persuni fil-ħanut jilagħbu l-logħob tal-ażżard. Fi Piazza Chiesa (Pjazza San Pietru u San Pawl) kont issib numru ta' ħwienet u anki fil-Piazzetta (Pjazza Arċ. Dun Martin Camilleri) kien hemm ħanut ieħor. Kien hemm sidien oħra li tħarrku li kienu minn Strada Grignu (Triq Ta' Grunju) u minn Strada Reale (Triq it-Tlettax ta' Diċembru). Biex tbigħ l-inbid mill-ħanut ried ikollok liċenzja mill-pulizija u mhux l-ewwel darba li persuna qalgħet ċitazzjoni minħabba f'hekk. (Okk. 174:1924, nri. 1530, 1560, u 1672). Anki biex tbigħ il-ħut mit-triq ried ikollok liċenzja. Dak iż-żmien il-pulizija li kienu jżommu l-ordni u jħarsu l-liġi fin-Nadur kienu s-Surġent G. Meilak (PS50), il-Kuntistabbli P.P. Camilleri (PC 485) u C. Xerri (PC527).

Anki mitt sena ilu l-klieb riedu jkunu reġistrati għand il-pulizija skont l-Artiklu 23 tal-Liġi. Dan l-Artiklu tal-Liġi kien jittratta wkoll ir-reġistrazzjoni u l-liċenzji ta' armi tan-nar. Darba waħda fi Frar għall-ħdax ta' filgħodu ċertu żagħżugħ Giuseppe Buttigieg Tal-Gidi ta' 22 sena minn Triq Ta' Cini (li kienet tagħmel man-Nadur) kien qed iġorr arma tan-nar f'idu li bi żball sparat u dan ġarrab ġrieħi ta' natura gravi f'idejh tax-xellug kif kien iċċertifikat mit-Tabib tad-Distrett Dr A. Pace. Il-pulizija kienu jħarrku numru ta' nies li kienu jinstemgħu jidgħu fil-pubbliku. Id-dagħa kien komuni ħafna anki mitt sena ilu. Darba minnhom l-Arċipriet irrapporta lil ċertu wieħed Malti li kien jidgħi, u li kien insultah ukoll.

Dak iż-żmien il-karozzi tan-nar kif kienu jsejħulhom kienu rari mit-toroq u f'Għawdex ftit kien hawn minnhom. Ċertu wieħed Malti Giuseppe Maria Lofranco ta' 26 sena mill-Ħamrun kien ġab karozza fin-Nadur u darba minnhom laqat fanal tad-dawl fi Strada Parroco (Triq il-Kappillan) u għamel ħsara li kienet tammonta xelin u nofs (Okk. 170:1924, nru. 275).

Meta wieħed iħares lejn it-temp insibu li mitt sena ilu l-ogħla temperatura reġistrata kienet ta' 40 grad Celsius fis-7 ta' Settembru, u lanqas waħda ta' 0.5 gradi Celsius fit-23 ta' Jannar. L-ammont totali ta' xita kien ta' 21 pulzier.

Kif rajna l-ħajja fin-Nadur mitt sena ilu ma kinitx waħda kwieta, paċifika fejn in-nies jgħixu fil-paċi ma' xulxin imma kien hemm ukoll bejniethom tilwim, argumenti, vjolenza kemm fiżika kif ukoll verbali. Għalhekk ipprovajt nagħti kwadru reali tal-ħajja soċjali fin-Nadur mingħajr irtokki ħalli jekk ikun hemm xi kruha tidher ukoll. Huwa kwadru kulurit li hu totalment differenti mill-ħajja moderna tal-lum. Minkejja dan kollu l-bniedem, jibqa' bid-difetti u n-nuqqasijiet tiegħu. Jgħaddu kemm jgħaddu snin il-bniedem jibqa' jagħmel l-iżbalji u l-affarijiet ħżiena u jeħodha kontra għajru. L-ambjent jinbidel imma l-bniedem jibqa' l-istess.

# LIEMA L-AĦJAR ŻMIEN?

DR CORONATO GRECH MD

Illum, fuq il-*Facebook*, sikwit issib min itella' stampi u xeni tal-ħajja rurali tal-imgħoddi tal-Gżejjer Maltin. Dawn jidhru trankwilli, kwieti u idilliċi: kampanja b'siġar, għelieqi u ħitan tas-sejjieħ, xi bidwi jagħżaq jew jaħrat bil-bhima, xi merħla mogħoż, u kappella fil-qrib; jew it-triq tar-raħal, bit-tfal jilagħbu fiha, nisa jitħaddtu fuq il-bankina, xi bidwi għaddej bil-ħmar u karettun, qassis bis-suttana miexi għal knisja li tidher fil-qrib, eċċ, eċċ. Ftit bini, ftit nies, ħafna wisa' u ħafna beraħ. Tidher ħajja ideali.

U b'kuntrast għal-lum, ma tantx jidher li kien hemm storbju ta' ħsejjes, konġestjoni tat-traffiku, (inkluż b'vetturi kbar: trakkijiet tal-ġebel jew *buses* enormi tat-turisti), kjuwijiet kull fejn tmur, tniġġis fl-arja, u tant nies ta' kuluri u lingwi differenti; u fl-isfond ma kienx hemm krejnijiet u bini għoli.

Issa, aktarx li ħafna minn dawk li jaqraw u jikkummentaw fuq il-*Facebook*, iqisu dawn ix-xeni rurali antiki bħala dawk ta' żmien meta l-ħajja kienet iktar kalma u kwieta, ta'inqas stress u kważi ideali. U sa ċertu punt hekk kienet. Imma mhux kollox kien daqshekk sabiħ. Ikkunsidra:

*Faqar.* Dari l-faqar kien komuni, anzi tallaba kienu komuni. Fir-ritratti antiki rurali n-nies, inkluż it-tfal, huma fil-biċċa l-kbira ħafjin u bi ħwejjeġ qodma u mqattgħin. Rari tidher ħafna ħxuna żejda. U n-nisa mingħajr ebda rtokk. U wċuħ aktarx maħruqa bix-xemx u mkemmxin b'ħafna xogħol fil-beraħ. M'hemmx nuċċalijiet tax-xemx. Madankollu għall-festa tar-raħal jew għal xi tieġ kienu jilbsu ħafna isbaħ, almenu bl-aħjar li kien ikollhom.

*Iġjene*. L-iġjene u l-attenzjoni għall-apparenza ma jidhirx li kienu ta' xi prijorità kbira. Dari, ilu sew, l-ilma tal-ispiera jew dak tal-bir, kien iservi għax-xorb, tisjir, ħasil u għall-bhejjem. Il-lussu tal-ilma tal-vit, ta' loki u kamra tal-banju huma pjuttost riċenti. Ilum bil-kumdità tal-vit, doċċa u geyser, diffiċli timmaġina d-diffikultajiet anke ta' ħasla ħafifa. Mhux għaġeb li forsi kienu inqas nodfa. U fis-sajf lanqas dejodoranti.

L-iġjene fis-snien lanqas kienet mill-aħjar. Li tispiċċa l-ikla b'tuffieħa jew tlaħliħa b'naqra nbid kien jgħin, kif ukoll il-fatt li kienu jieklu inqas ħelu. Imma ħafna kienu jitilfu snienhom kmieni, ħaġa li tant ixxejjaħ l-apparenza.

Inċidentalment il-loki, jew in-nuqqas tiegħu ma tantx kien ta' problema. L-imqajel tal-bhejjem, li kienu mad-dar kif tidħol qabel titla' t-taraġ għall-għorof, jew l-imnadar mdawrin bil-ħarrub u bajtar, kienu iktar minn biżżejjed.

Forsi b'riżultat ta' inqas ħasil, inqas tibdil ta' ħwejjeġ, bi mtieraħ tat-tiben, u b'tant annimali qrib, in-nemus, dubbien, briegħed u qamel ma kinux rari.

*Mard*. Mard minn dejjem kien hawn, dari u llum. Iktar diffiċli tgħid jekk naqasx jew żdiedx. Li huwa iktar żgur huwa li t-tip ta' mard inbidel. Dari l-infezzjonijiet kienu ħafna iktar komuni, waqt li llum il-kanċer jidher li huwa iktar komuni. U hemm raġunijiet li huma ovvji wkoll. Dari nuqqas ta' iġjene u nuqqas ta' antibijotiċi effettivi kien ifisser li ħafna mard illum ikkunsidrat kurabbli, kien spiss fatali. Min-naħa l-oħra, il-kanċer li huwa, ġeneralment, marda tax-xjuħija u llum n-nies qed jgħixu iktar.

L-agħar aspett tal-mard ta' dari kien dak tat-tfal li mhux rari kien fatali. Biżżejjed naqra gastroenterite, illum ittrattat bi ftit qratas, biex jinqalgħu kumplikazzjonijiet u t-traġedja ta' mewta żgħira oħra. It-trabi fuq is-sider kienu sa ċertu punt iktar protetti, imma meta kienu jagħtuhom jixorbu ilma mhux mgħolli mill-bir il-mortalità ferm għolja tat-tfal kienet waħda mill agħar aspetti tal-ħajja ta' dari. Rari li familja ma kinitx mimsusa. Probabbli kien il-wens u l-komfort tar-reliġjon, u l-konsolazzjoni soċjali li kważi kulħadd ilaqqatha, li żammhom f'sensihom.

In-nisa mbagħad, barra x-xogħol tad-dar u tar-raba', kellhom il-problema perenjali tat-tqala. U mingħajr edukazzjoni sesswali jew użu ta' kontraċettivi aktarx kienet tqala waħda wara l-oħra. Il-ħlas, li kien isir id-dar bl-għajnuna tal-majjistra u forsi t-tabib, kien partikularment riskjuż. Anke operazzjoni Ċesarja l-isptar, dari kienet ħafna iktar riskjuża, mhux l-inqas mil-loppju goff ta' dak iż-żmien. Madankollu, fil-biċċa l-kbira tat-twelid kollox imur sew u l-familji kienu fil-biċċa l-kbira numerużi ħafna. Imma dan kollu kien ta' stress kbir fuq

in-nisa li ta' tletin kienu jidhru ferm ixjeħ għalkemm forsi b'saħħithom. U sintendi, qatt ma joħolmu jiżbgħu xagħarhom, jirranġaw id-dwiefer jew anke naqra rtokk.

It-tobba stess lanqas kellhom ħafna mezzi għall-kura, għalkemm bl-Ingliżi f'Malta jieħdu ħsieb dawk il-baħrin u suldati kollha, wasslulna l-aħjar tobba u anke l-ewwel antibijotiċi, u dan xi ftit jew wisq laħqu l-popolazzjoni lokali. Madankollu t-tobba dak iż-żmien ma tantx kellhom kunċett ta' mediċina priventiva (apparti minn vaċċini) u l-pazjent ried ikun marid serju ħafna biex jasal jirrikorri għand it-tabib. Ċertament ma kinux ser imorru għand it-tabib biex jaraw jekk hux kollox sew, jew biex jieħdu xi testijiet dejjem għal li jista' jkun! Intant, fost il-mard komuni minn ta' dari, li llum naqas jew spiċċa kien hemm tuberkolożi, tetnu, kataretti tal-għajnejn, kumplikazzjonijiet tad-dijabete, u infezzjonijiet tal-ġilda.

*Edukazzjoni*. Dari, il-maġġoranza tan-nies tar-raħal kienu illitterati, la jafu jaqraw u lanqas jiktbu. L-iskola għat-tfal ma kinitx bilfors bil-liġi qabel is-sena 1946, u l-ġenituri, u inqas u inqas it-tfal, ma tantx kellhom ħeġġa jew mottiv għall-iskola. Kien hemm xogħol biżżejjed mal-bhejjem u fir-raba', barra l-gost tal-logħob fit-triqat, biex it-tfal iħabirku minn rajhom għall-iskola. Ir-riżultat kien li l-uniku sors ta' tagħlim u informazzjoni kien il-pulptu, li allura kellu influwenza qawwija ħafna. Il-gazzetti u kotba kienu jinqraw biss minn professjonisti u għalliema. In-nies illitterati meta kienu jirċievu xi ittra, wara l-qatgħa kbira li jieħdu, kienu jridu jmorru għand xi qassis biex jaqrahielhom. Sintendi l-edukazzjoni sekondarja u iktar u iktar dik terzjarja, kienet biss għat-tfal tas-sinjuri li minn fosthom kienu jilħqu l-professjonisti: tobba, avukati, nutara u periti. Illum l-Università ta' Malta hija b'xejn, (anzi bl-istipendju), u studenti bravi jistgħu jilħqu professjonisti minn kull strata tas-socjetà. Ċertament qatt ma kien hawn nies iggradwati daqs illum.

*Kumdità fid-dar*. Id-differenza fil-kumdità fid-dar bejn dari u llum hija enormi. Illum ilma kemm tiftaħ vit (u anke sħun jekk trid), kamra tal-banju b'doċċa/banju, loki bi flaxxing li fi ftit sekondi jmexxi kollox, mirja, dwal, bidè, eċċ. Kċina bil-*cooker* tal-gass jew elettriku li tqabbdu malajr mingħajr il-ħafna duħħan tal-kenur jew ir-riħa tal-pitrolju ta' xi kuċiniera Valor issaħħan bil-lajma, jew l-istorbju u t-taħbit ta' xi kuċiniera tal-istim. Ikel u xorb li jibqgħu friski għal ġranet twal fil-friġġ, jew xhur sħaħ fil-friża. U mhux għal naqra ilma friska fis-sajf trid iddendel bomblu bl-ilma fl-ispiera! Anke għad-dwejjaq tal-ħasil tal-platti llum hemm id-dishwasher. U għall-ħasil tal-ħwejjeg ma hemmx dak it-taħbit kollu ta' togħrik b'xi blokka sapun, dak l-għasir u dak it-tinfid kollu. Kollox għall-magna tal-ħasil. Illum nirrealizzaw dan il-lussu kollu kontinwu meta jmur l-ilma jew l-elettriku, imqar għal ftit sigħat.

Il-kumdità mbagħad, ta' meta qed tara t-televiżjoni, minn fuq is-sodda jew sufan, u trid taqleb stazzjon kemm itteftef ftit b'subgħajk fuq r-remote huwa lussu inkredibbli anke għal nies mhux ta' dari ħafna. Madankollu hemm xi tgħid ħafna tajjeb għal dawk l-iljieli sajfin, bil-familja fuq il-bejt jew setaħ, taħt sema kalm mimli kwiekeb u d-dawl tal-fanali tad-dulliegħ u bla distrazzjonijiet televiżivi.

U kotba! Dari, apparti minn xi dar ta' qassis jew xi nutar, rari kont issib xi ktieb fid-dar, inqas u inqas librerija żgħira. Illum bi prezz ta' ikla żgħira tista' tixtri ktieb li kapaċi jiftaħ tieqa meraviljuża fuq ix-xjenza, astronomija, storja, letteratura, reliġjonijiet, arti, eċċ, eċċ. Librerija żgħira b'kotba magħżula tajjeb hija sors enormi ta' gost, tagħrif, sodisfazzjon u riflessjoni. Dari, mgħobbijin kif kienu b'ħajja iebsa, faqar, u nuqqas ta' skola, ma kellhomx il-vantaġġi tal-lum għad-dinja tal-kotba, dinja li tant tagħmel il-ħajja ta' kwalità aħjar. Mingħajr il-kotba l-ħajja hija ħafna iktar fqira.

*Divertiment*, *passatemp u drawwiet*. Dawn huma importanti, dari u llum, imma bħal ħafna affarijiet oħra, tant huma differenti. Dari kienu josservaw iktar strettament il-Ħdud u l-festi kmandati, fejn kien isir biss l-iktar xogħol bżonnjuż. U festi kmandati kien hemm ħafna iktar. Pereżempju l-festi tal-appostli kollha kienu kmandati u xogħol ma jsirx. Imma bla dubju l-iktar festa popolari kienet dik tal-qaddisin patruni tar-raħal. Kienet il-festa l-kbira tas-sena, bil-baned, marċijiet, tlielaq, mixgħela, sparar, purċissjonijiet, bnadar, tiżjin, ikel u xorb u lbies naqra aħjar; u opportunitajiet għat-tfal biex jiġru, namur għaż-żgħażagħ, u l-adulti jitħaddtu fuq elf ħaġa. Li jixbah sew il-festi tal-irħula tal-lum li b'xorti tajba baqgħu popolari.

Fost id-divertiment l-iktar komuni ta' dari kien hemm l-għana, għana fuq kull suġġett u għal kull okkażjoni, b'għannejja rġiel u anke xi ftit nisa. Xi wħud kienu mfittxija biex ikantaw jew anke jdoqqu f'xi okkażjoni speċjali. Il-mużika wkoll kienet mfittxija, l-istrumenti kienu fil-biċċa l-kbira pjuttost sempliċi jagħmluhom huma, pereżempju, rubbaba, żaqq, betbut, flawt eċċ. Imbagħad kien hemm il-Karnival, storbjuż u goff iktar mil-lum.

Fost il-passatempi għall-irġiel kien hemm il-kaċċa u s-sajd u dari dawn kienu sors ta' ikel. L-insib kien ukoll komuni ħafna. In-nisa mgħobbijin bid-dar, tfal u bhejjem ma tantx jidher li kellhom passatempi. Probabbli l-aħjar mistrieħ kien meta jitħaddtu naqra xħin jiltaqgħu għall-ilma, imorru għal-ħobż, jew sempliċiment iduru qaqoċċa fit-triq ipaċpċu.

Drawwa komuni fl-irġiel ta' dari kienet li filgħaxija jmorru f'xi ħanut tal-inbid u bejn pipata u oħra, xi tazza nbid u tgerrim ta' ful, ċiċri u karawett, jgħaddu siegħa.

Illum id-divertiment huwa differenti ħafna, u tista' tghid ta' kuljum. Illum bil-meravilja tal-internet tista', mill-kumdità tad-dar, iżżur ġungli, pajjiżi remoti jew anke tara d-dinja mill-ispazju. Jew tara dokumentarji fuq kull suġġett, tisma' mużika klassika sublimi jew dik nostalġika tas-sittinijiet; jew tara films tal-gosti tiegħek, anke dawk antiki ħafna. Imbagħad hemm ħafna attivitajiet oħra sportivi, jew passatempi attivi, bħal mixi, li jpattu daqsxejn għal dak il-ħafna ħin bilqiegħda quddiem il-kompjuter.

Divertiment tal-lum li lanqas kienu joħolmu bih ta' dari, huwa l-meravilji tas-safar u l-ġiti.

*Iżolazzjoni u komunikazzjoni*. Dari l-irħula u l-abitanti tagħhom kienu ħafna iktar iżolati minn xulxin. Għax anke qadja sar-Rabat, u ta' bilfors biex tħallas il-qbiela, kienet ħarġa mhux tas-soltu. In-nies kienu kważi kollha dawk tal-post, dawk li twieldu fir-raħal, rari jiġu joqgħodu xi barranin, għajr minħabba xi żwieġ. U anke ż-żwiġijiet kienu ġeneralment bl-għarajjes minn tar-raħal stess, jekk ukoll mhux mill-istess triq, jew tant jiġu minn xulxin li kienu jridu jitolbu d-dispensa. Wara kollox kienu jgħidu "Ħmar tajjeb pajjiżu jinbiegħ." U allura kien hemm ħafna sens ta' solidarjetà u patrijottiżmu, ħafna drabi b'piki kultant assurdi bħal każ tal-bażilka (minuri) tan-Nadur.

Raġuni oħra għall-iżolazzjoni kienet in-nuqqas ta' komunikazzjoni. Il-komunikazzjoni bl-ittri kienet bil-mod ħafna; kienet trid iktar minn xahar biex tasal ittra (bil-baħar) mill-Awstralja. It-telefon, għajr forsi l-għassa tal-pulizija, kien rari. Xi telegramma minn xi qraba msefrin, imbagħad aktarx kienet tfisser xi aħbar ħażina ħafna.

U bin-nuqqas ta' komunikazzjoni u iżolazzjoni, ma tantx kienu jisimgħu aħbarijet u bilkemm kienu jkunu jafu x'qed jiġri fix-xena lokali u inqas u inqas madwar id-dinja.

Illum għandna komunikazzjoni instantanja bejnietna u madwar id-dinja. Bi ftit tektik tal-mowbajl kapaċi titkellem u tara, lil min tixtieq, madwar id-dinja. Dan barra li aħbarijiet lokali u internazzjonali deħlin kontinwament, kważi waqt li qed iseħħu. U tant informazzjoni oħra ta' kull xorta dieħla l-ħin kollu. Illum, jekk xejn, hawn informazzjoni żejda, u bħal fil-każ tal-kotba, trid tuża passatur fin biex tagħżel l-aħjar. Fi kliem ieħor trid kontinwament tuża analiżi kritika u ħsieb kritiku għal dak kollu li tara u tisma'.

*Konklużjoni*. Allura liema huwa l-aħjar żmien, ta' dari jew tal-lum? Diffiċli tgħid, hemm vantaġġi u żvantaġġi fuq kull naħa.

Pero' għat-tfal probabbli dari kien l-aħjar: iktar beraħ u triqat fejn jilagħbu, logħob jivvintawh huma (anke b'biċċa karta malajr jagħmlu arjuplan, vapur jew faqqusa), inqas laħam u inqas ħelu (u inqas ħxuna), familji iktar stabbli (u probabbli iktar dixxiplina), u jafu min huma u fejn huma. U m'hemmx id-distrazzjonijiet kontinwi ta' xi mowbajl.

U l-adulti? Probabbli l-ħajja tal-lum, b'tant opportunitajiet għall-edukazzjoni, għajnuna teknika fix-xogħol, kura tajba għall-mard, u iktar ħin liberu, fost ħafna oħrajn, jagħmel illum aħjar mill-bieraħ.

Però wara kollox, jekk hux aħjar jew agħar, iktar jiddependi fuq l-individwu milli ċ-ċirkustanzi. Kif kiteb Charles Dickens (1812-70) fil-bidu tar-rumanz klassiku *A Tale of Two Cities: "It was the best of times and the worst of times...........it was the spring of hope, it was the winter of despair."* U dan għaż-żminijiet tant imqallba u mdemma tar-Rivoluzzjoni Franċiża u r-Renju tat-Terrur.

Jew Ann Frank (1929-45) li anke fl-orruri indeskrivibbli tal-kamp tal-konċentrament Nażista fejn mietet, baqgħet kuraġġuża u ottimista sal-aħħar rigward l-umanità.

Forsi l-aħjar kwotazzjoni hija dik ta' John Milton (1608-74) fejn fil-poeżija monumentali *Paradise Lost* jikteb: *The mind is its own place and in itself can make a heaven of hell or a hell of heaven."*



# RESTAWR TA' KOTBA

L-arkivju tal-parroċċa qed jagħti servizz importanti lill-komunità lokali kif ukoll lil ħafna persuni li jgħixu barra minn Malta imma li huma mnisslin min-Nadur. L-arkivista Daniel Meilak għen lil bosta familji biex jiltaqgħu ma' qraba tagħhom anke wara li kienu nqatgħu l-kuntatti għal iktar minn mitt sena.

Ħafna minn dan ix-xogħol isir ukoll permezz ta' riċerka fir-reġistri u dokumenti oħra antiki li jinsabu fl-arkivju parrokkjali. F'din l-aħħar sena ttiħdet ukoll inizjattiva li permezz tagħha ġew irrestawrati l-Psalterium Dispositum li huwa ta' c.1798 u l-Breviarium Romanum li huwa tal-1802.









# XITA FIN-NADUR

## Kummenti Ġenerali Dwar it-Temp f'Għawdex fis-Sena 2023

## JANNAR – MARZU

- Fl-ewwel tliet xhur tas-sena 2023 kellna ammont ta' xita taħt in-normal f'Jannar u f'Marzu u xita aktar min-normal fi Frar. Frar tana 127.2 mm, jew terz tax-xita li niżlet matul is-sena kollha.
- Bejn it-8 u l-10 ta' Frar ħakimna 'l hekk imsejjaħ Medicane (Mediterranean Hurricane fil-qosor) li ngħata l-isem ta' Helios. Dan ġab 3 ijiem bla xemx, riħ qawwi ħafna li laħaq 88 km/h nhar San Pawl u 120 mm xita. F'Malta kien hemm postijiet li qabżu l-200 mm ta' xita.
- It-temperaturi kienu fil-biċċa l-kbira man-normal ħlief għal 4 ijiem bejn is-6 u 9 ta' Frar meta kellna temperatura massima bejn 9.7°C u 11.5°C. Matul il-lejl bejn il-5 u l-10 ta' Frar kellna 6 ijiem konsekuttivi b'temperaturi bejn 7.1°C u 8.3°C.

## APRIL - SETTEMBRU

- Fix-xhur bejn April u Settembru kellna biss 71.2 mm (ftit inqas minn 3 pulzieri) ta' xita. Dan kien taħt in-normal u n-nixfa li issa ilha taħkem il-Gżejjer tagħna għal diversi snin kompliet tmur għall-agħar.
- Mill-1 ta' Jannar 2023 sal-aħħar tal-istaġun tax-xita (31 t'Awwissu 2023) niżlu 250.4 mm (madwar 10 pulzieri), u li ma kienx għal Helios li ħakimna fi Frar, dan l-ammont kien jonqos bin-nofs.
- Settembru tana biss 4.4 mm ta' xita u dan ma tantx awgura tajjeb għall-istaġun il-ġdid tax-xita li beda fl-1 ta' Settembru.
- Is-sajf tat-2023 se jibqa' magħruf għall-mewġa ta' sħana eċċezzjonali li ħakmet il-Gżejjer Maltin bejn il-15 u l-25 ta' Lulju. Matul dawn il-11-il jum konsekuttiv, it-temperaturi massimi kienu dejjem iktar minn 35oC, u bejn l-20 u l-24 ta' Lulju kellna 5 ijiem konsekuttivi ta' temperatura ta' iktar minn 38oC.
- Kemm ilni nżomm ir-rekords tat-temp (mill-1975) qatt ma kellna mewġa ta' sħana daqshekk qalila li damet għal dak it-tul ta' żmien. F'Malta s-sħana kienet madwar 2oC iktar qalila, u matul il-lejl it-temperatura minima kienet qrib ħafna t-30oC.
- Kien hemm diversi ljieli fejn fis-2am jew 3am it-temperatura kienet tkun 32-33oC. Din is-sħana tremenda kkawżat ħsara estensiva fis-sistema tad-distribuzzjoni tal-elettriku u kawża ta' dan, diversi postijiet spiċċaw bla dawl għal ħafna sigħat. Fin-Nadur ħafna toroq damu madwar 30 siegħa bla dawl.
- Biss, jekk wieħed jikkunsidra s-sajf kollu, apparti minn din il-mewġa rekord ta' sħana, mill-bqija t-temperaturi baqgħu fil-medda normali u ma kellniex iktar heatwaves.

## OTTUBRU – DIĊEMBRU

- Ottubru kien xahar totalment xott u ma tana l-ebda xita. Mill-1850 'l hawn kien hemm biss 3 Ottubri oħra li ma tawna l-ebda xita, l-aħħar wieħed eżattament 100 sena ilu (1923) u t-tnejn l-oħra fis-seklu ta' qabel. Novembru u Diċembru wkoll kienu xotti b'ammont ta' xita ferm taħt in-normal. Mill-1 ta' Settembru sal-31 ta' Diċembru niżlet biss 93.2 mm ta' xita (inqas minn 4 pulzieri).
- It-temperaturi f'dawn it-tliet xhur kienu ħafna ogħla min-normal (madwar 4oC). Novembru u Diċembru kellhom ħafna jiem b'temperaturi ta' aktar minn 20oC. Anki matul il-lejl it-temperaturi baqgħu relattivament għoljin.
- It-total ta' xita li niżlet matul l-2023 kien ta' 343.6 mm (13-il pulzier u nofs). Dan hu madwar żewġ terzi tax-xita li suppost tinżel f'sena. U biex tagħqad ma tantx jidher li hemm prospetti għal ammonti sostanzjali ta' xita sa nofs Jannar 2024, fejn qed jigu mbassra temperaturi massimi ta' 20°C fl-ewwel ġimgħa tas-sena l-ġdida, xi ħaġa eċċezzjonali għal Jannar. Mhux ta' b'xejn is-sena 2023 kienet l-aktar waħda sħuna madwar id-dinja minn kemm ilhom jinżammu r-rekords tat-temp. U jidher li l-2024 mhux se tagħmlilha għajb.

**Joe Meilak – 01/01/2024**
**Nadur Weather Observatory**
**jmeilak@yahoo.com**

# XITA FIN-NADUR

## IT-TEMP FIN-NADUR MATUL IS-SENA 2023

JOE MEILAK Nadur Weather Observatory | 01/01/2024

| | JANNAR | FRAR | MARZU | APRIL |
|---|---|---|---|---|
| L-IKTAR JUM SĦUN - °C - (Jum) | 18.3 (3) | 19.8 (25) | 20.0 (26) | 23 (30) |
| L-IKTAR JUM KIESAĦ - °C - (Jum) | 11.7 (28) | 9.7 (7) | 14.3 (4) | 14.8 (6) |
| L-IKTAR LEJL SĦUN - °C - (Jum) | 14.9 (3) | 14.2 (25) | 14.4 (10) | 16.3 (30) |
| L-IKTAR LEJL KIESAĦ - °C - (Jum) | 7.4 (20, 28) | 7.1 (9) | 9.3 (3) | 10.3 (3) |
| MEDJA TAL-OGĦLA TEMPERATURA (°C) | 15.20 | 14.48 | 16.68 | 18.11 |
| MEDJA TAL-INQAS TEMPERATURA (°C) | 11.49 | 10.79 | 12.49 | 13.22 |
| TEMPERATURA MEDJA (°C) | 13.34 | 12.63 | 14.59 | 15.67 |
| L-IKTAR BUFFURA QAWWIJA - kmh (Jum) | 88 (10) | 88 (10) | 88 (11) | 77 (3) |
| *JIEM BIX XITA | 14 | 7 | 3 | 4 |
| JIEM BIR-RAGĦAD | 4 | 1 | 1 | 0 |
| L-AKTAR JUM BIX-XITA - mm (Jum) | 9.4 (22) | 99.4 (9) | 6.8 (3) | 11.6 (2) |
| XITA MATUL IX-XAHAR (mm) | 47.2 | 127.2 | 9.2 | 21.8 |
| JIEM BLA XEMX | 0 | 4 | 0 | 0 |
| TOTAL TA' SIGĦAT TA' XEMX | 222.3 | 205.1 | 314.7 | 311.9 |
| MEDJA TA' SIGĦAT TA' XEMX KULJUM | 7.17 | 7.33 | 10.15 | 10.40 |
| *Jiem li fihom għamlet xita Traċċa (inqas minn 0.1 mm) mhumiex inklużi | | | | |
| Total ta' xita matul l-2023: 343.6 mm **(13.53** pulzieri) | | | | |

| | MEJJU | ĠUNJU | LULJU | AWWISSU | SETTEMBRU | OTTUBRU | NOVEMBRU | DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-IKTAR JUM SĦUN - °C - (Jum) | 25.8 (27) | 31.9 (23) | 39.6 (23) | 32.6 (25) | 31.3 (19) | 28.8 (19) | 25.9 (1) | 21.9 (2) |
| L-IKTAR JUM KIESAĦ - °C - (Jum) | 17.2 (9) | 20.7 (6) | 26.2 (2) | 25.2 (7) | 24.4 (26) | 24.1 (26) | 15.3 (26) | 15.1 (20) |
| L-IKTAR LEJL SĦUN - °C - (Jum) | 18.3 (31) | 24.0 (23) | 29.8 (23) | 25.2 (4, 26) | 25.4 (21) | 24.7 (20) | 20.6 (1) | 19.3 (1) |
| L-IKTAR LEJL KIESAĦ - °C - (Jum) | 13.9 (15) | 17.8 (2,6) | 21.3 (3) | 21.7 (7,8) | 17.4 (26) | 21 (6) | 12.6 (24) | 12.1 (9,15) |
| MEDJA TAL-OGĦLA TEMPERATURA (°C) | 20.86 | 26.05 | 32.64 | 29.08 | 27.64 | 26.23 | 21.33 | 17.13 |
| MEDJA TAL-INQAS TEMPERATURA (°C) | 16.00 | 20.31 | 25.05 | 23.58 | 22.54 | 21.77 | 17.22 | 14.10 |
| TEMPERATURA MEDJA (°C) | 18.43 | 23.18 | 28.85 | 26.33 | 25.09 | 24.00 | 19.27 | 15.62 |
| L-IKTAR BUFFURA QAWWIJA - kmh (Jum) | 69 (15) | 60 (5) | 61 (26) | 64 (5,7) | 62 (23) | 48 (20,21) | | |
| *JIEM BIX XITA | 10 | 4 | 0 | 1 | 3 | 0 | 8 | 10 |
| JIEM BIR-RAGĦAD | 2 | 1 | 0 | 1 | 3 | 0 | 3 | 1 |
| L-AKTAR JUM BIX-XITA - mm (Jum) | 12.6 (21) | 4.8 (6) | - | 3.2 (21) | 2.4 (26) | - | 25.4 (22) | 12.2 (18) |
| XITA MATUL IX-XAHAR (mm) | 34.6 | 7.2 | 0.0 | 3.2 | 4.4 | Traċċa | 56.6 | 32.2 |
| JIEM BLA XEMX | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 2 |
| TOTAL TA' SIGĦAT TA' XEMX | 276.2 | 369.4 | 438.6 | 391.2 | 308.5 | 307.3 | 226.2 | 138 |
| MEDJA TA' SIGĦAT TA' XEMX KULJUM | 8.91 | 12.31 | 14.15 | 12.62 | 10.28 | 9.91 | 7.54 | 4.45 |
| | | | | | | | | |
| | | | | | | | | |

*Jiem li fihom għamlet xita Traċċa (inqas minn 0.1 mm) mhumiex inklużi

**Total ta' xita matul l-2022: 329.4 mm (12.97 pulzieri)**


ROMÆ
GENTIVM
L-ARĊIPRIET MAĦTUR
flimkien
MAL-KAPITLU U L-KLERU TAL-PARROĊĊA
jawguraw
il Festa t'Tajba
lil kulħadd



*Il-Parroċċa tan-Nadur tgawdi minn tliet Arċiprieti ħajjin – Mons. Salvu Muscat, Mons. Jimmy Xerri u Dun Krystof Buttigieg*


GRAZZI